Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 18 ta' April 2018**
**(OR. en)**

**7960/18**
**ADD 8**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0091 (NLE)**

**WTO 64**
**SERVICES 13**
**COASI 81**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 18 ta' April 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 192 final - ANNEX 4 - 1/3 |
| Suġġett: | ANNESS tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 192 final - ANNEX 4 - 1/3.

---

Mehmuż: COM(2018) 192 final - ANNEX 4 - 1/3

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.4.2018
COM(2018) 192 final

ANNEX 4 – PART 1/3

**ANNESS**

***tal-***

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun**

ANNESS 8-A

KOOPERAZZJONI REGOLATORJA DWAR IR-REGOLAMENTAZZJONI FINANZJARJA

Kooperazzjoni regolatorja

1. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien b'mod bilaterali u f'korpi internazzjonali bil-għan li jsaħħu ulterjorment l-istabbiltà finanzjarja globali, is-swieq ġusti u effiċjenti u l-protezzjoni tal-investituri, id-depożitanti, id-detenturi ta’ polza jew il-persuni li lilhom ikun dovut dmir fiduċjarju minn fornitur ta' servizzi finanzjarji (minn hawn 'il quddiem f'dan l-Anness imsejħa "kooperazzjoni regolatorja").

2. Fil-kooperazzjoni regolatorja tagħhom, il-Partijiet għandhom jibbażaw ruħhom fuq il-prinċipji u l-istandards prudenzjali maqbula f'livell multilaterali u jsegwu l-prinċipji stabbiliti fil-paragrafi 5 sa 12 kif implimentati fil-qafas previst fil-paragrafi 19 sa 21.

Kamp ta' applikazzjoni tal-kooperazzjoni regolatorja

3. Il-kooperazzjoni regolatorja għandha tkopri l-qasam kollu tas-servizzi finanzjarji, li għandu jinkludi wkoll l-oqfsa kontabilistiċi u tal-awditjar, sakemm ma jkunx maqbul mod ieħor mill-Partijiet.

4. Dan l-Anness għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-distribuzzjoni u l-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-awtoritajiet regolatorji u superviżorji tal-Partijiet. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-kooperazzjoni regolatorja tagħhom għandha tkun ibbażata fuq konsiderazzjoni xierqa tad-differenzi fl-istrutturi tas-suq u fil-mudelli kummerċjali li jistgħu jeżistu bejn il-Partijiet fil-qasam tas-servizzi finanzjarji.

Prinċipji tal-kooperazzjoni regolatorja

5. Kull Parti għandha tagħmel l-aħjar sforzi tagħha sabiex tassigura li l-istandards maqbula internazzjonalment għar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji jiġu implimentati u applikati fit-territorju tagħha. Dawk l-istandards maqbula internazzjonalment huma, fost l-oħrajn, l-istandards u l-prinċipji maħruġa mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli, u l-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja.

6. Il-Partijiet għandhom jagħmlu l-aħjar sforzi tagħhom sabiex jiksbu l-kompatibbiltà reċiproka tal-oqfsa regolatorji u superviżorji rispettivi tagħhom għas-servizzi finanzjarji b'mod li jappoġġa l-objettivi msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

7. Mingħajr preġudizzju għall-proċessi leġislattivi proprji tagħha, kull Parti għandha tagħmel l-aħjar sforzi tagħha sabiex toffri lill-Parti l-oħra l-opportunità li tiġi infurmata fi stadju bikri u li tipprovdi kummenti dwar l-inizjattivi regolatorji ppjanati fil-qasam tas-servizzi finanzjarji li jistgħu jkunu ta' rilevanza għall-Parti l-oħra.

8. Kull fejn ikun possibbli, il-Partijiet għandhom ikunu jistgħu jibbażaw fuq ir-regoli u s-superviżjoni ta' xulxin. Dan ta' hawn fuq għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull Parti li tivvaluta, abbażi tar-regoli proprji tagħha, b'mod partikolari l-kriterji għall-affidabbiltà, il-qafas regolatorju u superviżorju tal-Parti l-oħra bil-għan li tistabbilixxi l-affidabbiltà. Għall-finijiet ta' kwalunkwe valutazzjoni bħal din, Parti ma għandhiex tirrikjedi li r-regoli u s-superviżjoni tal-Parti l-oħra jkunu identiċi għar-regoli u s-superviżjoni proprji tagħha, iżda għandha tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq l-eżiti regolatorji.

9. Il-Partijiet għandhom iżommu lil xulxin infurmati dwar kif jipprovdu superviżjoni u infurzar effettivi tar-regoli għall-implimentazzjoni ta' standards maqbula internazzjonalment jew kwalunkwe regola oħra, b'mod partikolari fl-oqsma fejn waħda mill-Partijiet tibbaża fuq il-qafas regolatorju u superviżorju tal-Parti l-oħra.

10. Fil-proċess ta' formulazzjoni tal-inizjattivi regolatorji ppjanati tagħha fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, kull Parti għandha tikkunsidra b'mod xieraq l-impatti ta' dik l-inizjattiva fuq l-operaturi tas-suq u l-ġurisdizzjoni tal-Parti l-oħra.

11. Kull Parti għandha teżamina miżura li tkun inġiebet għall-attenzjoni tagħha permezz ta' talba speċifika, bil-miktub, mill-Parti l-oħra u li jista' jkollha impatt fuq l-abbilità tal-operaturi tas-suq li jipprovdu servizzi finanzjarji fi ħdan it-territorji tal-Partijiet, bil-għan li l-miżura ssir, sa fejn ikun possibbli, kompatibbli b'mod reċiproku.

12. Kull Parti tista' tirrevoka fi kwalunkwe ħin id-deċiżjoni tagħha li tibbaża fuq il-qafas regolatorju u superviżorju tal-Parti l-oħra u tmur lura għall-applikazzjoni u l-infurzar tar-regoli proprji tagħha, jekk ir-regoli u s-superviżjoni tal-Parti l-oħra ma jibqgħux ekwivalenti fir-riżultat, jekk il-Parti l-oħra tonqos milli tinforza r-regoli tagħha b'mod effettiv jew jekk ikun hemm kooperazzjoni insuffiċjenti tal-Parti l-oħra fis-superviżjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw ma' xulxin b'mod xieraq qabel ma jmorru lura għall-applikazzjoni u l-infurzar tar-regoli proprji tagħhom.

Forum regolatorju finanzjarju konġunt bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun

13. Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu l-forum regolatorju finanzjarju konġunt bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ f'dan l-Anness bħala l-"forum").

14. Il-forum huwa responsabbli mit-tmexxija tal-kooperazzjoni regolatorja bejn il-Partijiet. B'mod partikolari, il-forum jevalwa l-progress u jwettaq ippjanar bil-quddiem tal-kooperazzjoni regolatorja. Il-forum għandu josserva l-prinċipji ta' kooperazzjoni regolatorja stabbiliti fil-paragrafi 5 sa 12 kif implimentati fil-qafas previst fil-paragrafi 19 sa 21.

15. Il-forum għandu jkun magħmul minn rappreżentanti kemm tal-Kummissjoni Ewropea kif ukoll tal-Gvern tal-Ġappun, inkluża l-Aġenzija tas-Servizzi Finanzjarji, huma nkarigati li jittrattaw kwistjonijiet regolatorji tas-servizzi finanzjarji f'livell tekniku. Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull Parti li tiddeċiedi dwar il-kompożizzjoni tar-rappreżentanza tagħha fil-forum, kull Parti tista' titlob lill-Parti l-oħra tistieden rappreżentanti minn awtoritajiet regolatorji jew superviżorji finanzjarji oħra fit-territorju tal-Parti l-oħra bil-għan li jikkontribwixxu għad-diskussjonijiet u l-ħidma preparatorja tal-forum fi kwistjonijiet relatati mal-attività ta' dawk l-awtoritajiet regolatorji jew superviżorji finanzjarji. Il-Parti l-oħra għandha tikkunsidra b'mod pożittiv tali talba.

16. Il-laqgħat tal-forum se jkunu kopreseduti minn uffiċjali għolja tal-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija tas-Servizzi Finanzjarji tal-Ġappun.

17. Kull Parti fil-forum għandha taħtar punt ta' kuntatt sabiex jiffaċilita l-kooperazzjoni regolatorja. Il-forum jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma ta' esperti sabiex jeżaminaw kwistjonijiet speċifiċi.

…[Anness 8-A]/mt 5

18. Il-laqgħat tal-forum għandhom isiru b'mod alternat f'Tokyo, il-Ġappun u fi Brussell, il-Belġju, mill-anqas darba fis-sena, u kull meta l-membri tal-forum iqisu neċessarju.

Qafas għall-kooperazzjoni regolatorja

19. Il-forum għandu jiżviluppa u japplika qafas għall-kooperazzjoni regolatorja sabiex jimplimenta l-prinċipji stabbiliti fil-paragrafi 5 sa 12.

20. Il-qafas għall-kooperazzjoni regolatorja għandu jinkludi:

(a) mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni u konsultazzjoni mal-Parti l-oħra, f'forom xierqa, dwar l-inizjattivi regolatorji ppjanati, mingħajr preġudizzju għall-proċessi leġislattivi u amministrattivi ta' kull Parti;

(b) linji gwida dwar id-dipendenza fuq il-qafas regolatorju u superviżorju ta' xulxin, jekk ikun possibbli adattati għal kull qasam speċifiku tar-regolamentazzjoni finanzjarja;

(c) proċedura sabiex tiġi eżaminata miżura msemmija fil-paragrafu 11 li tkun inġiebet għall-attenzjoni ta' Parti permezz ta' talba speċifika tal-Parti l-oħra;

(d) linji gwida dwar il-governanza tal-forum;

(e) proċess għall-medjazzjoni teknika msemmija fil-paragrafi 22 sa 26; u

(f) jekk ikun maqbul hekk, kwalunkwe arranġament ieħor sabiex tittejjeb il-kooperazzjoni regolatorja.

21. Il-qafas għall-kooperazzjoni regolatorja jista' jipprevedi wkoll arranġamenti speċifiċi sabiex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni fis-superviżjoni u l-infurzar transfruntiera.

Medjazzjoni teknika

22. Id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Anness ma għandhomx ikunu soġġett għal soluzzjoni ta' tilwim skont il-Kapitolu 21.

23. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 22, kull Parti tista' titlob bil-miktub lill-Parti l-oħra biex tibda proċess ta' medjazzjoni teknika fir-rigward tal-prinċipji ta' kooperazzjoni regolatorja stabbiliti fil-paragrafi 5 sa 12. Il-proċess ta' medjazzjoni teknika jista' jinbeda biss wara li l-Partijiet jaqblu dwar l-użu tiegħu b'mod speċifiku.

24. Malli l-Partijiet jaqblu li jibdew il-proċess skont il-paragrafu 23, il-forum għandu jistabbilixxi grupp ta' ħidma għall-medjazzjoni teknika. Dak il-grupp ta' ħidma għandu jkun magħmul minn rappreżentanti ta' kull Parti u għandu jkun presedut minn medjatur bl-għarfien espert rilevanti li għandu jkun indipendenti miż-żewġ partijiet u li għandu jinħatar mill-forum.

25. Il-president maħtur skont il-paragrafu 24 għandu jissottometti rapport bir-riżultati tal-medjazzjoni teknika lill-kopresidenti tal-forum.

26. Il-Partijiet għandhom jaġixxu in bona fede fi kwalunkwe tentattiv sabiex isolvu kwalunkwe tilwima li tinqala' taħt dan l-Anness.

…[Anness 8-A]/mt 8

ANNESS 8-B

SKEDI GĦALL-KAPITOLU 8

ANNESS I

RIŻERVI GĦAL MIŻURI EŻISTENTI

Skeda tal-Unjoni Ewropea

Noti introduttivi

1. L-Iskeda tal-Unjoni Ewropea tistabbilixxi, taħt l-Artikoli 8.12 u 8.18, ir-riżervi meħuda mill-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' miżuri eżistenti li ma jikkonformawx mal-obbligi imposti minn:

   (a) l-Artikolu 8.7 jew 8.15;

(b) l-Artikolu 8.8 jew 8.16;

(c) l-Artikolu 8.9 jew 8.17;

(d) l-Artikolu 8.10; jew

(e) l-Artikolu 8.11.

2. Ir-riżervi ta' Parti huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-GATS.

3. Kull riżerva tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) "settur" jirreferi għas-settur ġenerali li fih issir ir-riżerva;

(b) "sottosettur" jirreferi għas-settur speċifiku li fih issir ir-riżerva;

(c) “klassifikazzjoni tal-industrija" tirreferi, fejn applikabbli, għall-attività koperta bir-riżerva skont is-CPC, ISIC Rev. 3.1, jew kif deskritt espressament mod ieħor f'dik ir-riżerva;

(d) "tip ta' riżerva" tispeċifika l-obbligu msemmi fil-paragrafu 1 li għalih tittieħed riżerva;

(e) "livell ta' gvern" tindika l-livell ta' gvern li jżomm il-miżura li għaliha tittieħed riżerva;

(f) "miżuri" tidentifika l-liġijiet jew miżuri oħra kif ikkwalifikati, fejn indikati, mill-element "deskrizzjoni" li għalihom tittieħed ir-riżerva. "Miżura" ċitata fl-element "miżuri":

 (i) tfisser il-miżura kif emendata, issoktata jew imġedda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

 (ii) tinkludi kwalunkwe miżura subordinata adottata jew miżmuma taħt l-awtorità ta' u konsistenti mal-miżura; u

(iii) tinkludi kwalunkwe liġi jew miżura oħra li timplimenta direttiva fil-livell tal-Istati Membri; u

(g) "deskrizzjoni" tistabbilixxi l-aspetti mhux konformi tal-miżura eżistenti li għaliha tittieħed ir-riżerva. Tista' tistabbilixxi wkoll impenji għal-liberalizzazzjoni.

4. Fl-interpretazzjoni ta' riżerva, għandhom jiġu kkunsidrati l-elementi kollha tar-riżerva. Riżerva għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-obbligi rilevanti tas-Sezzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom tittieħed ir-riżerva. Sakemm:

(a) l-element "miżuri" jkun ikkwalifikat minn impenn ta' liberalizzazzjoni mill-element "deskrizzjoni", l-element "miżuri" kif ikkwalifikat bħala tali għandu jirbaħ fuq l-elementi kollha l-oħra; u

(b) l-element tal-"miżuri" ma jkunx ikkwalifikat hekk, l-element tal-"miżuri" għandu jieħu s-sopravvent fuq l-elementi l-oħra, sakemm id-diskrepanza bejn l-element tal-"miżuri" u l-elementi l-oħra kkunsidrati fit-totalità tagħhom ma tkunx tant sostanzjali u materjali li ma jkunx raġonevoli li jiġi konkluż li l-element tal-"miżuri" jieħu s-sopravvent, f'liema każ l-elementi l-oħra jieħdu s-sopravvent sa fejn twassal id-diskrepanza.

5. Għall-finijiet tal-Iskeda tal-Unjoni Ewropea, "ISIC Rev. 3.1" tfisser il-Klassifikazzjoni Industrijali Standard Internazzjonali tal-Attivitajiet Ekonomiċi Kollha kif stabbiliti fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Serje M, Nru 4, ISIC Rev. 3.1, 2002.

6. Riżerva meħuda fil-livell tal-Unjoni Ewropea tapplika għal miżura tal-Unjoni Ewropea, għal miżura ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fil-livell ċentrali jew għal miżura ta' gvern fi ħdan Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, sakemm ir-riżerva ma teskludix Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Riżerva meħuda minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea tapplika għal miżura ta' gvern fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali fi ħdan dak l-Istat Membru. Għall-finijiet tar-riżervi tal-Belġju, il-livell ċentrali tal-gvern ikopri l-gvern federali u l-gvernijiet tar-reġjuni u l-komunitajiet billi kull wieħed minnhom għandu setgħat leġiżlattivi ekwipollenti. Għall-finijiet tar-riżervi tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha, il-livell reġjonali tal-gvern fil-Finlandja jfisser il-Gżejjer Åland.

7. L-iskeda tapplika biss għat-territorji tal-Unjoni Ewropea u t-TFUE f'konformità mas-subparagrafu 1(a) tal-Artikolu 1.3 u hija rilevanti biss fil-kuntest tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha mal-Ġappun. Hija ma taffettwax id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea.

8. Il-lista ta' riżervi ta' hawn isfel ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-kwalifiki, l-istandards tekniċi u r-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzji fejn dawn ma jikkostitwux aċċess għas-suq jew limitazzjoni tat-trattament nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikoli 8.7, 8.8, 8.15, u 8.16. Dawk il-miżuri (eż. il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, obbligi ta' servizz universali, il-ħtieġa ta' kwalifiki rikonoxxuti fis-setturi regolati, il-ħtieġa li wieħed jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, inklużi tal-lingwa, u kwalunkwe rekwiżit mhux diskriminatorju li ċerti attivitajiet ma jistgħux jitwettqu f'żoni protetti), anki jekk ma jkunux elenkati, japplikaw fi kwalunkwe każ.

9. Għal aktar ċertezza, għall-Unjoni Ewropea, l-obbligu li jingħata trattament nazzjonali ma jinvolvix ir-rekwiżit li jiġi estiż għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi tal-Ġappun it-trattament mogħti fi Stat Membru, skont it-TFUE, jew kwalunkwe miżura adottata skont dak it-Trattat, inkluża l-implimentazzjoni tagħhom fl-Istati Membri, lil:

(i) persuni fiżiċi; jew residenti ta' Stat Membru; jew

(ii) jew persuni ġuridiċi kostitwiti; jew organizzati skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor; jew tal-Unjoni Ewropea u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post tan-negozju prinċipali tagħhom fi Stat Membru.

Trattament nazzjonali bħal dan jingħata lil persuni ġuridiċi li jkunu kostitwiti jew organizzati skont il-liġi ta' Stat Membru jew tal-Unjoni Ewropea u jkollhom l-uffiċċju rreġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post tan-negozju prinċipali tagħhom fi Stat Membru, inklużi dawk li jkunu proprjetà ta' jew ikkontrollati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi tal-Ġappun.

10. Għal aktar ċertezza, il-miżuri mhux diskriminatorji ma jikkostitwux limitazzjoni tal-aċċess għas-suq skont it-tifsira tal-Artikoli 8.7 u 8.15 għal:

(a) miżura li tirrikjedi s-separazzjoni tas-sjieda tal-infrastruttura mis-sjieda tal-prodotti jew tas-servizzi fornuti permezz ta' dik l-infrastruttura sabiex tkun żgurata l-kompetizzjoni ġusta, pereżempju fl-oqsma tal-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjoni;

(b) miżura li tirrestrinġi l-konċentrazzjoni tas-sjieda sabiex tkun żgurata l-kompetizzjoni ġusta;

(c) miżura li tfittex li tiżgura l-konservazzjoni u l-protezzjoni tar-riżorsi naturali u l-ambjent, inkluża limitazzjoni fuq id-disponibbiltà, l-għadd u l-kamp ta' applikazzjoni tal-konċessjonijiet mogħtija, u l-impożizzjoni ta' moratorju jew projbizzjoni;

(d) miżura li tillimita l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija minħabba limitazzjonijiet tekniċi jew fiżiċi, pereżempju l-ispettri u l-frekwenzi tat-telekomunikazzjoni; jew

(e) miżura li tirrikjedi li ċertu perċentwal tal-azzjonisti, sidien, sħab, jew diretturi ta' intrapriża jkunu kkwalifikati jew jipprattikaw ċerta professjoni bħal avukati jew kontabilisti.

11. Il-miżuri li jaffettwaw il-kabotaġġ fis-servizzi tat-trasport marittimu mhumiex elenkati f'din l-Iskeda billi huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tas-Sezzjoni B tal-Kapitolu 8, skont is-subparagrafu 2(a) tal-Artikolu 8.6 u s-Sezzjoni C tal-Kapitolu 8, skont is-subparagrafu 2(a) tal-Artikolu 8.14.

12. L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin qed jintużaw fil-lista ta' riżervi hawn taħt:

UE L-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri kollha tagħha
AT L-Awstrija
BE Il-Belġju
BG Il-Bulgarija
CY Ċipru
CZ Ir-Repubblika Ċeka
DE Il-Ġermanja
DK Id-Danimarka
EE L-Estonja
EL Il-Greċja
ES Spanja

| | |
|---|---|
| FI | Il-Finlandja |
| FR | Franza |
| HR | Il-Kroazja |
| HU | L-Ungerija |
| IE | L-Irlanda |
| IT | L-Italja |
| LT | Il-Litwanja |
| LU | Il-Lussemburgu |
| LV | Il-Latvja |
| MT | Malta |
| NL | In-Netherlands |
| PL | Il-Polonja |
| PT | Il-Portugall |
| RO | Ir-Rumanija |
| SE | L-Iżvezja |
| SI | Is-Slovenja |
| SK | Ir-Repubblika Slovakka |
| UK | Ir-Renju Unit |

Lista ta' riżervi:

Riżerva Nru 1 – Is-setturi kollha
Riżerva Nru 2 – Is-servizzi professjonali (il-professjonijiet kollha ħlief dawk relatati mas-saħħa)
Riżerva Nru 3 – Is-servizzi professjonali (il-professjonijiet relatati mas-saħħa u l-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi)
Riżerva Nru 4 – Is-servizzi ta' riċerka u żvilupp
Riżerva Nru 5 – Is-servizzi tal-proprjetà immobbli
Riżerva Nru 6 – Is-servizzi kummerċjali
Riżerva Nru 7 – Is-servizzi tal-komunikazzjoni
Riżerva Nru 8 – Is-servizzi tad-distribuzzjoni
Riżerva Nru 9 – Is-servizzi edukattivi
Riżerva Nru 10 – Is-servizzi ambjentali
Riżerva Nru 11 – Is-servizzi finanzjarji
Riżerva Nru 12 – Is-servizzi tas-saħħa u s-servizzi soċjali
Riżerva Nru 13 – Is-servizzi turistiċi u dawk relatati mal-ivvjaġġar
Riżerva Nru 14 – Is-servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi
Riżerva Nru 15 – Is-servizzi tat-trasport u s-servizzi awżiljarji għas-servizzi tat-trasport
Riżerva Nru 16 – L-attivitajiet relatati mal-enerġija
Riżerva Nru 17 – L-agrikoltura, is-sajd u l-manifattura

**Riżerva Nru 1 – Is-setturi kollha**

| | |
|---|---|
| Settur: | Is-setturi kollha |
| Tip ta' riżerva: | Aċċess għas-suq<br>Trattament nazzjonali<br>Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit<br>Projbizzjoni ta’ rekwiżiti ta’ prestazzjoni |
| Sezzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi |
| Livell ta' gvern: | UE/ Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

**(a) Tip ta' stabbiliment**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

L-**UE**: Il-kumpaniji jew l-intrapriżi kollha fformati f'konformità mal-liġi u r-regolamenti tal-Unjoni Ewropea jew ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post tan-negozju prinċipali tagħhom fl-Unjoni Ewropea, inklużi dawk stabbiliti fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea minn investituri tal-Ġappun, huma intitolati li jirċievu t-trattament mogħti permezz tal-Artikolu 54 tat-TFUE. Trattament bħal dan ma jingħatax lil fergħat jew aġenziji ta' kumpaniji jew intrapriżi stabbiliti barra mill-Unjoni Ewropea.

It-trattament mogħti lil kumpaniji jew intrapriżi fformati minn investituri tal-Ġappun f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Unjoni Ewropea, huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kundizzjoni jew obbligu, f'konformità mas-Sezzjoni B, li setgħu ġew imposti fuq tali kumpaniji jew intrapriżi meta ġew stabbiliti fl-Unjoni Ewropea u li għandhom jibqgħu japplikaw.

*Miżuri:*

**UE**: It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

L-**UE** (japplika wkoll għal-livell reġjonali ta' gvern): Kwalunkwe Stat Membru, meta jbigħ jew jiddisponi mill-interessi ta' ekwità tiegħu, jew l-assijiet ta' intrapriża tal-istat eżistenti jew entità governattiva eżistenti li tipprovdi servizzi tas-saħħa, soċjali jew edukattivi (CPC 93, 92), jista' jipprojbixxi jew jimponi limitazzjonijiet fuq is-sjieda ta' dawk l-interessi jew l-assi, u fuq l-abbiltà tal-proprjetarji ta' dawk l-interessi jew l-assi li jikkontrollaw kwalunkwe impriża li tirriżulta, minn imprendituri tal-Ġappun jew l-intrapriżi tagħhom. Fir-rigward ta' tali bejgħ jew disponiment ieħor, kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jista' jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura dwar iċ-ċittadinanza tal-maniġment superjuri jew tal-membri tal-bordijiet tad-diretturi, kif ukoll kwalunkwe miżura li tillimita n-numru ta' fornituri.

Għall-finijiet ta' din ir-riżerva:

(i) kwalunkwe miżura miżmuma jew adottata wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim li, fil-ħin tal-bejgħ jew disponiment ieħor, tipprojbixxi jew timponi limitazzjonijiet fuq is-sjieda tal-interessi ta' ekwità jew assijiet jew timponi rekwiżiti ta' ċittadinanza jew timponi limitazzjonijiet fuq l-għadd ta' fornituri deskritti f'din ir-riżerva, titqies bħala miżura eżistenti; u

(ii) "intrapriża tal-Istat" tfisser intrapriża kkontrollata permezz ta' interessi proprjetarji minn kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u tinkludi kull intrapriża stabbilita wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim unikament għall-finijiet ta' bejgħ jew disponiment ta' interessi ta' ekwità, jew l-assijiet ta' intrapriża tal-Istat jew entità governattiva eżistenti.

*Miżuri:*

**UE**: Kif stabbilit fit-taqsima tad-Deskrizzjoni kif indikat aktar 'il fuq.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fl-**AT**: Għall-operazzjoni ta' fergħa, il-korporazzjonijiet li mhumiex taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) iridu jaħtru tal-anqas persuna waħda responsabbli għar-rappreżentanza tagħha li tkun residenti fl-Awstrija. Id-diriġenti (diretturi maniġerjali, persuni fiżiċi) responsabbli mill-osservanza tal-Att dwar in-Negozju Awstrijak (Gewerbeordnung) iridu jkunu domiċiljati fl-Awstrija.

*Miżuri:*

**AT**: Aktiengesetz, BGBL. Nru 98/1965, § 254 (2);

GmbH-Gesetz, RGBL. Nru 58/1906, § 107 (2); u

Gewerbeordnung, BGBL. Nru 194/1994, § 39 (2a).

Fil-**BG**: Il-persuni ġuridiċi barranin, sakemm ma jkunux stabbiliti abbażi tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Istat Membru taż-ŻEE, jistgħu jwettqu negozju u jsegwu attivitajiet jekk ikunu stabbiliti fir-Repubblika tal-Bulgarija fil-forma ta' kumpanija rreġistrata fir-Reġistru Kummerċjali. L-istabbiliment ta' fergħat huwa suġġett għall-awtorizzazzjoni.

L-uffiċċji rappreżentattivi ta' intrapriżi barranin għandhom ikunu rreġistrati mal-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija Bulgara u ma jistgħux jieħdu sehem f'attività ekonomika iżda huma intitolati biss li jirreklamaw is-sid tagħhom u jaġixxu bħala rappreżentanti jew aġenti.

*Miżuri:*
**BG**: Il-Liġi dwar il-Kummerċ, l-Artikolu 17a; u
Il-Liġi għall-Inkoraġġiment tal-Investimenti, l-Artikolu 24.

Fl-**EE**: Kumpanija barranija għandha taħtar direttur jew diretturi għal fergħa. Direttur ta' fergħa jrid ikun persuna fiżika b'kapaċità ġuridika attiva. Ir-residenza ta' mill-anqas direttur wieħed ta' fergħa trid tkun fiż-ŻEE jew fil-Konfederazzjoni Żvizzera.

*Miżuri:*
**EE**: Äriseadustik (Kodiċi Kummerċjali) § 385.

Fil-**FI**: Tal-anqas wieħed mis-soċji f'soċjetà ġenerali jew mis-soċji solidali f'soċjetà limitata jeħtieġ ikollu r-residenza tiegħu fiż-ŻEE jew, jekk is-soċju jkun persuna ġuridika, li jkun domiċiljat (mhumiex permessi fergħat) fiż-ŻEE. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-awtorità tar-reġistrazzjoni.

Għall-eżerċizzju ta' negozju bħala imprenditur privat, hija meħtieġa residenza fiż-ŻEE.

Jekk organizzazzjoni barranija minn pajjiż barra miż-ŻEE jkun beħsiebha teżerċita negozju jew kummerċ billi tistabbilixxi fergħa fil-Finlandja, ikun meħtieġ permess tan-negozju.

Hemm bżonn ta' residenza fiż-ŻEE għal mill-anqas wieħed mill-membri ordinarji u wieħed mid-deputati membri tal-bord tad-diretturi u għad-direttur maniġerjali. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet lill-kumpanija mill-awtorità tar-reġistrazzjoni.

*Miżuri:*

**FI**: Laki elinkeinon harjoittamisen oikeudesta (l-Att dwar id-Dritt ta' Twettiq ta' Negozju) (122/1919), s. 1;

Osuuskuntalaki (l-Att dwar il-Kooperattivi) 1488/2001;

Osakeyhtiölaki (l-Att dwar il-Kumpaniji b'Responsabbiltà Limitata) (624/2006); u

Laki luottolaitostoiminnasta (l-Att dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu) (121/2007).

Fl-**SE**: Kumpanija barranija, li ma tkunx stabbiliet entità ġuridika fl-Iżvezja jew tkun qiegħda twettaq in-negozju tagħha permezz ta' aġent kummerċjali, għandha twettaq l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha permezz ta' fergħa, irreġistrata fl-Iżvezja, b'maniġment indipendenti u kontijiet separati. Id-direttur maniġerjali u l-viċi direttur maniġerjali, jekk maħtura, tal-fergħa, iridu jkunu residenti fiż-ŻEE. Persuna fiżika mhux residenti fiż-ŻEE, li twettaq operazzjonijiet kummerċjali fl-Iżvezja, għandha taħtar u tirreġistra rappreżentant residenti li jkun responsabbli għall-operazzjonijiet fl-Iżvezja. Għandhom jinżammu kontijiet separati għall-operazzjonijiet fl-Iżvezja. L-awtorità kompetenti tista' f'każijiet individwali tagħti eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tal-fergħa u tar-residenza. Proġetti ta' bini b'dewmien ta' anqas minn sena, imwettqa minn kumpanija jew minn persuna fiżika li toqgħod barra miż-ŻEE, huma eżenti mir-rekwiżiti ta' stabbiliment ta' fergħa jew il-ħatra ta' rappreżentant residenti.

Kumpanija b'responsabbiltà limitata Żvediża tista' tiġi stabbilita minn persuna fiżika residenti fiż-ŻEE, minn persuna ġuridika Żvediża jew minn persuna ġuridika li tkun ġiet stabbilita skont il-leġiżlazzjoni fi stat fiż-ŻEE u li jkollha l-uffiċċju reġistrat, il-kwartieri ġenerali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħha fiż-ŻEE. Soċjetà tista' tkun fundatur biss jekk is-sidien kollha b'responsabbiltà personali mingħajr limitu jkunu residenti fiż-ŻEE. Il-fundaturi barra miż-ŻEE jistgħu japplikaw għal permess mill-awtorità kompetenti.

Għal kumpaniji b'responsabbiltà limitata u assoċjazzjonijiet ekonomiċi tal-kooperattivi, mill-anqas 50 fil-mija tal-membri tal-bord tad-diretturi, mill-anqas 50 fil-mija tal-membri tal-bord tad-deputati, id-direttur maniġerjali, il-viċi direttur maniġerjali u mill-anqas waħda mill-persuni awtorizzati biex jiffirmaw għall-kumpanija, jekk ikun hemm, iridu jkunu residenti fiż-ŻEE. L-awtorità kompetenti tista' tagħti eżenzjonijiet minn dan ir-rekwiżit. Jekk ħadd mir-rappreżentanti tal-kumpanija jew tas-soċjetà ma jkun jirrisjedi fl-Iżvezja, il-bord irid jaħtar u jirreġistra persuna residenti fl-Iżvezja, li tkun ġiet awtorizzata li tirċievi notifiki f'isem il-kumpanija jew is-soċjetà.

Jeżistu kundizzjonijiet korrispondenti għall-istabbiliment ta' kull tip ieħor ta' entitajiet ġuridiċi.

*Miżuri:*

**SE**: Lag om utländska filialer m.m (l-Att dwar il-Fergħat ta' Uffiċċji Barranin) (1992:160);
Aktiebolagslagen (l-Att dwar il-Kumpaniji) (2005:551);
L-Att dwar l-Assoċjazzjonijiet Ekonomiċi tal-Kooperattivi (1987:667); u
L-Att dwar il-Gruppi Ewropej b'Interess Ekonomiku (1994:1927).

Fis-**SK**: Persuna fiżika barranija li l-isem tagħha se jitniżżel fir-Reġistru Kummerċjali bħala persuna awtorizzata li taġixxi f'isem l-imprenditur, trid tipprovdi permess ta' residenza għas-Slovakkja.

*Miżuri:*

**SK**: L-Att 513/1991 dwar il-Kodiċi Kummerċjali (l-Artikolu 21); u
L-Att Nru 404/2011 dwar ir-Residenza ta' Stranġieri (l-Artikoli 22 u 32).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Projbizzjoni ta' Rekwiżiti ta' prestazzjoni:

Fil-**BG**: Il-kumpaniji stabbiliti jistgħu jimpjegaw ċittadini ta' pajjiżi terzi biss għal pożizzjonijiet li għalihom ma jkun hemm l-ebda rekwiżit għaċ-ċittadinanza Bulgara bil-kundizzjoni li l-għadd totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi impjegati minnhom matul l-aħħar 12-il xahar ma jaqbiżx l-10 fil-mija tal-għadd medju ta' ċittadini Bulgari, ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea, ta' Stati partijiet għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera ingaġġati fuq kuntratt ta' impjieg. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jistgħux jiġu impjegati f'pożizzjonijiet li jeħtieġu ċittadinanza Bulgara. Huwa meħtieġ test tal-ħtiġijiet ekonomiċi qabel ma jiġu impjegati ċittadini ta' pajjiżi terzi.

*Miżuri:*

**BG**: L-Att dwar il-Migrazzjoni tal-Ħaddiema u dwar il-Mobilità tal-Ħaddiema (l-Artikolu 7).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-**PL**: Il-kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjonijiet ta' uffiċċju rappreżentattiv jista' jinkludi biss ir-reklamar u l-promozzjoni tal-kumpanija omm barranija rappreżentata mill-uffiċċju. Għas-setturi kollha ħlief is-servizzi legali, l-investituri mhux tal-Unjoni Ewropea jistgħu jagħmlu u jwettqu attività ekonomika biss fil-forma ta' soċjetà limitata, soċjetà b'ishma konġunti limitata, kumpanija b'responsabbiltà limitata u kumpanija b'ishma konġunti, filwaqt li l-kumpaniji domestiċi għandhom aċċess ukoll għall-forom ta' kumpaniji ta' soċjetajiet mhux kummerċjali (soċjetà ġenerali u kumpanija b'responsabbiltà illimitata).

*Miżuri:*

**PL**: L-Att tat-2 ta' Lulju 2004 dwar il-libertà tal-attività ekonomika, l-Artikoli 13.3 u 95.1.

**(b) Akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fl-**AT** (japplika għal-livell reġjonali ta' gvern): L-akkwiżizzjoni, ix-xiri u l-kiri jew il-lokazzjoni ta' proprjetà immobbli minn persuni fiżiċi u intrapriżi mhux tal-Unjoni Ewropea jirrikjedu awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet reġjonali kompetenti (Länder). L-awtorizzazzjoni tingħata biss jekk l-akkwiżizzjoni titqies li tkun fl-interess pubbliku (b'mod partikolari, ekonomiku, soċjali u kulturali).

*Miżuri:*

**AT**: Burgenländisches Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nr. 25/2007;

Kärntner Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nr. 9/2004;

NÖ- Grundverkehrsgesetz, LGBL. 6800;

OÖ- Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nr. 88/1994;

Salzburger Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nr. 9/2002;

Steiermärkisches Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nr. 134/1993;

Tiroler Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nr. 61/1996;

Voralberger Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nr. 42/2004; u

Wiener Ausländergrundverkehrsgesetz, LGBL. Nr. 11/1998.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – l-Aċċess għas-suq:

Fil-**CZ**: L-art agrikola u forestali tista' tinkiseb minn persuni fiżiċi barranin li għandhom residenza permanenti fir-Repubblika Ċeka u intrapriżi stabbiliti fir-Repubblika Ċeka.

Japplikaw regoli speċifiċi għal art agrikola u forestali li hija proprjetà tal-gvern. L-art agrikola tal-Istat tista' tiġi akkwistata biss minn ċittadini Ċeki, minn muniċipalitajiet u minn universitajiet pubbliċi (għal taħriġ u riċerka). Il-persuni ġuridiċi (irrispettivament mill-forma jew il-post tar-residenza) jistgħu jakkwistaw art agrikola mill-istat biss jekk il-bini, li jkun diġà proprjetà tagħhom, ikun mibni fuqha jew jekk din l-art tkun indispensabbli għall-użu ta' dak il-bini. Il-muniċipalitajiet u l-universitajiet pubbliċi biss jistgħu jakkwistaw foresti tal-istat.

*Miżuri:*

**CZ**: L-Att Nru 95/1999 Coll. (dwar il-Kundizzjonijiet relatati mat-trasferiment ta' art agrikola u foresti mingħand l-istat għal entitajiet oħra); u

L-Att Nru 503/2012, Coll. dwar l-Uffiċċju tal-Artijiet tal-Istat.

Fid-**DK**: Persuni fiżiċi li ma jkunux residenti fid-Danimarka, u li qabel ma kinux residenti fid-Danimarka għal perjodu totali ta' ħames snin iridu, skont l-Att Daniż dwar l-Akkwiżizzjonijiet, jiksbu permess mill-Ministeru tal-Ġustizzja biex jiksbu titolu għall-proprjetà immobbli fid-Danimarka. Dan japplika wkoll għall-persuni ġuridiċi li ma jkunux irreġistrati fid-Danimarka. Għall-persuni fiżiċi, l-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli tkun permessa jekk l-applikant ikun se juża l-proprjetà immobbli bħala r-residenza primarja tiegħu jew tagħha. Għall-persuni ġuridiċi li ma jkunux irreġistrati fid-Danimarka, l-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli b'mod ġenerali tkun permessa, jekk l-akkwiżizzjoni tkun prerekwiżit għall-attivitajiet kummerċjali tal-akkwirent.

Huwa meħtieġ permess ukoll jekk l-applikant ikun se juża l-proprjetà immobbli bħala abitazzjoni sekondarja. Dan il-permess jingħata biss jekk l-applikant, permezz ta' valutazzjoni ġenerali u konkreta, jitqies li jkollu rabtiet b'saħħithom partikolari mad-Danimarka.

Il-permess skont l-Att dwar l-Akkwiżizzjonijiet jingħata biss għall-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli speċifika.

B'mod speċifiku, l-akkwiżizzjoni ta' art agrikola minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi hija rregolata wkoll mill-Att Daniż dwar l-Azjendi Agrikoli, li jimponi restrizzjonijiet fuq il-persuni kollha, Daniżi jew barranin, meta jkunu qegħdin jakkwistaw proprjetà agrikola. Għalhekk, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, li tkun tixtieq takkwista proprjetà immobbli agrikola, trid tissodisfa wkoll ir-rekwiżiti f'dan l-Att.

*Miżuri:*

**DK**: L-Att Daniż dwar l-Akkwiżizzjoni ta' Proprjetà Immobbli (l-Att Konsolidat Nru 265 tal-31 ta' Marzu 2014 dwar l-Akkwiżizzjoni ta' Proprjetà Immobbli);

L-Ordni Eżekuttiva dwar l-Akkwiżizzjonijiet (l-Ordni Eżekuttiva Nru 764 tat-18 ta' Settembru 1995); u

L-Att dwar l-Azjendi Agrikoli (l-Att Konsolidat Nru 26 tal-14 ta' Jannar 2015).

Fil-**HR**: Kumpaniji barranin jitħallew biss jakkwistaw proprjetà immobbli għall-provvista ta' servizzi jekk ikunu stabbiliti u inkorporati fil-Kroazja bħala persuni ġuridiċi. L-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli meħtieġa għall-provvista ta' servizzi minn fergħat tirrikjedi l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja. Il-barranin ma jistgħux jakkwistaw art agrikola.

*Miżuri:*

**HR**: Il-Liġi dwar il-Pussess u Drittijiet Materjali oħra (OG 91/96, 68/98, 137/99, 22/00, 73/00, 114/01, 79/06, 141/06, 146/08, 38/09 u 153/09);

L-Att dwar Art Agrikola (OG 152/08, 25/09, 153/09, 21/10, 31/11 u 63/11), l-Artikolu 2;

L-Att dwar is-Sjieda u Drittijiet oħra ta' Proprjetà, l-Artikoli 354 sa 358.b;

L-Att dwar l-Art Agrikola; u

L-Att dwar il-Proċedura Amministrattiva Ġenerali.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali

F'**CY**: Iċ-Ċiprijotti jew persuni ta' oriġini Ċiprijotta, kif ukoll iċ-ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, jistgħu jakkwistaw kwalunkwe proprjetà f'Ċipru mingħajr restrizzjonijiet. Barrani ma għandu jakkwista, barra minn *mortis causa*, l-ebda proprjetà immobbli mingħajr ma jikseb permess mill-Kunsill tal-Ministri. Għall-barranin, fejn l-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli teċċedi l-limitu meħtieġ għall-istabbiliment tal-bini tad-djar jew bjut professjonali, jew inkella teċċedi l-limitu ta' żewġ donums (2,676 m2), kull permess mogħti mill-Kunsill tal-Ministri jkun suġġett għat-tali termini, limitazzjonijiet, kundizzjonijiet u kriterji li huma stabbiliti bir-Regolamenti adottati mill-Kunsill tal-Ministri u approvati mill-Parlament. Barrani jikkonsisti f'kull persuna li mhijiex ċittadina tar-Repubblika ta' Ċipru, inkluża kumpanija kkontrollata mill-barranin. It-terminu ma jinkludix barranin ta' oriġini Ċiprijotta jew konjuġi mhux Ċiprijotti ta' ċittadini tar-Repubblika ta' Ċipru.

*Miżuri:*

**CY**: Il-Liġi (Kapitolu 109) dwar l-Akkwiżizzjoni ta' Proprjetà Immobbli (minn Barranin), kif emendata bil-liġijiet numru 52 tal-1969, 55 tal-1972, 50 tal-1990 u 54(I) tal-2003 u 161(I)/2011.

Fil-**EL**: Għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi barranin, jeħtieġ il-permess diskrezzjonali mill-Ministeru tad-Difiża għall-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli fir-reġjuni tal-fruntiera jew direttament jew permezz ta' parteċipazzjoni fl-ekwità f'kumpanija li mhijiex elenkata fil-Borża tal-Greċja u li għandha fil-kontroll tagħha proprjetà immobbli f'dawk ir-reġjuni, jew kull tibdil fil-persuni tal-azzjonisti tat-tali kumpanija.

*Miżuri:*

**EL**: Il-Liġi 1892/1990, kif emendata bl-Artikolu 114 tal-Liġi 3978/2011, flimkien ma', sa fejn għandha x'taqsam l-applikazzjoni, id-deċiżjoni ministerjali 110/3/330340/Σ.120/7-4-14 tal-Ministeru tad-Difiża.

Fl-**HU**: Ix-xiri ta' proprjetà immobbli minn nonresidenti huwa suġġett għall-kisba ta' awtorizzazzjoni mill-awtorità amministrattiva xierqa responsabbli mill-pożizzjoni ġeografika tal-proprjetà.

*Miżuri:*

**HU**: Id-Digriet tal-Gvern Nru 251/2014 (X. 2.) dwar l-Akkwiżizzjoni minn Ċittadini Barranin ta' Proprjetà Immobbli għajr Art Użata għal Skopijiet Agrikoli jew ta' Forestrija; u
L-Att LXXVIII tal-1993 (il-Paragrafu 1/A).

F'**MT**: In-nonnazzjonali ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea ma jistgħux jakkwistaw proprjetà immobbli għal skopijiet kummerċjali. Il-kumpaniji b'25 fil-mija (jew aktar) ta' parteċipazzjoni azzjonarja mhux tal-Unjoni Ewropea jridu jiksbu awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti (il-Ministru responsabbli għall-Finanzi) biex jixtru proprjetà immobbli għal skopijiet kummerċjali jew ta' negozju. L-awtorità kompetenti tistabbilixxi jekk l-akkwiżizzjoni proposta tirrappreżentax benefiċċju nett għall-ekonomija Maltija.

*Miżuri:*

**MT**: L-Att dwar il-Proprjetà Immobbli (Akkwiżizzjoni minn Nonresidenti) (Kap. 246); u Il-Protokoll Nru 6 tat-Trattat tal-Adeżjoni fl-UE dwar l-akkwiżizzjoni ta' residenzi sekondarji f'Malta.

Fil-**PL**: L-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli, diretta jew indiretta, mill-barranin tirrikjedi permess. Jinħareġ permess permezz ta' deċiżjoni amministrattiva minn ministru kompetenti mill-affarijiet interni, bil-kunsens tal-Ministru tad-Difiża Nazzjonali, u fil-każ ta' proprjetà immobbli agrikola, bil-kunsens ukoll tal-Ministru tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali.

*Miżuri:*

**PL**: Il-Liġi tal-24 ta' Marzu 1920 dwar l-Akkwiżizzjoni ta' Proprjetà Immobbli mill-Barranin (Il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2016, punt 1061 kif emendat)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fil-**LV**: L-akkwiżizzjoni ta' art urbana minn ċittadini tal-Ġappun hija permessa permezz ta' kumpaniji inkorporati u reġistrati fil-Latvja jew fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea:

(i) jekk aktar minn 50 fil-mija tal-kapital ta' ekwità tagħhom jappartjeni lil ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, il-Gvern jew muniċipalità Latvjana, separatament jew flimkien;

(ii) jekk aktar minn 50 fil-mija tal-kapital ta' ekwità tagħhom jappartjeni lil persuni fiżiċi u kumpaniji ta' pajjiż terz li miegħu l-Latvja kkonkludiet ftehimiet bilaterali dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka ta' investimenti u li ġew approvati mill-Parlament Latvjan qabel il-31 ta' Diċembru 1996;

(iii) jekk aktar minn 50 fil-mija tal-kapital ta' ekwità tagħhom huwa fil-pussess ta' persuni fiżiċi u kumpaniji ta' pajjiż terz li miegħu l-Latvja kkonkludiet ftehimiet bilaterali dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka ta' investimenti wara l-31 ta' Diċembru 1996, jekk f'dawk il-ftehimiet, id-drittijiet ta' persuni fiżiċi u kumpaniji Latvjani dwar l-akkwiżizzjoni ta' art fil-pajjiż terz rispettiv ikunu ġew stabbiliti;

(iv) jekk aktar minn 50 fil-mija tal-kapital ta' ekwità tagħhom ikun fil-pussess b'mod konġunt ta' persuni msemmija fis-subparagrafi (i) sa (iii); jew

(v) li huma kumpaniji pubbliċi b'ishma konġunti, jekk l-ishma tagħhom jiġu kkwotati fil-borża.

Fejn il-Ġappun jippermetti lil ċittadini u intrapriżi Latvjani jixtru proprjetà immobbli urbana fit-territorji tagħhom, il-Latvja tippermetti lil ċittadini u intrapriżi tal-Ġappun li jixtru proprjetà immobbli urbana fil-Latvja bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini Latvjani.

*Miżuri:*
**LV**: Il-Liġi dwar ir-riforma dwar l-artijiet fl-ibliet tar-Repubblika tal-Latvja, is-Sezzjoni 20 u 21.

Fir-**RO**: Iċ-ċittadini barranin, il-persuni apolidi u l-persuni ġuridiċi (barra minn ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE) jistgħu jiksbu drittijiet ta' sjieda fuq artijiet, skont il-kundizzjonijiet irregolati bi trattati internazzjonali, abbażi tar-reċiproċità. Iċ-ċittadini barranin, il-persuni apolidi u l-persuni ġuridiċi ma jistgħux jiksbu d-drittijiet ta' sjieda fuq artijiet b'kundizzjonijiet aktar vantaġġużi minn dawk applikabbli għaċ-ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u għall-persuni ġuridiċi stabbiliti f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

*Miżuri:*

**RO**: Il-Liġi 17/2014 dwar xi miżuri li jirregolaw il-bejgħ u x-xiri ta' art agrikola li tinsab barra mill-belt u li temenda; u

Il-Liġi nru 268/2001 dwar il-privatizzazzjoni ta' kumpaniji li jippossiedu art fi sjieda pubblika u ġestjoni privata tal-istat għall-art agrikola u li tistabbilixxi l-Aġenzija għad-Dominji tal-Istat, bl-emendi sussegwenti.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment - Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fil-**DE**: Jistgħu japplikaw ċerti kundizzjonijiet ta' reċiproċità għall-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli.

*Miżuri:*

**DE**: Il-Liġi Introduttorja għall-Kodiċi Ċivili (Einführungsgesetz zum Bürgerlichen Gesetzbuche, EGBGB).

F'**ES**: L-investiment barrani f'attivitajiet relatati direttament ma' investimenti ta' proprjetà immobbli għal missjonijiet diplomatiċi minn stati li mhumiex Stati Membri tal-Unjoni Ewropea jeħtieġu awtorizzazzjoni amministrattiva mill-Kunsill Spanjol tal-Ministri, sakemm ma jkunx hemm fis-seħħ ftehim ta' liberalizzazzjoni reċiproka.

*Miżuri:*

**ES**: Id-Digriet Amministrattiv 664/1999 tat-23 ta' April 1999 dwar l-investiment barrani.

**Riżerva Nru 2 - Is-servizzi professjonali (il-professjonijiet kollha ħlief dawk relatati mas-saħħa)**

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Servizzi professjonali – servizzi legali; Aġent tal-privattivi, aġent tal-proprjetà industrijali, avukat tal-proprjetà intellettwali; servizzi ta' kontabbiltà u ta' żamma tal-kotba; servizzi ta' awditjar, servizzi ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni, servizzi ta' arkitettura u ta' ppjanar urban, servizzi ta' inġinerija, u servizzi ta' inġinerija integrata |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | CPC 861, 862, 863, 8671, 8672, 8673, 8674, parti minn 879 |
| Tip ta' riżerva: | Aċċess għas-suq<br>Trattament nazzjonali<br>Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi |
| Sezzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi |
| Livell ta' gvern: | UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

**(a) Servizzi legali (parti minn CPC 861)**

Għal aktar ċertezza, b'mod konsistenti man-Nota ta' Spjegazzjoni, b'mod partikolari l-paragrafu 9, ir-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni mal-Avukatura jistgħu jinkludu r-rekwiżit li tkun inkisbet lawrja legali fil-pajjiż ospitanti jew l-ekwivalenti, jew li jkun sar xi taħriġ taħt is-superviżjoni ta' avukat liċenzjat, jew li mas-sħubija jkun meħtieġ uffiċċju jew indirizz postali fi ħdan il-ġurisdizzjoni tal-Avukatura. Sa fejn dawk ir-rekwiżiti mhumiex diskriminatorji, huma mhumiex elenkati.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-**AT**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew Żvizzera kif ukoll residenza (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni Ewropea u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Il-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku u l-liġi tal-pajjiż ta' oriġini hija permess biss fuq bażi transfruntiera. Avukati b'ċittadinanza taż-ŻEE jew Żvizzera biss jistgħu jipprovdu servizzi legali permezz ta' preżenza kummerċjali. Il-parteċipazzjoni tal-ekwità u l-ishma fir-riżultat operattiv ta' kwalunkwe ditta legali minn avukati barranin (li jridu jkunu kkwalifikat b'mod sħiħ fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom) hija permessa sa 25 fil-mija; il-bqija jrid jinżamm minn avukati kwalifikati b'mod sħiħ miż-ŻEE jew Żvizzeri u dawn tal-aħħar biss jistgħu jeżerċitaw influwenza deċiżiva fit-teħid tad-deċiżjonijiet tad-ditta legali.

*Miżuri:*

**AT**: Rechtsanwaltsordnung (l-Att dwar l-Avukati) - RAO, RGBl. Nru 96/1868, l-Artikoli 1 u 21c.

Fil-**BE**: Ir-residenza hija meħtieġa għall-ammissjoni sħiħa fl-avukatura, u neċessarja għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika Belġjana, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Ir-rekwiżit ta' residenza għal avukat barrani sabiex jikseb ammissjoni sħiħa għall-avukatura huwa tal-anqas sitt snin mid-data ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, tliet snin taħt ċerti kundizzjonijiet. Hemm bżonn ta' ċertifikat maħruġ mill-Ministru Belġjan tal-Affarijiet Barranin li abbażi tiegħu l-liġi nazzjonali jew il-konvenzjoni internazzjonali tippermetti r-reċiproċità (kundizzjoni ta' reċiproċità). Ir-rappreżentanza quddiem il-"Cour de Cassation" hija suġġetta għall-kwota.

*Miżuri:*

**BE**: Il-Kodiċi Ġudizzjarju Belġjan (l-Artikoli 428-508); Id-Digriet Amministrattiv tal-24 ta' Awwissu 1970.

Fil-**BG** (fir-rigward ukoll tat-Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): Il-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni Ewropea u ta' Stat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati, hija riżervata għal ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ċittadini barranin, li jkunu avukati kwalifikati u kisbu d-diploma tagħhom li tipprovdi l-kapaċità li jipprattikaw fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika nondiskriminatorja. Avukati barranin jistgħu jiġu ammessi sabiex jaġixxu bħala avukat permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Suprem tal-Avukatura u jridu jkunu rreġistrati fir-reġistru Unifikat tal-avukati barranin. L-intrapriżi jridu jkunu rreġistrati fil-Bulgarija bħala soċjetà tal-avukati ("advokatsko sadrujie") jew ditta legali ("advokatsko drujestvo"). L-isem tad-ditta legali jista' jinkludi biss l-ismijiet tas-soċji rreġistrati. L-avukati barranin iridu jkunu akkumpanjati minn avukat Bulgaru għar-rappreżentanza quddiem il-qrati. Hija meħtieġa residenza permanenti għas-servizzi ta' medjazzjoni legali. Fil-Bulgarija, it-trattament nazzjonali sħiħ dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' kumpaniji, kif ukoll dwar il-forniment ta' servizzi, jista' jiġi estiż biss għal kumpaniji stabbiliti fi, u ċittadini ta', pajjiżi li magħhom ġew jew se jiġu konklużi ftehimiet bilaterali dwar assistenza legali reċiproka.

*Miżuri:*

**BG**: Il-Liġi dwar l-Avukati; Il-Liġi għall-Medjazzjoni; Il-Liġi għan-Nutara u l-Attività Notarili.

F'**CY**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew Żvizzera kif ukoll residenza (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika servizzi legali, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. L-avukati li jkunu membri tal-Kamra tal-Avukati biss jistgħu jkunu soċji jew azzjonisti jew membri tal-Bord tad-Diretturi f'kumpanija legali f'Ċipru. Japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika nondiskriminatorja.

*Miżuri:*

**CY**: Il-Liġi dwar l-Avukati (Kapitolu 2), kif emendata bil-liġijiet numru 42 tal-1961, 20 tal-1963, 46 tal-1970, 40 tal-1975, 55 tal-1978, 71 tal-1981, 92 tal-1983, 98 tal-1984, 17 tal-1985, 52 tal-1985, 9 tal-1989, 175 tal-1991, 212 tal-1991, 9(I) tal-1993, 56(I) tal-1993, 83(I) tal-1994, 76(I) tal-1995, 103(I) tal-1996, 79(I) tal-2000, 31(I) tal-2001, 41(I) tal-2002, 180(I) tal-2002, 117(I) tal-2003, 130(I) tal-2003, 199(I) tal-2004, 264(I) tal-2004, 21(I) tal-2005, 65(I) tal-2005, 124(I) tal-2005, 158(I) tal-2005, 175(I) tal-2006, 117(I) tal-2007, 103(I) tal-2008, 109(I) tal-2008, 11(I) tal-2009, 130(I) tal-2009, 4(I) tal-2010, 65(I) tal-2010, 14(I) tal-2011, 144(I) tal-2011, 116(I) tal-2012 u 18(I) tal-2013.

Fil-**CZ**: Japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika nondiskriminatorja. Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-avukatura għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni Ewropea u l-liġi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni Ewropea u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati, hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew Żvizzera u residenza fir-Repubblika Ċeka.

*Miżuri:*

**CZ**: L-Att Nru 85/1996 Coll., l-Att dwar il-Professjoni Legali.

Fil-**DE**: Avukati bi kwalifika taż-ŻEE u Żvizzera biss jistgħu jiġu ammessi għall-Avukatura u għalhekk ikunu intitolati li jipprovdu servizz legali fir-rigward tal-liġi domestika. Hija meħtieġa preżenza kummerċjali sabiex tinkiseb ammissjoni sħiħa għall-Avukatura. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-assoċjazzjoni kompetenti tal-avukatura. L-avukati barranin (għajr kwalifika taż-ŻEE u Żvizzera) jistgħu jiksbu biss sehem minoritarju jekk ikun jixtieq ikollhom il-preżenza kummerċjali tagħhom fil-forma ta' Anwalts-GmbH jew Anwalts-AG. L-avukati barranin jistgħu joffru servizzi legali fil-liġi barranija meta jippruvaw għarfien espert, hija meħtieġa r-reġistrazzjoni għas-servizzi legali fil-Ġermanja.

*Miżuri:*

**DE**: § 59e, § 59f, § 206 Bundesrechtsanwaltsordnung (BRAO; l-Att Federali dwar l-Avukati); Gesetz über die Tätigkeit europäischer Rechtsanwälte in Deutschland (EuRAG); u
§ 10 Rechtsdienstleistungsgesetz (RDG).

Fid-**DK**: Japplikaw rekwiżiti għat-twettiq ta' servizzi legali taħt it-titolu "advokat" (avukat). Għad-ditti legali, japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika nondiskriminatorja. Barra minn hekk, 90 fil-mija tal-ishma ta' ditta legali Daniża jridu jkunu proprjetà ta' avukati b'liċenzja Daniża, avukati kwalifikati fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u rreġistrati fid-Danimarka jew ditti legali rreġistrati fid-Danimarka.

*Miżuri:*

**DK**: Lovbekendtgørelse nr. 1257 af 13. Oktober 2016 (l-Att Nru 1257 tat-13 ta' Ottubru 2016 dwar l-amministrazzjoni tal-ġustizzja).

Fl-**EE**: Ir-residenza (preżenza kummerċjali) hija meħtieġa għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni Ewropea u tal-Istat Membru), il-parteċipazzjoni f'rappreżentanza ta' proċedimenti kriminali quddiem il-Qorti Suprema. Japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika nondiskriminatorja.

*Miżuri:*

**EE**: Advokatuuriseadus (l-Att dwar l-Assoċjazzjonijiet tal-Avukatura);
Notariaadiseadus (l-Att dwar in-Nutara);
Kohtutäituri seadus (l-Att dwar l-Uffiċjali Ġudizzjarji), tsiviilkohtumenetluse seadustik (il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
halduskohtumenetluse seadus (il-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva tal-Qrati);
kriminaalmenetluse seadustik (il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali); u
väiäirteomenetluse seadustik (il-Kodiċi ta’ Proċedura għal Imġiba Ħażina).

Fil-**EL**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew Żvizzera u r-residenza (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni Ewropea u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika nondiskriminatorja.

*Miżuri:*

**EL**: Il-Kodiċi l-ġdid dwar in-Nutara nru 4194/2013.

F'**ES**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew Żvizzera sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni Ewropea u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu eżenzjonijiet miċ-ċittadinanza. Japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika nondiskriminatorja.

*Miżuri:*

**ES**: Estatuto General de la Abogacía Española, aprobado por Real Decreto 658/2001, l-Artikolu 13.1ª.

Fil-**FI**: Hija meħtieġa residenza fiż-ŻEE jew Żvizzera u sħubija fl-Avukatura sabiex wieħed juża t-titolu professjonali ta' "avukat" (bil-Finlandiż "asianajaja" jew bl-Iżvediż "advokat"). Is-servizzi legali, inkluża l-liġi domestika Finlandiża, jistgħu jiġu pprovduti wkoll minn membri mhux tal-Avukatura.

*Miżuri:*

**FI**: Laki asianajajista (l-Att dwar l-Avukati) (496/1958), ss. 1 u 3; u Oikeudenkäymiskaari (4/1734) (il-Kodiċi tal-Proċedura Ġudizzjarja).

Fi **FR**: Hija meħtieġa r-residenza jew l-istabbiliment għall-ammissjoni sħiħa fl-Avukatura, li hija meħtieġa għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika Franċiża, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika nondiskriminatorja. F'ditta legali li tipprovdi servizzi fir-rigward tal-liġi Franċiża jew tal-Unjoni Ewropea, id-drittijiet ta' parteċipazzjoni azzjonarja u tal-vot jistgħu jkunu soġġetti għal restrizzjonijiet kwantitattivi relatati mal-attività professjonali tas-soċji. Ir-rappreżentanza quddiem il-'Cour de Cassation' u l-'Conseil d'Etat' hija suġġetta għall-kwoti.

*Miżuri:*

**FR**: Loi du 31 décembre 1971, l-artikolu 56, Loi 90-1258 relative à l'exercice sous forme de société des professions libérales, Loi 90- 1259 du 31 décembre 1990, l-Artikolu 7.

Fil-**HR**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni Ewropea u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Fi proċedimenti li jinvolvu d-dritt internazzjonali, il-partijiet jistgħu jkunu rappreżentati quddiem qrati tal-arbitraġġ u qrati *ad hoc* minn avukati barranin li jkunu membri tal-assoċjazzjoni tal-avukatura tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

*Miżuri:*

**HR**: L-Att dwar il-Professjoni Legali (OG 9/94, 51/01, 117/08, 75/09, 18/11).

Fl-**HU**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew Żvizzera u residenza (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni Ewropea u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Avukati barranin jistgħu jipprovdu pariri legali dwar il-liġi tal-pajjiż ta' oriġini u dwar il-liġi internazzjonali fi sħubija ma' avukat jew ditta legali Ungeriżi. Il-preżenza kummerċjali għandha tieħu l-forma ta' soċjetà b'avukat Ungeriż (ügyvéd) jew uffiċċju ta' avukat (ügyvédi iroda).

*Miżuri:*

**HU**: L-Att XI tal-1998 dwar l-Avukati.

Fl-**IE**: Hija meħtieġa r-residenza (preżenza kummerċjali) għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika Irlandiża, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika nondiskriminatorja.

*Miżuri:*

**IE**: L-Atti dwar l-Avukati 1954-2011.

Fl-**IT**: Hija meħtieġa r-residenza (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni Ewropea u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika nondiskriminatorja.

*Miżuri:*
**IT**: Id-Digriet Amministrattiv 1578/1933, l-Artikolu 17 tal-liġi dwar il-professjoni legali.

Fil-**LT**: (Fir-rigward ukoll tat-Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit) Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew Żvizzera u r-residenza (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni Ewropea u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika nondiskriminatorja. Avukati minn pajjiżi barranin jistgħu jipprattikaw bħala avukati fil-qorti biss skont ftehimiet bilaterali dwar l-assistenza legali reċiproka.

Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-avukatura għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni Ewropea u l-liġi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Sabiex jiġu pprovduti servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri), jista' jkun meħtieġ li l-preżenza kummerċjali tiegħu waħda mill-forom legali li huma permessi bil-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. Xi tipi ta' forom legali jistgħu jkunu riżervati esklużivament għal avukati li jkunu ammessi għall-avukatura, ukoll fuq bażi mhux diskriminatorja. Iċ-ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera biss jistgħu jiġu ammessi għall-Avukatura, u għalhekk huma intitolati sabiex jipprovdu servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika. L-avukati minn pajjiżi barranin jistgħu jaġixxu bħala avukati fil-qorti biss f'konformità ma' ftehimiet bilaterali dwar l-assistenza legali.

*Miżuri:*

**LT**: Il-Liġi dwar l-Avukatura tar-Repubblika tal-Litwanja tat-18 ta' Marzu 2004 Nru IX-2066 kif emendata l-aħħar fis-17 ta' Novembru 2011.

Fil-**LU**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew Żvizzera u r-residenza (preżenza kummerċjali) għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika tal-Lussemburgu, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Il-Kunsill tal-Ordni jista' jaqbel li jneħħi r-rekwiżit tan-nazzjonalità għal ċittadin barrani abbażi ta' reċiproċità. Japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika nondiskriminatorja.

*Miżuri:*

**LU**: Loi du 16 décembre 2011 modifiant la loi du 10 août 1991 sur la profession d'avocat.

Fil-**LV** (fir-rigward ukoll tat-Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew Żvizzera sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi kriminali domestika Latvjana, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Avukati minn pajjiżi barranin jistgħu jipprattikaw bħala avukati fil-qorti biss skont ftehimiet bilaterali dwar l-assistenza legali reċiproka.

Għall-avukati tal-Unjoni Ewropea jew barranin, jeżistu rekwiżiti speċjali. Pereżempju, il-parteċipazzjoni fi proċedimenti tal-qorti f'każijiet kriminali hija permessa biss f'assoċjazzjoni ma' avukat tal-Kulleġġ Latvjan tal-Avukati Ġuramentati. Japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika nondiskriminatorja.

*Miżuri:*

**LV**: Il-Liġi dwar il-Proċedura Kriminali, s. 79; u l-Liġi dwar l-Avukatura tar-Repubblika tal-Latvja, s. 4.

F'**MT**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew Żvizzera kif ukoll ir-residenza (preżenza kummerċjali) għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika Maltija, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika nondiskriminatorja.

*Miżuri:*

**MT**: Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Fin-**NL**: L-avukati b'liċenzja lokali rreġistrati fir-reġistru Nederlandiż biss jistgħu jużaw it-titolu ta' "avukat". Minflok ma jużaw it-terminu sħiħ ta' "avukat", l-avukati barranin (mhux reġistrati) huma obbligati jsemmu l-organizzazzjoni professjonali tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom għall-iskopijiet tal-attivitajiet tagħhom fin-Netherlands.

Japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika nondiskriminatorja.

*Miżuri:*

**NL**: Advocatenwet (L-Att dwar l-Avukati).

Fil-**PL**: L-avukati barranin jistgħu jistabbilixxu ruħhom biss fil-forma ta' soċjetà rreġistrata, soċjetà limitata, jew soċjetà b'ishma konġunti limitata.

*Miżuri:*

**PL**: L-Att tal-5 ta' Lulju 2002 dwar il-provvista minn avukati barranin ta' assistenza legali fir-Repubblika tal-Polonja, l-Artikolu 19.

Fil-**PT** (fir-rigward ukoll tat-Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): hija meħtieġa r-residenza (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika l-liġi domestika Portugiża. Għar-rappreżentanza quddiem il-qrati, hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-Avukatura. Il-barranin li jkollhom diploma mogħtija minn kwalunkwe Fakultà tal-Liġi fil-Portugall, jistgħu jirreġistraw mal-Avukatura Portugiża (Ordem dos Advogados), bl-istess termini bħaċ-ċittadini Portugiżi, jekk il-pajjiż rispettiv tagħhom jagħti trattament reċiproku liċ-ċittadini Portugiżi.

Barranin oħra li jkollhom Lawrja fil-Liġi li tkun ġiet rikonoxxuta minn Fakultà tal-Liġi fil-Portugall jistgħu jirreġistraw bħala membri tal-Assoċjazzjoni tal-Avukatura bil-kundizzjoni li jagħmlu t-taħriġ meħtieġ u jgħaddu mill-assessjar finali u l-eżami tal-ammissjoni. Għall-provvista ta' servizzi legali, tista' tkun meħtieġa preżenza kummerċjali li għandha tieħu waħda mill-forom legali li huma permessi bil-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. Id-ditti legali li fihom l-ishma jappartjenu esklużivament lil avukati ammessi għall-Avukatura Portugiża biss jistgħu jipprattikaw fil-Portugall.

*Miżuri:*

**PT**: Il-Liġi 15/2005, l-Artikoli 203, 194;

L-Istatut Portugiż tal-Avukatura (Estatuto da Ordem dos Advogados) u d-Digriet Amministrattiv 229/2004, l-Artikoli 5, 7 – 9;

Id-Digriet Amministrattiv 88/2003, l-Artikoli 77 u 102;

Statut Solicitadores dwar l-Assoċjazzjoni Professjonali Pubblika (Estatuto da Câmara dos Solicitadores), kif emendat bil-Liġi 49/2004, bil-Liġi 14/2006 u bid-Digriet Amministrattiv Nru 226/2008;

Il-Liġi 78/2001, l-Artikoli 31, 4;
Ir-Regolament dwar il-familja u l-medjazzjoni fuq ix-xogħol (id-Digriet 282/2010);
Il-Liġi 21/2007 dwar il-medjazzjoni kriminali, l-Artikolu 12;
Il-Liġi 32/2004 (kif emendata bid-Digriet Amministrattiv 282/2007 u l-Liġi 34/2009) dwar l-amministratur tal-Insolvenza, l-Artikoli 3 u 5; u
fost l-oħrajn, id-Digriet Amministrattiv 54/2004, l-Artikolu 1 (Regime jurídico das sociedades de administradores de insolvência).

Fir-**RO**: Japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika nondiskriminatorja. Avukat barrani ma jistax jagħmel trattazzjonijiet orali jew bil-miktub quddiem il-qrati jew korpi ġudizzjarji oħra, ħlief għal arbitraġġ internazzjonali.

*Miżuri:*
**RO**: Il-Liġi dwar l-Avukati;
Il-Liġi għall-Medjazzjoni; u
Il-Liġi għan-Nutara u l-Attività Notarili.

Fl-**SE**: Hija meħtieġa residenza fiż-ŻEE jew Żvizzera għall-ammissjoni għall-Avukatura u l-użu tat-titolu "avukat".

Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-bord tal-Assoċjazzjoni Żvediża tal-Avukatura. L-ammissjoni għall-Avukatura mhijiex neċessarja għall-prattika tal-liġi domestika Żvediża. Membru tal-Assoċjazzjoni Żvediża tal-Avukatura ma jista' jiġi impjegat minn ħadd għajr membru tal-Avukatura jew kumpanija li twettaq in-negozju ta' membru tal-Avukatura. Madankollu, membru tal-Avukatura jista' jiġi impjegat minn kumpanija barranija li twettaq in-negozju ta' avukat, bil-kundizzjoni li l-kumpanija inkwistjoni tkun domiċiljata f'pajjiż fi ħdan l-Unjoni Ewropea, iż-ŻEE jew l-Iżvizzera. Soġġett għal eżenzjoni mill-Bord tal-Assoċjazzjoni Żvediża tal-Avukatura, membru tal-Assoċjazzjoni Żvediża tal-Avukatura jista' jiġi impjegat ukoll minn ditta legali mhux tal-Unjoni Ewropea. Il-membri tal-Avukatura li jwettqu l-prattika tagħhom fil-forma ta' kumpanija jew soċjetà ma jistax ikollhom objettiv ieħor u ma jistgħu jwettqu l-ebda negozju ieħor għajr il-prattika ta' avukat. Il-kollaborazzjoni ma' negozji oħra tal-avukati hija permessa, madankollu, il-kollaborazzjoni ma' negozji barranin tirrikjedi l-permess mill-Bord tal-Assoċjazzjoni Żvediża tal-Avukatura.

Membru tal-Avukatura biss jista' direttament jew indirettament, jew permezz ta' kumpanija, jipprattika bħala avukat, jippossiedi ishma fil-kumpanija jew ikun soċju. Membru biss jista' jkun membru jew deputat membru tal-Bord jew deputat direttur maniġerjali, jew firmatarju jew segretarju awtorizzat tal-kumpanija jew tas-soċjetà.

*Miżuri:*
**SE**: Rättegångsbalken (il-Kodiċi Żvediż tal-Proċedura Ġudizzjarja) (1942:740); u
Il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Assoċjazzjoni Żvediża tal-Avukatura adottat fid-29 ta' Awwissu 2008.

Fis-**SI**: Ir-rappreżentanza ta' klijenti quddiem il-qorti bi ħlas hija kkundizzjonata mill-preżenza kummerċjali fir-Repubblika tas-Slovenja. Avukat barrani li jkollu d-dritt li jipprattika l-liġi f'pajjiż barrani jista' jwettaq servizzi legali jew jipprattika l-liġi skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 34a tal-Att dwar l-Avukati, sakemm tiġi ssodisfata l-kundizzjoni ta' reċiproċità reali. Il-konformità mal-kundizzjoni ta' reċiproċita tiġi verifikata mill-Ministeru tal-Ġustizzja. Il-preżenza kummerċjali għal avukati maħtura mill-Assoċjazzjoni tal-Avukatura Slovena hija ristretta għal impriża individwali, ditta legali b'responsabilità limitata (soċjetà) jew għal ditta legali b'responsabilità illimitata (soċjetà) biss. L-attivitajiet ta' ditta legali jkunu ristretti għall-prattika tal-liġi. L-avukati biss jistgħu jkunu soċji f'ditta legali.

*Miżuri:*

**SI**: Zakon o odvetništvu (Neuradno prečiščeno besedilo-ZOdv-NPB2 Državnega Zbora RS z dne 21.5.2009 (l-Att dwar l-Avukati) test konsolidat mhux uffiċjali mħejji mill-Parlament Sloven mill-21.5.2009).

Fis-**SK**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew Żvizzera kif ukoll ir-residenza (preżenza kummerċjali) għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika Slovakka, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika nondiskriminatorja.

*Miżuri:*

**SK**: L-Att 586/2003 dwar l-Avukatura, l-Artikoli 2 u 12.

Fl-**UK**: Ir-residenza (preżenza kummerċjali) tista' tkun mitluba mill-korp professjonali jew regolatorju rilevanti għall-forniment ta’ xi servizzi legali domestiċi tar-Renju Unit. Japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika nondiskriminatorja.

*Miżuri:*

**UK**: Għall-Ingilterra u Wales, l-Att tal-1974 dwar l-Avukati (Solicitors), l-Att tal-1985 dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u l-Att tal-2007 dwar is-Servizzi Legali. Għall-Iskozja, l-Att tal-1980 dwar l-Avukati (Solicitors) u l-Att tal-2010 dwar is-Servizzi Legali (l-Iskozja). Għall-Irlanda ta' Fuq, l-Ordni tal-1976 dwar l-Avukati (Solicitors) (l-Irlanda ta' Fuq). Barra minn hekk, il-miżuri applikabbli f'kull ġurisdizzjoni jinkludu kwalunkwe rekwiżit stabbilit minn korpi regolatorji u professjonali.

**(b) Aġenti tal-privattivi, aġenti tal-proprjetà industrijali, avukati tal-proprjetà intellettwali (parti minn CPC 879, 861, 8613)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi - Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-**BG**, **CY**, **EE** u **LT**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew Żvizzera għall-prattika ta' servizzi ta' aġenzija tal-privattivi.

Fil-**DE**: Avukati tal-privattivi bi kwalifika Ġermaniża biss jistgħu jiġu ammessi għall-Avukatura u għalhekk huma intitolati sabiex jipprovdu servizz ta' aġenti tal-privattivi fil-Ġermanja fil-liġi domestika. Avukati tal-privattivi barranin jistgħu joffru servizzi legali fil-liġi barranija meta jippruvaw għarfien espert, hija meħtieġa r-reġistrazzjoni għas-servizzi legali fil-Ġermanja. Avukati tal-privattivi barranin (għajr bi kwalifika taż-ŻEE u Żvizzera) ma jistgħux jistabbilixxu ditta flimkien ma' avukati tal-privattivi nazzjonali.

Avukati tal-privattivi barranin (għajr taż-ŻEE u Żvizzeri) jista' jkollhom il-preżenza kummerċjali tagħhom biss fil-forma ta' Patentanwalts-GmbH jew Patentanwalt-AG u jistgħu jakkwistaw biss sehem minoritarju.

Fil-**EE**, **FI** u **HU**: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE għall-prattika tas-servizzi ta' aġenzija tal-privattivi, fl-EE r-residenza permanenti.

F’**ES** u **PT**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE għall-prattika tas-servizzi ta' aġent tal-proprjetà industrijali.

Fl-**IE**: Huma meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE, il-preżenza kummerċjali fiż-ŻEE u l-kwalifiki edukattivi u professjonali preskritti sabiex wieħed jipprattika s-servizzi ta' avukat tal-privattivi jew tal-proprjetà intellettwali. Il-forma legali tirrikjedi li mill-anqas wieħed mid-diretturi, is-soċji, il-maniġers jew l-impjegati ta' kumpanija jkun irreġistrat bħala avukat tal-privattivi jew tal-proprjetà intellettwali fl-Irlanda. Bażi transfruntiera tirrikjedi ċittadinanza taż-ŻEE u preżenza kummerċjali fiż-ŻEE, post prinċipali tan-negozju fi Stat Membru taż-ŻEE, kwalifika skont il-liġi ta' Stat Membru taż-ŻEE.

Fis-**SI**: Detentur jew applikant ta' drittijiet reġistrati (privattivi, trademarks u drittijiet ta' protezzjoni tad-disinn) li ma jkunx residenti fis-Slovenja għandu jkollu aġent tal-privattiva jew aġent tat-trademark u d-disinn li jkun irreġistrat fis-Slovenja, għall-iskop ewlieni ta' servizzi ta' proċess, notifika, eċċ.

*Miżuri:*

**BG**: L-Artikolu 4 tal-Ordinanza għar-Rappreżentanti rigward il-Proprjetà Intellettwali.

**CY**: Il-Liġi dwar l-Avukati (Kapitolu 2), kif emendata bil-liġijiet numru 42 tal-1961, 20 tal-1963, 46 tal-1970, 40 tal-1975, 55 tal-1978, 71 tal-1981, 92 tal-1983, 98 tal-1984, 17 tal-1985, 52 tal-1985, 9 tal-1989, 175 tal-1991, 212 tal-1991, 9(I) tal-1993, 56(I) tal-1993, 83(I) tal-1994, 76(I) tal-1995, 103(I) tal-1996, 79(I) tal-2000, 31(I) tal-2001, 41(I) tal-2002, 180(I) tal-2002, 117(I) tal-2003, 130(I) tal-2003, 199(I) tal-2004, 264(I) tal-2004, 21(I) tal-2005, 65(I) tal-2005, 124(I) tal-2005, 158(I) tal-2005, 175(I) tal-2006, 117(I) tal-2007, 103(I) tal-2008, 109(I) tal-2008, 11(I) tal-2009, 130(I) tal-2009, 4(I) tal-2010, 65(I) tal-2010, 14(I) tal-2011, 144(I) tal-2011, 116(I) tal-2012 u 18(I) tal-2013.

**DE**: § 52e, § 52 f, § 154a und § 154 b Patentanwaltsordnung (PAO).

**EE**: Patendivoliniku seadus (l-Att dwar l-Aġenti tal-Privattivi) § 2, § 14.

**ES**: Ley 11/1986, de 20 de marzo, de Patentes de Invención y Modelos de utilidad, l-Artikoli 155-157.

**FI**: Tavaramerkkilaki (l-Att dwar it-Trademarks) (7/1964);
L-Att dwar l-Avukati tal-Proprjetà Industrijali Awtorizzati (22/2014); u
Laki kasvinjalostajanoikeudesta (l-Att dwar id-Drittijiet tal-Kultivaturi tal-Pjanti) 1279/2009; u Mallioikeuslaki (l-Att dwar id-Disinji Reġistrati) 221/1971.

**HU**: L-Att XXXII tal-1995 dwar l-Avukati tal-Privattivi.

…[Anness 8-B]/mt 56

**IE**: Is-Sezzjoni 85 u 86 tal-Att tal-1996 dwar it-Trademarks, kif emendat;
Ir-Regola 51 tar-Regoli tal-1996 dwar it-Trademarks, kif emendati;
Is-Sezzjoni 106 u 107 tal-Att tal-1992 dwar il-Privattivi, kif emendat; u
Ir-Regoli dwar ir-Reġistru tal-Aġenti tal-Privattivi S.I. 580 tal-2015.

**LT**: Il-Liġi dwar it-Trademarks tal-10 ta' Ottubru 2000 Nru VIII-1981;
Il-Liġi dwar id-Disinni tas-7 ta' Novembru 2002 Nru IX-1181;
Il-Liġi dwar il-Privattivi tat-18 ta' Jannar 1994 Nru I-372;
Il-Liġi dwar il-Protezzjoni Legali tat-Topografiji ta' Prodotti b'Semikonduttur tas-16 ta' Ġunju 1998; u
Ir-Regolament dwar l-Avukati tal-Privattivi, approvat bl-Ordni tal-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja tal-20 ta' Mejju 1992 Nru 362 (kif emendat l-aħħar fit-8 ta' Novembru 2004 Nru 1410).

**PT**: Id-Digriet Amministrattiv 15/95, kif emendat bil-Liġi 17/2010, minn Portaria 1200/2010, l-Artikolu 5, u minn Portaria 239/2013; u
Il-Liġi 9/2009.

**SI**: Zakon o industrijski lastnini (l-Att dwar il-Proprjetà Industrijali), il-Lista Uradni RS, št. 51/06 – uradno prečiščeno besedilo in 100/13 (il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja, Nru 51/06 – it-test uffiċjali konsolidat u 100/13).

**(c) Servizzi ta' kontabbiltà u ta' żamma tal-kotba (CPC 8621 għajr servizzi ta' awditjar, 86213, 86219, 86220)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-**AT**: L-interessi kapitali u d-drittijiet tal-vot ta' kontabilisti u bookkeepers barranin, ikkwalifikati skont il-liġi tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom, f'intrapriża Awstrijaka, ma jistgħux jeċċedu 25 fil-mija. Il-fornitur ta' servizz irid ikollu uffiċċju jew sede professjonali fiż-ŻEE (CPC 862).

Fi **FR**: Il-forniment ta' servizzi ta' kontabilità u ta' żamma tal-kotba minn fornitur ta' servizz barrani hija kundizzjonali fuq deċiżjoni tal-Ministru tal-Ekonomija, tal-Finanzi u tal-Industrija, bi qbil mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin. Forniment biss permezz ta' SEL (anonyme, à responsabilité limitée ou en commandite par actions), AGC (Association de gestion et comptabilité) jew SCP (Société civile professionnelle) (CPC 86213, 86219, 86220).

Fl-**IT**: Ir-residenza jew id-domiċilju tan-negozju huma meħtieġa għar-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali, li hija meħtieġa għall-forniment ta' servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba (CPC 86213, 86219, 86220).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

F'**CY**: L-aċċess huwa ristrett għal persuni fiżiċi. Hija meħtieġa l-awtorizzazzjoni, soġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-sottosettur. Huma permessi assoċjazzjonijiet professjonali (soċjetajiet) bejn persuni fiżiċi

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fis-**SI**: Huwa meħtieġ l-istabbiliment fl-Unjoni Ewropea sabiex wieħed jipprovdi servizzi ta' kontabbiltà u ta' żamma tal-kotba (CPC 86213, 86219, 86220).

*Miżuri:*

**AT**: Wirtschaftstreuhandberufsgesetz (l-Att dwar il-Kontabilisti Pubbliċi u l-Awditjar Professjonali, BGBl. I Nr. 58/1999), § 12, § 65, § 67, § 68 (1) 4; u Bilanzbuchhaltungsgesetz (BibuG), BGBL. I Nr. 191/2013, §§ 7, 11, 28.

**CY**: Il-Liġi 42(I)/2009.

**FR**: Ordonnance 45-2138 du 19 septembre 1945, articles 3, 7, 7 ter, 7 quinquies, 27 et 42 bis.

**IT**: Id-Digriet Leġiżlattiv 139/2005; u
Il-Liġi 248/2006.

**SI**: L-Att dwar l-Awditjar (Zrev-2), Il-Gazzetta Uffiċjali RS Nru 65/2008;
L-Att dwar il-Kumpaniji (Zrev-2), Il-Gazzetta Uffiċjali RS Nru 42/2006; u
L-Att dwar is-servizzi fis-suq intern, Il-Gazzetta Uffiċjali RS Nru 21/10.

**(d) Servizzi tal-awditjar (CPC – 86211, 86212 għajr is-servizzi ta' kontabbiltà u żamma tal-kotba)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fl-**UE**: L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jistgħu jirrikonoxxu l-ekwivalenza tal-kwalifiki ta' awditur li huwa ċittadin tal-Ġappun jew ta' kwalunkwe pajjiż terz sabiex japprovawhom biex jaġixxu bħala awditur statutorju fl-Unjoni Ewropea suġġett għar-reċiproċità (CPC 8621).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fil-**BG**: Jistgħu japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika nondiskriminatorja.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fis-**SK**: Intrapriża li tal-anqas 60 fil-mija tal-interessi kapitali jew tad-drittijiet tal-vot tagħha jkunu riżervati għal ċittadini Slovakki jew ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea biss tista' tkun awtorizzata twettaq awditi fir-Repubblika Slovakka.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-**AT**: L-interessi kapitali u d-drittijiet tal-vot ta' awdituri barranin, ikkwalifikati skont il-liġi tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom, f'intrapriża Awstrijaka, ma jistgħux jeċċedu 25 fil-mija. Il-fornitur ta' servizz irid ikollu uffiċċju jew sede professjonali fiż-ŻEE.

Fil-**DE**: Il-kumpaniji tal-awditjar ('Wirtschaftsprüfungsgesellschaften') jistgħu jadottaw biss forom legali ammissibbli fi ħdan l-Unjoni Ewropea jew fiż-ŻEE. Is-soċjetajiet ġenerali u s-soċjetajiet kummerċjali limitati jistgħu jkunu rikonoxxuti bħala 'Wirtschaftsprüfungsgesellschaften' jekk ikunu elenkati bħala soċjetajiet kummerċjali fir-reġistru kummerċjali fuq il-bażi tal-attivitajiet fiduċjarji tagħhom, l-Artikolu 27 WPO. Madankollu, awdituri minn pajjiżi terzi rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 134 WPO jistgħu jwettqu l-awditu statutorju tad-dikjarazzjonijiet fiskali annwali jew jipprovdu r-rapporti finanzjarji konsolidati ta' kumpanija bil-kwartieri ġenerali tagħha barra mill-Unjoni Ewropea, li t-titoli trasferibbli tagħha jkunu offruti għall-kummerċ f'suq regolarizzat.

Fid-**DK**: L-għoti ta' servizzi ta' awditjar statutorju jirrikjedi l-approvazzjoni Daniża ta’ awditur. L-approvazzjoni tirrikjedi r-residenza fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew fi Stat Membru taż-ŻEE. Drittijiet tal-vot f’kumpaniji tal-awditjar approvati ta’ awdituri u ditti tal-awditjar li ma jkunux ġew approvati skont ir-regolament li jimplimenta it-Tmien Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE tal-10 ta’ April 1984 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar l-awditjar statutorju m’għandux l-għaxra fil-mija tad-drittijiet tal-vot.

Fil-**FI**: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE għal mill-anqas wieħed mill-awdituri ta' Kumpanija Finlandiża b'Responsabbiltà Limitata u ta' kumpaniji li huma taħt obbligu li jagħmlu awditu. Awditur irid ikun awditur b'liċenzja lokali jew ditta tal-awditjar b'liċenzja lokali.

Fi **FR**: Għal awditjar statutorju: provvista permezz ta' kwalunkwe forma ta' kumpanija barra minn SNC (Société en nom collectif) u SCS (Société en commandite simple).

Fil-**HR**: Is-servizzi ta' awditjar jistgħu jiġu pprovduti biss minn persuni ġuridiċi stabbiliti fil-Kroazja, jew minn persuni fiżiċi residenti fil-Kroazja.

Fl-**SE**: Awdituri approvati fl-Iżvezja u ditti tal-awditjar irreġistrati fl-Iżvezja biss jistgħu jwettqu servizzi ta' awditjar statutorju. Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE jew Żvizzera. It-titoli ta' "awditur approvat" u "awditur awtorizzat" jistgħu jintużaw biss minn awdituri approvati jew awtorizzati fl-Iżvezja. L-awdituri ta' assoċjazzjonijiet ekonomiċi tal-kooperattivi u xi intrapriżi oħra li mhumiex iċċertifikati jew kontabilisti approvati jridu jkunu residenti fiż-ŻEE, sakemm il-Gvern, jew awtorità tal-Gvern maħtura mill-Gvern, f'każ partikolari ma jippermettux mod ieħor.

<u>Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Trattament nazzjonali:</u>

F'**ES**: l-awdituri statutorji huma suġġetti għall-kundizzjoni taċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Din ir-riżerva ma tapplikax għall-awditjar ta' kumpaniji mhux tal-Unjoni Ewropea elenkati f'suq regolat Spanjol.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

F'**CY**: L-aċċess huwa ristrett għal persuni fiżiċi. Hija meħtieġa l-awtorizzazzjoni, soġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-sottosettur. Huma permessi assoċjazzjonijiet professjonali (soċjetajiet) bejn persuni fiżiċi.

Fil-**PL**: Huwa meħtieġ l-istabbiliment fl-Unjoni Ewropea għall-forniment ta’ servizzi tal-awditjar. Japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-**BE**: Huwa meħtieġ l-istabbiliment fil-Belġju fejn tkun se sseħħ l-attività professjonali u fejn ikunu se jinżammu l-atti, id-dokumenti u l-korrispondenza relatati magħha, u li jkun hemm mill-anqas amministratur jew maniġer wieħed tal-istabbiliment approvat bħala awditur.

Fis-**SI**: Hija meħtieġa preżenza kummerċjali. Entità tal-awditjar minn pajjiż terz jista' jkollha ishma jew tifforma soċjetajiet f'kumpanija tal-awditjar Slovena bil-kundizzjoni li, skont il-liġi tal-pajjiż li fih tkun inkorporata l-entità tal-awditjar mill-pajjiż terz, kumpaniji tal-awditjar Sloveni jista' jkollhom ishma jew jifformaw soċjetajiet f'entità tal-awditjar f'dak il-pajjiż. Hija meħtieġa residenza permanenti fis-Slovenja għal mill-anqas membru wieħed tal-bord tal-maniġment ta' kumpanija tal-awditjar stabbilita fis-Slovenja.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fl-**IT**: Hija meħtieġa r-residenza għall-forniment ta' servizzi tal-awditjar minn persuni fiżiċi.

Fil-**LT**: Huwa meħtieġ l-istabbiliment fiż-ŻEE sabiex jingħataw servizzi tal-awditjar.

*Miżuri:*

UE: Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati; u

Id-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati.

**AT**: Wirtschaftstreuhandberufsgesetz (l-Att dwar il-Kontabilisti Pubbliċi u l-Professjoni tal-Awditjar, BGBl. I Nr. 58/1999), § 12, § 65, § 67, § 68 (1) 4.

**BE**: Il-Liġi tat-22 ta' Lulju, 1953 li toħloq Istitut għall-Awdituri ta' Intrapriżi u li torganizza s-sorveljanza pubblika tal-okkupazzjoni ta' awditur ta' intrapriżi, ikkordinata fit-30 ta' April, 2007.

**BG**: L-Att dwar l-Awditi Finanzjarji Indipendenti.

**CY**: Il-Liġi tal-2009 dwar l-Awdituri u l-Awditjar Obbligatorju tal-Kontijiet Annwali u tal-Kontijiet Ikkonsolidati (il-Liġi 42(I)/2009), kif emendata bil-liġi numru 163(I) tal-2013.

**DE**: Handelsgesetzbuch, HGB, (il-Kodiċi tal-Liġi Kummerċjali); u Wirtschaftsprüferordnung, WPO, (l-Att dwar il-Kontabilisti Pubbliċi).

**DK**: Revisorloven (l-Att Daniż dwar l-Awdituri u l-Intrapriżi tal-Awditjar Approvati), l-Att Nru 468 tas-17 ta' Ġunju 2008.

**ES**: Ley 22/2015, de 20 de julio, de Auditoría de Cuentas (Liġi ġdida dwar l-Awditjar: il-Liġi 22/2015 dwar is-Servizzi tal-awditjar).

**FI**: Tilintarkastuslaki (l-Att dwar l-Awditjar) (459/2007), Liġijiet settorjali li jirrikjedu l-użu ta' awdituri b'liċenzja lokali.

**FR**: Ordonnance 45-2138 du 19 septembre 1945, articles 3, 7, 7 ter, 7 quinquies, 27 et 42 bis.

**HR**: L-Att dwar l-Awditjar (OG 146/05, 139/08, 144/12), l-Artikolu 3.

**IT**: Id-Digriet Leġiżlattiv 58/1998, l-Artikoli 155, 158 u 161;
Id-Digriet tal-President tar-Repubblika 99/1998; u
Id-Digriet Leġiżlattiv 39/2010, l-Artikolu 2.

**LT**: Il-Liġi dwar l-Awditjar tal-15 ta' Ġunju 1999 Nru VIII -1227 (verżjoni ġdida tat-3 ta' Lulju 2008 Nru X-1676).

**PL**: L-Att tal-11 ta' Mejju 2017 dwar l-awdituri statutorji, id-ditti tal-awditjar u sorveljanza pubblika - Il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2017, il-punt 1089.

**SE**: Revisorslagen (l-Att dwar l-Awdituri) (2001:883);
Revisionslag (l-Att dwar l-Awditjar) (1999:1079);
Aktiebolagslagen (l-Att dwar il-Kumpaniji) (2005:551);
Lag om ekonomiska föreningar (l-Att dwar l-Assoċjazzjonijiet Ekonomiċi tal-Kooperattivi) (1987:667); u
Oħrajn, dwar ir-rekwiżiti sabiex isir użu mill-awdituri approvati.

**SI**: L-Att dwar l-Awditjar (Zrev-2), Il-Gazzetta Uffiċjali RS Nru 65/2008; u
L-Att dwar il-Kumpaniji (ZGD-1), Il-Gazzetta Uffiċjali RS Nru 42/2006.

**SK**: L-Att Nru 423/2015 dwar l-Awditjar statutorju.

**(e) Servizzi ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni (CPC 863, mhux inklużi s-servizzi ta' konsulenza legali u ta' rappreżentanza legali dwar it-taxxa, li jinstabu taħt is-servizzi legali)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-**AT**: L-interessi kapitali u d-drittijiet tal-vot ta' konsulenti barranin dwar it-taxxa, ikkwalifikati skont il-liġi tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom, f'intrapriża Awstrijaka, ma jistgħux jeċċedu 25 fil-mija. Il-fornitur ta' servizz irid ikollu uffiċċju jew sede professjonali fiż-ŻEE.

Fil-**BG**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għall-konsulenti tat-taxxa.

F'**CY**: L-aċċess huwa ristrett għal persuni fiżiċi. Hija meħtieġa l-awtorizzazzjoni, soġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-sottosettur. Huma permessi assoċjazzjonijiet professjonali (soċjetajiet) bejn persuni fiżiċi.

Fi **FR**: Forniment permezz ta' SEL (anonyme, à responsabilité limitée ou en commandite par actions) jew SCP (Société civile professionnelle) biss.

Fl-**IT**: Hija meħtieġa r-residenza.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fl-**HU**: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza dwar it-taxxa, sakemm dawn ikunu qed jiġu pprovduti minn persuna fiżika preżenti fit-territorju tal-Ungerija.

*Miżuri:*
**AT**: Wirtschaftstreuhandberufsgesetz (l-Att dwar il-Kontabilisti Pubbliċi u l-Awditjar Professjonali, BGBl. I Nr. 58/1999), § 12, § 65, § 67, § 68 (1) 4.

**BG**: L-Att dwar il-Kontabilità;
L-Att dwar l-Awditi Finanzjarji Indipendenti;
L-Att dwar it-Taxxi fuq l-Introjtu ta' Persuni Fiżiċi; u
L-Att dwar it-Taxxa fuq il-Kumpaniji.

**CY**: Il-Liġi 42(I)/2009.

**FR**: Ordonnance 45-2138 du 19 septembre 1945, articles 3, 7, 7 ter, 7 quinquies, 27 et 42 bis.

**HU**: L-Att XCII tal-2003 dwar ir-Regoli tat-Tassazzjoni; u
Id-Digriet tal-Ministeru tal-Finanzi Nru 26/2008 dwar il-liċenzjar u r-reġistrazzjoni ta' attivitajiet ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni.

**IT**: Id-Digriet Leġiżlattiv 139/2005; u
Il-Liġi 248/2006.

**(f) Servizzi ta' arkitettura u ppjanar urban, servizzi ta' inġinerija u ta' inġinerija integrata (CPC 8671, 8672, 8673, 8674)**

<u>Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:</u>

Fi **FR**: Perit jista' biss jistabbilixxi ruħu fi Franza sabiex jipprovdi servizzi arkitetturali billi juża waħda mill-forom ġuridiċi li ġejjin (fuq bażi mhux diskriminatorja) SA et SARL (sociétés anonymes, à responsabilité limitée), EURL (Entreprise unipersonnelle à responsabilité limitée), SCP (en commandite par actions), SCOP (Société coopérative et participative), SELARL (société d'exercice libéral à responsabilité limitée), SELAFA (société d'exercice libéral à forme anonyme), SELAS (société d'exercice libéral )or SAS (Société par actions simplifiée), jew bħala individwu jew bħala soċju f'intrapriża arkitetturali (CPC 8671).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-**BG**: Għal proġetti arkitettoniċi u inġineristiċi ta' importanza nazzjonali jew reġjonali, l-investituri barranin iridu jagħixxu f'soċjetà ma', jew bħala sottokuntratturi, għal investituri lokali (CPC 8671, 8672, 8673). Speċjalisti barranin irid ikollhom esperjenza ta' mill-anqas sentejn fis-settur tal-bini. Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE għas-servizzi ta' ppjanar urban u ta' arkitettura tal-pajsaġġ (CPC 8674).

F'**CY**: Il-kundizzjoni taċ-ċittadinanza u tar-residenza tapplika għall-forniment ta' servizzi ta' arkitettura u ppjanar urban, servizzi ta' inġinerija u ta' inġinerija integrata (CPC 8671, 8672, 8673, 8674)

Fl-**HU**: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE għall-forniment tas-servizzi li ġejjin, sa fejn dawn ikunu qed jiġu pprovduti minn persuna fiżika preżenti fit-territorju tal-Ungerija: servizzi arkitettoniċi, servizzi ta' inġinerija (applikabbli biss għal apprendisti gradwati), servizzi ta' inġinerija integrata u servizzi ta' arkitettura tal-pajsaġġ (CPC 8671, 8672, 8673, 8674).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-**CZ**: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE.

Fil-**HR**: Disinn jew proġett maħluq minn perit, inġinier jew pjanifikatur urban barrani jrid jiġi validat minn persuna fiżika jew ġuridika awtorizzata fil-Kroazja fir-rigward tal-konformità tiegħu mal-Liġi Kroata (CPC 8671, 8672, 8673, 8674).

Fl-**IT**: ir-residenza jew id-domiċilju professjonali/indirizz tan-negozju fl-Italja huma meħtieġa għar-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali, li hija neċessarja għall-eżerċizzju tas-servizzi arkitettoniċi u tal-inġinerija (CPC 8671, 8672, 8673, 8674).

Fis-**SK**: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE għar-reġistrazzjoni fil-kamra professjonali, li hija neċessarja għall-eżerċizzju ta' servizzi arkitettoniċi u tal-inġinerija (CPC 8671, 8672, 8673, 8674).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fil-**BE**: il-forniment ta' servizzi arkitettoniċi jinkludi l-kontroll fuq l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet (CPC 8671, 8674). Periti barranin awtorizzati fil-pajjiżi ospitanti tagħhom u li jkunu jixtiequ jipprattikaw il-professjoni tagħhom fuq bażi okkażjonali fil-Belġju huma rikjesti li jiksbu awtorizzazzjoni minn qabel mill-Kunsill tal-Ordni fiż-żona ġeografika fejn ikun beħsiebhom jipprattikaw l-attività tagħhom.

*Miżuri:*

**BE**: Il-Liġi tal-20 ta' Frar 1939 dwar il-protezzjoni tat-titolu tal-professjoni ta' perit u Il-Liġi tas-26 ta' Ġunju 1963, li toħloq l-Ordni tal-Periti, ir-Regolamenti tas-16 ta' Diċembru 1983 dwar l-etika stabbilita mill-Kunsill nazzjonali fl-Ordni tal-Periti (Approvati permezz tal-ewwel l-Artikolu ta' A.R. tat-18 ta' April, 1985, M.B., it-8 ta' Mejju 1985).

**BG**: L-Att dwar l-Iżvilupp Spazjali;
L-Att dwar il-Kamra tal-Bennejja; u
L-Att dwar il-Kmamar tal-Periti u l-Inġiniera fit-Tfassil tal-Iżvilupp ta' Proġetti.

**CY**: Il-Liġi 41/1962;
Il-Liġi 224/1990; u
Il-Liġi 29(i)2001.

**CZ**: L-Att Nru 360/1992 Coll. dwar il-prattika tal-professjoni ta' periti awtorizzati u inġiniera u tekniċi awtorizzati li jaħdmu fil-qasam tal-kostruzzjoni ta' binjiet.

**FR**: Loi 90-1258 relative à l'exercice sous forme de société des professions libérales;
Décret 95-129 du 2 février 1995 relatif à l'exercice en commun de la profession d'architecte sous forme de société en participation;

Décret 92-619 du 6 juillet 1992 relatif à l'exercice en commun de la profession d'architecte sous forme de société d'exercice libéral à responsabilité limitée SELARL, société d'exercice libéral à forme anonyme SELAFA, société d'exercice libéral en commandite par actions SELCA; u

Loi 77-2 du 3 janvier 1977, l-Artikoli 12, 13 u 14.

**HR**: L-Att dwar l-Attivitajiet Arkitettoniċi u ta' Inġinerija fl-Ippjanar u l-Bini Fiżiku (OG 152/08, 49/11, 25/13); u

L-Att dwar l-Ippjanar Fiżiku tat-12 ta' Diċembru 2013 (011-01/13-01/291).

**HU**: L-Att LVIII tal-1996 dwar il-Kmamar Professjonali tal-Periti u l-Inġiniera.

**IT**: Id-Digriet Amministrattiv 2537/1925 dwar il-professjoni ta' periti u inġiniera; Il-Liġi 1395/1923; u

Id-Digriet tal-President tar-Repubblika (D.P.R.) 328/2001.

**SK**: L-Att 138/1992 dwar il-Periti u l-Inġiniera, l-Artikoli 3, 15, 15a, 17a u 18a.

**Riżerva Nru 3 – Is-servizzi professjonali (professjonijiet relatati mas-saħħa u l-bejgħ bl-imnut ta’ prodotti farmaċewtiċi)**

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Servizzi professjonali – servizzi mediċi (inklużi l-psikologi) u dentali; qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku; servizzi veterinarji; bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, prodotti mediċi u ortopediċi u servizzi oħra pprovduti minn spiżjara |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | CPC 9312, 93191, 932, 63211 |
| Tip ta' riżerva: | Aċċess għas-suq<br>Trattament nazzjonali<br>Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi |
| Sezzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi |
| Livell ta' gvern: | UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

**(a) Servizzi mediċi, dentali, tal-qwiebel, tal-infermiera, tal-fiżjoterapisti u paramediċi (CPC 852, 9312, 93191)**

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-**IT**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea għas-servizzi pprovduti minn psikologi, il-professjonisti barranin jistgħu jitħallew jipprattikaw abbażi ta' reċiproċità (parti mis-CPC 9312).

*Miżuri:*

**IT**: Il-Liġi 56/1989 dwar il-professjoni tal-psikologi.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

F'**CY**: Il-kundizzjoni taċ-ċittadinanza u r-residenza Ċiprijotta tapplika għall-forniment ta' servizzi mediċi, dentali, tal-qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti u paramediċi.

*Miżuri:*

**CY**: Il-Liġi dwar ir-Reġistrazzjoni tat-Tobba (Kapitolu 250);

Il-Liġi dwar ir-Reġistrazzjoni tad-Dentisti (Kapitolu 249);

Il-Liġi 75(I)/2013 –Podologi;

Il-Liġi 33(I)/2008 –Fiżika Medika;

Il-Liġi 34(I)/2006 -Terapisti Okkupazzjonali;

Il-Liġi 9(I)/1996 -Tekniċi Dentali;

Il-Liġi 68(I)/1995 –Psikologi;

Il-Liġi 16(I)/1992; Il-Liġi 23(I)/2011 -Radjologi/Radjuterapisti;

Il-Liġi 31(I)/1996 -Djetologi/Nutrizzjonisti;

Il-Liġi 140/1989 –Fiżjoterapisti; u

Il-Liġi 214/1988 –Infermiera.

Fil-**DE** (japplika wkoll għal-livell reġjonali tal-gvern): Jistgħu jiġu imposti restrizzjonijiet ġeografiċi fuq ir-reġistrazzjoni professjonali, li japplikaw bl-istess mod għaċ-ċittadini u għall-barranin.

It-tobba (inklużi l-psikologi, il-fiżjoterapisti, u d-dentisti) iridu jirreġistraw mal-assoċjazzjonijiet reġjonali tal-kirurgi jew id-dentisti ta' assigurazzjoni medika statutorja (kassenärztliche jew kassenzahnärztliche Vereinigungen), jekk jixtiequ jieħdu pazjenti assigurati mill-fondi tas-saħħa statutorji. Din ir-reġistrazzjoni tista' tkun suġġetta għal restrizzjonijiet kwantitattivi bbażati fuq id-distribuzzjoni reġjonali tat-tobba. Għad-dentisti, din ir-restrizzjoni ma tapplikax. Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa biss għal tobba li jipparteċipaw fl-iskema tas-saħħa pubblika. Jistgħu jeżistu restrizzjonijiet mhux diskriminatorji fuq il-forma ġuridika ta' stabbiliment meħtieġa sabiex jiġu pprovduti dawn is-servizzi (§ 95 SGB V).

Għas-servizzi mediċi, dentali u tal-qwiebel, l-aċċess huwa ristrett għal persuni fiżiċi biss. Jistgħu japplikaw ir-rekwiżiti ta' stabbiliment.

It-telemediċina tista' tiġi pprovduta biss fil-kuntest ta' trattament primarju li jinvolvi l-preżenza fiżika minn qabel ta' tabib. L-għadd ta' fornituri ta' servizzi tal-ICT (teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni) jista' jkun limitat sabiex jiġu ggarantiti l-interoperabbiltà, il-kompatibbiltà u l-istandards meħtieġa tas-sigurtà. Dan jiġi applikat b'mod mhux diskriminatorju (CPC 9312, 93191).

*Miżuri:*

Bundesärzteordnung (ir-Regolament Mediku Federali);

Gesetz über die Ausübung der Zahnheilkunde;

Gesetz über die Berufe des Psychologischen Psychotherapeuten und des Kinder- und Jugendlichenpsychotherapeuten (l-Att dwar il-Forniment ta' Servizzi ta' Psikoterapija tas-16.07.1998);

Gesetz über die berufsmäßige Ausübung der Heilkunde ohne Bestallung;

Gesetz über den Beruf der Hebamme und des Entbindungspflegers;

Gesetz über die Berufe in der Krankenpflege;

§ 7 Absatz 3 Musterberufsordnung fuer Aerzte (il-Kodiċi professjonali Mudell Ġermaniż għat-tobba);

§95,§ 99 u seq. SGB V (il-Ktieb dwar is-Sigurtà Soċjali Nru V), l-Assigurazzjoni tas-Saħħa Statutorja;

§ 1 Absatz 2 u Absatz 5 Hebammengesetz (il-Kodiċi tal-Qwiebel), § 291b SGB V (il-Ktieb dwar is-Sigurtà Soċjali Nru V) dwar il-fornituri ta’ Saħħa elettronika;

Heilberufekammergesetz des Landes Baden-Württemberg in der Fassung tas-16. 03. 1995 (GBl. BW tas-17.05.1995 S. 314);

Gesetz über die Berufsausübung, die Berufsvertretungen und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Tierärzte, Apotheker sowie der Psychologischen Psychotherapeuten und der Kinder- und Jugendlichenpsychotherapeuten (Heilberufe-Kammergesetz - HKaG) in Bayern tas-06.02.2002 (BAY GVBl 2002, paġna 42);

Gesetz über die Kammern und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Apotheker, Psychologischen Psychotherapeuten und Kinder- und Jugendpsychotherapeuten (Berliner Kammergesetz) tal-04.09.1978 (Berliner GVBl. paġna 1937, rev. paġna 1980);

§ 31 Heilberufsgesetz Brandenburg (HeilBerG) tat-28.04.2003;

Bremisches Gesetz über die Berufsvertretung, die Berufsausübung, die Weiterbildung und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Psychotherapeuten, Tierärzte und Apotheker (Heilberufsgesetz - HeilBerG) tat-12.05.2005;
§ 29 Heilberufsgesetz (HeilBG NRW) tad-09.05.2000;
§ 20 Heilberufsgesetz (HeilBG Rheinland-Pfalz) tas-07.02.2003;
Gesetz über Berufsausübung, Berufsvertretungen und Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Tierärzte, Apotheker sowie der Psychologischen Psychotherapeuten und der Kinder und Jugendlichenpsychotherapeuten im Freistaat (Sächsisches Heilberufekammergesetz – SächsHKaG) tal-24.05.1994 (SächsGVBl. paġna 935);
Gesetz über die öffentliche Berufsvertretung, die Berufspflichten, die Weiterbildung und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte/ Ärztinnen, Zahnärzte/ Zahnärztinnen, psychologischen Psychotherapeuten/ Psychotherapeutinnen und Kinder- und Jugendlichenpsychotherapeuten/-psychotherapeutinnen, Tierärzte/Tierärztinnen und Apotheker/Apothekerinnen im Saarland (Saarländisches Heilberufekammergesetz - SHKG) tad-19.11.2007; u
Thüringer Heilberufegesetz tad-29. Januar 2002 (GVBl 2002, 125).

**(b) Servizzi Veterinarji (CPC 932)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fil-**PL**: Sabiex isegwu professjoni ta' kirurgu veterinarju preżenti fit-territorju tal-Polonja, iċ-ċittadini mhux tal-Unjoni Ewropea jridu jgħaddu minn eżami fil-lingwa Pollakka organizzat mill-Kamra Pollakka tal-Kirurgi Veterinarji.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fi **FR**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE sabiex jiġu pprovduti servizzi veterinarji, iżda r-rekwiżit taċ-ċittadinanza jista' jiġi eżentat soġġett għar-reċiproċità. Il-forom ġuridiċi disponibbli lil kumpanija li tipprovdi servizzi veterinarji huma limitati għal tliet tipi ta' kumpaniji (SEP (Société en participation); SCP (Société civile professionnelle); u SEL (Société d'exercice liberal).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

F'**CY**: Tapplika l-kundizzjoni taċ-ċittadinanza u tar-residenza sabiex jiġu pprovduti servizzi veterinarji.

Fil-**EL**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew Żvizzera sabiex wieħed jipprovdi servizzi veterinarji.

F'**ES**: Is-sħubija fl-assoċjazzjoni professjonali hija meħtieġa għall-prattika tal-professjoni u tirrikjedi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea, li tista' tiġi eżentata permezz ta' ftehim professjonali bilaterali. Il-forniment ta' servizzi veterinarji huwa limitat għal persuni fiżiċi.

Fil-**HR**: Persuni ġuridiċi u fiżiċi stabbiliti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għall-iskop ta' twettiq ta' attivitajiet veterinarji biss jistgħu jipprovdu servizzi veterinarji transfruntiera fir-Repubblika tal-Kroazja. Ċittadini tal-Unjoni Ewropea biss jistgħu jistabbilixxu prattika veterinarja fir-Repubblika tal-Kroazja.

Fl-**HU**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE sabiex wieħed jissieħeb fil-Kamra Ungeriża tal-Veterinarji, li hija meħtieġa sabiex jiġu pprovduti servizzi veterinarji. L-awtorizzazzjoni għal stabbiliment hija suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol fis-settur.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fil-**CZ**: Hija meħtieġa l-preżenza fiżika fit-territorju sabiex wieħed jipprovdi servizzi veterinarji.

Fil-**DE** (japplika wkoll għal-livell reġjonali tal-gvern): Il-forniment ta' servizzi veterinarji huwa limitat għal persuni fiżiċi. It-telemediċina tista' tiġi pprovduta biss fil-kuntest ta' trattament primarju li jinvolvi l-preżenza fiżika minn qabel ta' veterinarju.

Fid-**DK** u **NL**: Il-forniment ta' servizzi veterinarji huwa limitat għal persuni fiżiċi.

Fl-**IE**: Il-forniment ta' servizzi veterinarji huwa limitat għal persuni fiżiċi jew soċjetajiet.

Fl-**IT** u **PT**: Hija meħtieġa r-residenza sabiex wieħed jipprovdi servizzi veterinarji.

Fil-**LV**: Il-forniment ta' servizzi veterinarji huwa limitat għal persuni fiżiċi.

Fis-**SI**: Persuni ġuridiċi u fiżiċi stabbiliti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għall-iskop ta' twettiq ta' attivitajiet veterinarji biss jistgħu jipprovdu servizzi veterinarji transfruntiera fir-Repubblika tal-Slovenja.

Fis-**SK**: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE għar-reġistrazzjoni fil-kamra professjonali, li hija neċessarja għat-twettiq tal-professjoni. Il-forniment ta' servizzi veterinarji huwa limitat għal persuni fiżiċi.

Fl-**UK**: Il-forniment ta' servizzi veterinarji huwa limitat għal persuni fiżiċi jew soċjetajiet. Hija meħtieġa l-preżenza fiżika sabiex wieħed iwettaq kirurġija veterinarja. Il-prattika tal-kirurġija veterinarja hija riżervata għal kirurgi veterinarji li jkunu membri tar-Royal College of Veterinary Surgeons (RCVS).

<u>Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Trattament nazzjonali:</u>

Fl-**AT**: Ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE biss jistgħu jipprovdu servizzi veterinarji. Ir-rekwiżit taċ-ċittadinanza jiġi mneħħi għaċ-ċittadini ta' Stat mhux membru taż-ŻEE meta jkun hemm ftehim tal-Unjoni Ewropea ma' dak l-Istat mhux membru taż-ŻEE li jipprovdi għal trattament nazzjonali fir-rigward tal-investiment u l-kummerċ transfruntiera ta' servizzi veterinarji.

*Miżuri:*

**AT**: Tierärztegesetz (l-Att Veterinarju), BGBl. Nr. 16/1975, §3 (2) (3).

**CY**: Il-Liġi 169/1990.

**CZ**: L-Att Nru 166/1999 Coll. (l-Att dwar il-Veterinarji), §58-63, 39; u
L-Att Nru 381/1991 Coll. (dwar il-Kamra tal-Kirurgi Veterinarji tar-Repubblika Ċeka), il-paragrafu 4.

**DE**: Il-Kodiċi Federali għall-Professjoni Veterinarja (Bundes- Tierärzteordnung in der Fassung der Bekanntmachung vom 20. November 1981 (BGBl. I S. 1193).

Livell reġjonali:

L-Atti dwar il-Kunsilli għall-Professjoni Medika tal-Länder (Heilberufs- und Kammergesetze der Länder) u (ibbażati fuq dawn) Baden-Württemberg, Gesetz über das Berufsrecht und die Kammern der Ärzte, Zahnärzte, Tierärzte Apotheker, Psychologischen Psychotherapeuten sowie der Kinder- und Jugendlichenpsychotherapeuten (Heilberufe-Kammergesetz - HBKG) in der Fassung vom 16.03.1995;

Bayern, Gesetz über die Berufsausübung, die Berufsvertretungen und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Tierärzte, Apotheker sowie der Psychologischen Psychotherapeuten und der Kinder- und Jugendlichenpsychotherapeuten (Heilberufe-Kammergesetz - HKaG) in der Fassung der Bekanntmachung vom 06.02.2002;

Berlin, Gesetz über die Kammern und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Tierärzte, Apotheker, Psychologischen Psychotherapeuten und Kinder- und Jugendlichenpsychotherapeuten (Berliner Kammergesetz) in der Fassung vom 04.091978 (GVBl. S. 1937);

Brandenburg, Heilberufsgesetz (HeilBerG) vom 28.04.2003 (GVBl.I/03, Nr. 07, S.126);

Bremen, Gesetz über die Berufsvertretung, die Berufsausübung, die Weiterbildung und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Psychotherapeuten, Tierärzte und Apotheker (Heilberufsgesetz - HeilBerG) vom 12.05.2005, (Brem.GBl. S. 149);
Hamburg, Hamburgisches Kammergesetz für die Heilberufe (HmbKGH) vom 14.12.2005 zum Ausgangs- oder Titeldokument (HmbGVBl. 2005, S. 495);
Hessen, Gesetz über die Berufsvertretungen, die Berufsausübung, die Weiterbildung und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Tierärzte, Apotheker, Psychologischen Psychotherapeuten und Kinder- und Jugendlichenpsychotherapeuten (Heilberufsgesetz) in der Fassung vom 07.02.2003;
Mecklenburg-Vorpommern, Heilberufsgesetz (HeilBerG) vom 22.01.1993 (GVOBl. M-V 1993, S. 62);
Niedersachsen, Kammergesetz für die Heilberufe (HKG) in der Fassung vom 08.12.2000;
Nordrhein-Westfalen, Heilberufsgesetz NRW (HeilBerg) vom 9. Mai 2000 (GV. NRW. 2000 S. 403ff.);
Rheinland-Pfalz, Heilberufsgesetz (HeilBG) vom 20.10.1978;
Saarland, Gesetz Nr. 1405 über die öffentliche Berufsvertretung, die Berufspflichten, die Weiterbildung und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte/Ärztinnen, Zahnärzte/Zahnärztinnen, Tierärzte/Tierärztinnen und Apotheker/Apothekerinnen im Saarland (Saarländisches Heilberufekammergesetz - SHKG) vom 11.03.1998;

Sachsen, Gesetz über Berufsausübung, Berufsvertretungen und Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Tierärzte, Apotheker sowie der Psychologischen Psychotherapeuten und der Kinder- und Jugendlichenpsychotherapeuten im Freistaat Sachsen (Sächsisches Heilberufekammergesetz – SächsHKaG) vom 24.05.1994;
Sachsen-Anhalt, Gesetz über die Kammern für Heilberufe Sachsen-Anhalt (KGHB-LSA) vom 13.07.1994 (GVBl. LSA 1994, S. 832);
Schleswig-Holstein, Gesetz über die Kammern und die Berufsgerichtsbarkeit für die Heilberufe (Heilberufekammergesetz - HBKG) vom 29. Februar 1996;
Thüringen, Thüringer Heilberufegesetz (ThürHeilBG) in der Fassung der Bekanntmachung vom 29.01.2002 (GVBl 2002, S. 125); u
Il-Kodiċijiet ta' Kondotta Professjonali tal-Kunsilli tal-Professjonisti tal-Mediċina Veterinarja (Berufsordnungen der Kammern).

**DK**: L-Att Nru 1149 tat-12 ta' Settembru 2015 dwar il-kirurgi veterinarji.

**EL**: Id-Digriet Presidenzjali 38/2010, id-Deċiżjoni Ministerjali 165261/IA/2010 (Gazzetta tal-Gvern 2157/B).

**ES**: Real Decreto 126/2013, de 22 de febrero, por el que se aprueban los Estatutos Generales de la Organización Colegial Veterinaria Española; l-Artikoli 62 u 64.

**FR**: Code rural et de la pêche maritime articles L241-1; L241-2; L241-2-1.

**HR**: L-Att dwar il-Veterinarji (OG 41/07, 55/11), l-Artikoli 89, 106.

**HU**: L-Att CXXVII tal-2012 dwar il-Kamra tal-Veterinarji Ungeriża u l-kundizzjonijiet kif jiġu pprovduti servizzi Veterinarji.

**IE**: L-Att dwar il-Prattika Veterinarja 2005.

**IT**: Id-Digriet Leġiżlattiv C.P.S. 233/1946, l-Artikoli 7-9; u
Id-Digriet tal-President tar-Repubblika (DPR) 221/1950, il-paragrafu 7.

**LV**: Il-Liġi dwar il-Mediċina Veterinarja.

**NL**: Wet op de uitoefening van de diergeneeskunde 1990 (WUD).

**PL**: Il-Liġi tal-21 ta' Diċembru 1990 dwar il-Professjoni ta' Kirurgu Veterinarju u l-Kmamar tal-Kirurgi Veterinarji.

**PT**: Id-Digriet Amministrattiv 368/91 (Statut tal-Assoċjazzjoni Professjonali Veterinarja).

**SI**: Pravilnik o priznavanju poklicnih kvalifikacij veterinarjev (Regoli dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali għall-veterinarji), Uradni list RS, št. (Il-Gazzetta Uffiċjali Nru) 71/2008, 7/2011, 59/2014 f'21/2016, l-Att dwar is-servizzi fis-suq intern, Il-Gazzetta Uffiċjali RS Nru 21/2010.

**SK**: L-Att 442/2004 dwar it-Tobba Veterinarji Privati, l-Artikolu 2.

**UK**: L-Att dwar il-Kirurgi Veterinarji (1966).

**(c) Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi u servizzi oħra pprovduti minn spiżjara (CPC 63211)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

Fl-**AT**: Il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċi speċifiċi lill-pubbliku jista' jitwettaq biss minn spiżerija. Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera sabiex wieħed jopera spiżerija. Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera għad-detenturi tal-kirja u l-persuni responsabbli mit-tmexxija ta' spiżerija.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-**EL**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea sabiex wieħed jopera spiżerija.

Fi **FR**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera sabiex wieħed jopera spiżerija. Spiżjara barranin jista' jingħatalhom permess ta' stabbiliment fi ħdan kwoti stabbiliti annwalment.

Fl-**HU**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE sabiex wieħed jopera spiżerija.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

F'**CY**: Japplika r-rekwiżit taċ-ċittadinanza għall-forniment ta' bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, prodotti mediċi u ortopediċi u servizzi oħra pprovduti minn spiżjara (CPC 63211).

Fil-**DE**: Hija meħtieġa r-residenza sabiex tinkiseb liċenzja ta' spiżjar jew għall-ftuħ ta' spiżerija għall-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u xi prodotti mediċinali lill-pubbliku. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi oħra jew persuni li ma jkunux għaddew mill-eżami Ġermaniż għal spiżerija jistgħu jiksbu biss liċenzja sabiex jieħdu kontroll ta' spiżerija li tkun diġà eżistiet matul it-tliet snin preċedenti. L-għadd totali ta' spiżeriji għal kull persuna huwa limitat għal spiżerija waħda u sa tliet fergħat ta' spiżeriji. Persuni fiżiċi biss jistgħu jipprovdu servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċi speċifiċi lill-pubbliku.

Fil-**EL**: Persuni fiżiċi, li jkunu spiżjara liċenzjati, u kumpaniji stabbiliti minn spiżjara liċenzjati biss huma permessi li jipprovdu servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċi speċifiċi lill-pubbliku.

Fi **FR**: Il-ftuħ ta' spiżerija jrid ikun awtorizzat u l-preżenza kummerċjali, inkluż il-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti mediċinali lill-pubbliku permezz tas-servizzi tas-soċjetà tal-informatika, trid tieħu waħda mill-forom legali li huma permessi skont il-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. anonyme, à responsabilité limitée ou en commandite par actions (SEL), société en noms collectifs (SNC), jew SARL biss.

Fl-**IT**: Il-prattika tal-professjoni hija possibbli biss għal persuni fiżiċi rreġistrati fir-reġistru, kif ukoll għal persuni ġuridiċi fil-forma ta' soċjetajiet, fejn kull soċju tal-kumpanija jrid ikun irreġistrat bħala spiżjar. Ir-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali tal-ispiżjara tirrikjedi ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ir-residenza u l-prattika tal-professjoni fl-Italja. Iċ-ċittadini barranin li jkollhom il-kwalifiki neċessarji jistgħu jirreġistraw jekk ikunu ċittadini ta' pajjiż li miegħu l-Italja jkollha ftehim speċjali, li jawtorizza l-eżerċizzju tal-professjoni, abbażi tal-kundizzjoni ta' reċiproċità (D. Lgsl. CPS 233/1946, l-Artikoli 7-9 u D.P.R. 221/1950, il-paragrafi 3 u 7). L-ispiżeriji ġodda jew vakanti jiġu awtorizzati wara kompetizzjoni pubblika. Iċ-ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea rreġistrati fir-Reġistru tal-Ispiżjara ("albo") biss jistgħu jipparteċipaw f'kompetizzjoni pubblika.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

F'**ES**: Persuni fiżiċi biss, li jkunu spiżjara liċenzjati, jistgħu jipprovdu servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċi speċifiċi lill-pubbliku. Kull spiżjar ma jistax jikseb aktar minn liċenzja waħda.

F'**ES**, **HR**, **HU**, **IT** u **PT**: L-awtorizzazzjoni ta' stabbiliment hija suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: il-kundizzjonijiet ta' popolazzjoni u ta' densità fiż-żona.

Fil-**LU**: Persuni fiżiċi biss huma permessi jipprovdu servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċi speċifiċi lill-pubbliku.

F'**MT**: Ħruġ ta' liċenzji għal Spiżeriji b'ċerti restrizzjonijiet. Ebda persuna ma għandu jkollha aktar minn liċenzja waħda f'isimha fi kwalunkwe belt jew raħal (ir-Regolament 5(1) tar-Regolamenti dwar il-Liċenzji għall-Ispiżeriji (LN279/07)), barra mill-każ fejn ma jkun hemm ebda applikazzjoni ulterjuri għal dik il-belt jew ir-raħal (ir-Regolament 5(2) tar-Regolamenti dwar il-Liċenzji għall-Ispiżeriji (LN279/07).

Fil-**PT**: F'kumpaniji kummerċjali fejn il-kapital huwa rappreżentat permezz tal-ishma, dawn ikunu nominattivi. Persuna ma għandhiex tipposjedi jew teżerċita, simultanjament, direttament jew indirettament, is-sjieda, l-operazzjoni jew il-ġestjoni ta' aktar minn erba' spiżeriji.

Fis-**SI**: In-netwerk tal-ispiżeriji fis-Slovenja jikkonsisti minn istituzzjonijiet ta' spiżeriji pubbliċi, proprjetà tal-muniċipalitajiet, u minn spiżjara privati b'konċessjoni fejn is-sid maġġoritarju jrid ikun fil-professjoni ta' spiżjar. Il-bejgħ bil-korrispondenza ta' prodotti farmaċewtiċi li jirrikjedu riċetta huwa pprojbit.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fil-**LV**: Sabiex jibda prattika indipendenti fi spiżerija, spiżjar jew assistent spiżjar barrani, edukat fi stat li mhuwiex Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew Stat Membru taż-ŻEE, irid jaħdem għal mill-anqas sena fi spiżerija taħt is-superviżjoni ta' spiżjar.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-**BG** u **EE**: Il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċi speċifiċi lill-pubbliku jista' jitwettaq biss minn spiżerija.

Fil-**BG**: Il-bejgħ bil-korrispondenza ta' prodotti farmaċewtiċi huwa pprojbit. Hija meħtieġa residenza permanenti għall-ispiżjara. Il-maniġers tal-ispiżeriji jridu jkunu spiżjara kkwalifikati u jistgħu jimmaniġġaw spiżerija waħda biss li huma stess jaħdmu fiha. Teżisti kwota għall-għadd ta' spiżeriji li jistgħu jappartjenu lil persuna waħda.

Fl-**EE**: Il-bejgħ bil-korrispondenza ta' prodotti mediċinali kif ukoll il-konsenja bil-posta jew servizz espress ta' prodotti mediċinali ordnati mill-internet huwa pprojbit. L-awtorizzazzjoni ta' stabbiliment hija suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: il-kundizzjonijiet ta' densità fiż-żona.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi - Aċċess għas-suq:

Fis-**SK**: Hija meħtieġa r-residenza sabiex tinkiseb liċenzja ta' spiżjar jew għall-ftuħ ta' spiżerija għall-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u xi prodotti mediċi lill-pubbliku.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment - Aċċess għas-suq

Fid-**DK**: Persuni fiżiċi biss, li jkunu ngħataw liċenzja ta' spiżjar mill-Awtorità Daniża tas-Saħħa u l-Mediċini, huma permessi li jipprovdu servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċi speċifiċi lill-pubbliku.

*Miżuri:*

**AT**: Apothekengesetz (il-Liġi dwar l-Ispiżeriji), RGBl. Nru 5/1907 kif emendata, §§ 3, 4, 12;

Arzneimittelgesetz (l-Att dwar il-Medikazzjoni), BGBl. Nru 185/1983 kif emendat, §§ 57, 59, 59a; u

Medizinproduktegesetz (il-Liġi dwar il-Prodotti Mediċi), BGBl. Nru 657/1996 kif emendata, § 99.

**BG**: Il-Liġi dwar Prodotti Mediċinali fil-Mediċina tal-Bniedem, l-Artikoli 146, 161, 195, 222, 228.

**CY**: Il-Liġi dwar il-Prodotti Farmaċewtiċi u l-Veleni (Kapitolu 254).

**DE**: § 2 il-paragrafu 2, § 11a Apothekengesetz (l-Att Ġermaniż dwar l-Ispiżeriji);
§§ 43 il-paragrafu 1, 73 il-paragrafu 1 Nru 1a, Arzneimittelgesetz (l-Att Ġermaniż dwar il-Mediċini); u
§ 11 Abs. 2 und 3 Medizinproduktegesetz, Verordnung zur Regelung der Abgabe von Medizinprodukten.

**DK**: Apotekerloven (l-Att Daniż dwar l-Ispiżeriji) LBK Nru 1040 03/09/2014.

**EE**: Ravimiseadus (l-Att dwar il-Prodotti Mediċinali), RT I 2005, 2, 4; § 29 (2); u
Tervishoiuteenuse korraldamise seadus (l-Att dwar l-Organizzazzjoni tas-Servizzi tas-Saħħa, RT I 2001, 50, 284).

**EL**: Il-Liġi 5607/1932 kif emendata bil-Liġijiet 1963/1991 u 3918/2011.

**ES**: Ley 16/1997, de 25 de abril, de regulación de servicios de las oficinas de farmacia (il-Liġi 16/1997, tal-25 April, li tirregola s-servizzi fl-ispiżeriji), l-Artikoli 2, 3.1; u
Real Decreto Legislativo 1/2015, de 24 de julio por el que se aprueba el Texto refundido de la Ley de garantías y uso racional de los medicamentos y productos sanitarios (Ley 29/2006).

**FR**: Code de la santé publique, l-Artikoli L4221-1, L4221-13, L5125-10; u
Loi 90-1258 relative à l'exercice sous forme de société des professions libérales, modifiée par les lois 2001-1168 du 12 décembre 2001 et 2008-776 du 4 août 2008 (il-Liġi 90-1258 dwar l-eżerċizzju tal-professjonijiet liberali fil-forma ta’ kumpanija), u Loi 2011-331 tat-28 ta’ Marzu 2011 u 2015-990 tas-6 ta’ Awwissu 2015.

**HR**: L-Att dwar il-Kura tas-Saħħa (OG 150/08, 71/10, 139/10, 22/11, 84/11, 12/12, 70/12, 144/12).

**HU**: L-Att XCVIII tal-2006 dwar id-Dispożizzjonijiet Ġenerali relatati mal-Provvista Affidabbli u Ekonomikament Fattibbli ta' Prodotti Mediċinali u Apparat Mediku u dwar id-Distribuzzjoni ta' Prodotti Mediċinali.

**IT**: Il-Liġi 362/1991, l-Artikoli 1, 4, 7 u 9;
Id-Digriet Leġiżlattiv CPC 233/1946, l-Artikoli 7-9; u
Id-Digriet tal-President tar-Repubblika (D.P.R. 221/1950, il-paragrafi 3 u 7).

**LU**: Loi du 4 juillet 1973 concernant le régime de la pharmacie (l-anness a043);
Règlement grand-ducal du 27 mai 1997 relatif à l'octroi des concessions de pharmacie (l-anness a041); u
Règlement grand-ducal du 11 février 2002 modifiant le règlement grand-ducal du 27 mai 1997 relatif à l'octroi des concessions de pharmacie (l-anness a017).

**LV**: Il-Liġi Farmaċewtika, l-Artikolu 38.

**MT**: Ir-Regolamenti dwar il-Liċenzji għall-Ispiżeriji (LN279/07) maħruġa skont l-Att dwar il-Mediċini (Kap. 458).

**PT**: Id-Digriet Amministrattiv 307/2007, l-Artikoli 9, 14 u 15; u
Id-Digriet 1430/2007.

**SI**: L-Att dwar is-Servizzi tal-Ispiżeriji (Il-Gazzetta Uffiċjali tal-RS Nru 85/2016); u
L-Att dwar il-Prodotti Mediċinali (Il-Gazzetta Uffiċjali tal-RS Nru 17/2014).

**SK**: L-Att 362/2011 dwar id-drogi u l-apparati mediċi, l-Artikolu 35a; u
L-Att 578/2004 dwar il-fornituri tal-kura tas-saħħa, l-impjegati mediċi, l-organizzazzjoni professjonali.

**Riżerva Nru 4 - Is-servizzi ta' riċerka u żvilupp**

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Servizzi ta' riċerka u żvilupp (R&Ż) |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | CPC 851, 853 |
| Tip ta' riżerva: | Aċċess għas-suq<br>Trattament nazzjonali |
| Sezzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi |
| Livell ta' gvern: | UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

L-**UE**: Għal servizzi ta' riċerka u żvilupp iffinanzjati pubblikament (R&Ż) li jibbenefikaw minn finanzjament ipprovdut mill-Unjoni Ewropea fil-livell tal-Unjoni Ewropea, id-drittijiet jew awtorizzazzjonijiet esklużivi jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u lil persuni ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Unjoni Ewropea (CPC 851, 853).

Għal servizzi ta' R&Ż iffinanzjati pubblikament li jibbenefikaw minn finanzjament ipprovdut minn Stat Membru, id-drittijiet jew awtorizzazzjonijiet esklużivi jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea kkonċernat u lil persuni ġuridiċi tal-Istat Membru kkonċernat li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom f'dak l-Istat Membru.

Din ir-riżerva hija mingħajr preġudizzju għall-esklużjoni tal-akkwist minn xi Parti jew is-sussidji fis-subparagrafi 2(c) u (e) tal-Artikolu 8.14, u l-paragrafi 5 u 6 tal-Artikolu 8.12.

*Miżuri:*

**UE**: Il-programmi qafas eżistenti u futuri kollha tal-Unjoni Ewropea dwar ir-riċerka jew l-innovazzjoni, inklużi r-Regoli għall-Parteċipazzjoni ta' Orizzont 2020 u r-regolamenti dwar l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (JTIs), id-Deċiżjonijiet skont l-Artikolu 185, u l-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), kif ukoll il-programmi ta' riċerka nazzjonali, reġjonali jew lokali eżistenti u futuri.

**Riżerva Nru 5 – Is-servizzi tal-proprjetà immobbli**

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Servizzi tal-proprjetà immobbli |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | CPC 821, 822 |
| Tip ta' riżerva: | Aċċess għas-suq<br>Trattament nazzjonali |
| Sezzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi |
| Livell ta' gvern: | UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

F'**CY**: Għall-forniment ta' servizzi tal-proprjetà immobbli, tapplika l-kundizzjoni taċ-ċittadinanza u tar-residenza.

Fil-**CZ**: Hija meħtieġa r-residenza għall-persuni fiżiċi u l-istabbiliment għall-persuni ġuridiċi, fir-Repubblika Ċeka, sabiex tinkiseb il-liċenzja neċessarja għall-forniment ta' servizzi tal-proprjetà immobbli.

Fil-**PT**: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE għall-persuni fiżiċi. Hija meħtieġa l-inkorporazzjoni fiż-ŻEE għall-persuni ġuridiċi.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fid-**DK**: Għall-forniment ta' servizzi ta' proprjetà immobbli minn persuna fiżika preżenti fit-territorju tad-Danimarka, aġenti tal-proprjetà immobbli awtorizzati li jkunu persuni fiżiċi li ġew ammessi fir-reġistru tal-aġenti tal-proprjetà immobbli tal-Awtorità Daniża tan-Negozju biss jistgħu jużaw it-titolu ta' "aġent tal-proprjetà immobbli". L-att jirrikjedi li l-applikant ikun resident Daniż jew resident tal-Unjoni Ewropea, iż-ŻEE jew l-Iżvizzera.

L-Att dwar il-bejgħ ta' proprjetà immobbli huwa applikabbli biss meta jiġu pprovduti servizzi ta' proprjetà immobbli lil konsumaturi. Barra minn hekk l-Att dwar il-bejgħ ta' proprjetà immobbli ma japplikax għal-lokazzjoni ta' proprjetà immobbli (CPC 822).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fil-**HR**: Hija meħtieġa preżenza kummerċjali fiż-ŻEE sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' proprjetà immobbli.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fis-**SI**: Sa fejn il-Ġappun jippermetti liċ-ċittadini u l-intrapriżi Sloveni li jipprovdu servizzi ta' aġenti tal-proprjetà immobbli, is-Slovenja tippermetti liċ-ċittadini u l-intrapriżi tal-Ġappun li jipprovdu servizzi ta' aġenti tal-proprjetà immobbli abbażi tal-istess kundizzjonijiet, flimkien mal-issodisfar tar-rekwiżiti li ġejjin: l-intitolament li jaġixxu bħala aġent tal-proprjetà immobbli fil-pajjiż ta' oriġini, is-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni rilevanti dwar l-impunità fil-proċeduri kriminali, u r-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-aġenti tal-proprjetà immobbli fil-ministeru (Sloven) kompetenti.

*Miżuri:*
**CY**: Il-Liġi dwar l-Aġenti tal-Proprjetà Immobbli 71(1)/2010.

**CZ**: L-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ.

**DK**: Lov om omsætning af fast ejendom, 2014 (L-Att dwar il-bejgħ ta' proprjetà immobbli).

**HR**: L-Att dwar is-Senserija ta' Proprjetà Immobbli (OG 107/07 u 144/12), l-Artikolu 2.

**PT**: Id-Digriet Amministrattiv 211/2004 (l-Artikoli 3 u 25), kif emendat u ppubblikat mill-ġdid bid-Digriet Amministrattiv 69/2011.

**SI**: L-Att dwar l-Aġenziji tal-Proprjetà Immobbli.

**Riżerva Nru 6 – Is-servizzi kummerċjali**

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Servizzi kummerċjali - kera jew lokazzjoni ta' servizzi mingħajr operaturi; servizzi relatati ma' konsulenza maniġerjali; ittestjar u analiżijiet tekniċi; servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika; servizzi inċidentali għall-agrikoltura; servizzi tas-sigurtà; servizzi ta' kollokament; servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni u servizzi kummerċjali oħra |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | ISIC Rev. 37, parti minn CPC 612, parti minn 621, parti minn 625, 831, parti minn 85990, 86602, 8675, 8676, 87201, 87202, 87203, 87204, 87205, 87206, 87209, 87901, 87902, 87909, 88, parti minn 893 |
| Tip ta' riżerva: | Aċċess għas-suq<br>Trattament nazzjonali<br>Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi |
| Sezzjoni: | Investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi |
| Livell ta' gvern: | UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

**(a) Servizzi ta' kiri jew lokazzjoni mingħajr operaturi (CPC 83103, CPC 831)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-**SE**: Sabiex tittajjar il-bandiera Żvediża, trid tintwera evidenza ta' influwenza operattiva ewlenija Żvediża fil-każ ta' interessi ta' sjieda barranija fil-bastimenti. Influwenza ewlenija Żvediża tfisser li l-operazzjoni tal-bastiment tkun tinsab fl-Iżvezja. Il-bastimenti barranin jistgħu jingħataw eżenzjoni minn din ir-regola meta huma jkunu mikrija jew leased minn persuni ġuridiċi Żvediżi permezz ta' kuntratti ta' kera ta' bastiment mingħajr ekwipaġġ. Sabiex jingħata eżenzjoni, il-kuntratt ta' kera ta' bastiment mingħajr ekwipaġġ irid jiġi pprovdut lill-Amministrazzjoni Marittima Żvediża u jintwera li l-kerrej jieħu responsabbiltà sħiħa għall-operazzjoni u l-ekwipaġġ tal-bastiment mikri jew leased. Id-durata tal-kuntratt għandha tkun tal-anqas sena jew sentejn (CPC 83103).

*Miżuri:*

**SE**: Sjölagen (Il-Liġi Marittima) (1994:1009), il-Kapitolu 1, § 1.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-**SE**: il-fornituri ta' servizzi tal-kera jew tal-lokazzjoni ta' karozzi u ta' ċerti vetturi off-road (terrängmotorfordon) mingħajr xufier, mikrija jew leased għal perjodu ta' anqas minn sena, huma obbligati jaħtru lil xi ħadd biex ikun responsabbli, fost l-oħrajn, biex jiżgura li n-negozju jsir skont ir-regoli u r-regolamenti applikabbli u li jiġu segwiti r-regoli tas-sikurezza tat-traffiku fit-triq. Il-persuna responsabbli trid tkun residenti fl-Iżvezja (CPC 831).

*Miżuri:*

**SE**: Lag (1998: 424) om biluthyrning (l-Att dwar il-kera u l-lokazzjoni ta' vetturi).

**(b) Servizzi ta' kera jew lokazzjoni u servizzi kummerċjali oħra relatati mal-avjazzjoni**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment - Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi - Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

L-**UE**: Għall-kiri jew il-lokazzjoni ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (dry lease), l-inġenji tal-ajru użati minn linja tal-ajru tal-Unjoni Ewropea huma soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli dwar ir-reġistrazzjoni tal-inġenji tal-ajru. Ftehim ta' kiri mingħajr ekwipaġġ li għalih tkun parti linja tal-ajru tal-Unjoni Ewropea għandu jkun suġġett għar-rekwiżiti fl-Unjoni Ewropea jew għal-liġi nazzjonali dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni, bħal approvazzjoni minn qabel u kundizzjonijiet oħra applikabbli għall-użu ta' inġenji tal-ajru rreġistrati ta' pajjiżi terzi. Sabiex ikunu rreġistrati, l-inġenji tal-ajru jistgħu jkunu rikjesti li jkunu l-proprjetà ta' persuni fiżiċi li jissodisfaw ċerti kriterji speċifiċi ta' nazzjonalità jew ta' intrapriżi li jissodisfaw kriterji speċifiċi rigward is-sjieda tal-kapital u l-kontroll (CPC 83104).

Fir-rigward ta' servizzi ta' sistema ta' riservazzjoni kompjuterizzata (CRS), fejn il-kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni Ewropea ma jingħatawx, minn fornituri ta' servizzi tas-CRS li joperaw barra mill-Unjoni Ewropea, trattament ekwivalenti (li jfisser mhux diskriminatorju) għal dak ipprovdut fl-Unjoni Ewropea, jew fejn il-fornituri ta' servizzi tas-CRS tal-Unjoni Ewropea ma jingħatawx, minn kumpaniji tal-ajru li mhumiex tal-Unjoni Ewropea, trattament ekwivalenti għal dak ipprovdut fl-Unjoni Ewropea, jistgħu jittieħdu miżuri sabiex jingħata trattament ekwivalenti, rispettivament, lill-kumpaniji tal-ajru li mhumiex tal-Unjoni Ewropea mill-fornituri ta' servizzi tas-CRS li joperaw fl-Unjoni Ewropea, jew lill-fornituri ta' servizzi tas-CRS li mhumiex tal-Unjoni Ewropea minn kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni Ewropea.

*Miżuri:*

**UE**: Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (Riformulazzjoni); u rr-Regolament (KE) Nru 80/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar Kodiċi ta' Kondotta għal sistemi ta' riservazzjoni kompjuterizzata u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2299/89.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment - Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi - Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali

Fil-**BE**: L-inġenji tal-ajru privati (ċivili) li jappartjenu lil persuni fiżiċi li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew taż-ŻEE jistgħu jiġu rreġistrati biss jekk dawn ikunu domiċiljati jew residenti fil-Belġju mingħajr interruzzjoni għal sena mill-anqas. L-inġenji tal-ajru privati (ċivili) li jappartjenu lil entitajiet ġuridiċi barranin mhux ifformati f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew taż-ŻEE jistgħu jiġu rreġistrati biss jekk dawn ikollhom sede tal-operazzjonijiet, aġenzija jew uffiċċju fil-Belġju mingħajr interruzzjoni għal sena mill-anqas (CPC 83104).

*Miżuri:*
**BE**: Arrêté Royal du 15 mars 1954 réglementant la navigation aérienne.

**(c) Servizzi relatati ma' konsultazzjoni mal-maniġment – servizzi ta' arbitraġġ u konċiljazzjoni (CPC 86602)**

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-**HU**: Teħtieġ awtorizzazzjoni, permezz ta' ammissjoni fir-reġistru, mill-ministru responsabbli mis-sistema ġudizzjarja għal attivitajiet ta' medjazzjoni (bħall-arbitraġġ u l-konċiljazzjoni) li jistgħu jingħataw biss lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkunu stabbiliti jew residenti fl-Ungerija.

*Miżuri:*

**HU**: L-Att LV tal-2002 dwar il-Medjazzjoni.

**(d) Servizzi ta' ttestjar u analiżijiet tekniċi (CPC 8676)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

F'**CY**: Il-forniment ta' servizzi minn kimiċi u bijoloġisti tirrikjedi ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

Fi **FR**: Il-professjonijiet ta' bijoloġista huma riżervati għal persuni fiżiċi, hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-**BG**: Huma meħtieġa stabbiliment fil-Bulgarija skont l-Att Kummerċjali Bulgaru u reġistrazzjoni fir-reġistru Kummerċjali għall-forniment transfruntiera ta' servizzi ta' ttestjar u analiżi teknika.

Għall-ispezzjoni perjodika għall-prova tal-kundizzjoni teknika ta' vetturi tat-triq, il-persuna jenħtieġ li tkun reġistrata skont l-Att Kummerċjali Bulgaru jew l-Att dwar Persuni Legali li Ma Jaħdmux għall-Profitt, jew inkella tkun reġistrata fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew pajjiż miż-ŻEE.

L-ittestjar u l-analiżi tal-kompożizzjoni u l-purità tal-arja u tal-ilma jistgħu jitwettqu biss mill-Ministeru tal-Ambjent u l-Ilma tal-Bulgarija, jew mill-aġenziji tiegħu f'kooperazzjoni mal-Akkademja Bulgara dwar ix-Xjenzi.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fl-**IT**: Għall-bijoloġisti, l-analisti kimiċi, l-agronomisti u l-"periti agrari", huma meħtieġa r-residenza u r-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali. Ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jirreġistraw abbażi tal-kundizzjoni ta' reċiproċità.

*Miżuri:*

**BG**: L-Att dwar ir-Rekwiżiti Tekniċi għall-Prodotti;

L-Att dwar il-Kejl;

L-Att dwar l-Akkreditament Nazzjonali tal-Issodisfar ta' Konformità mill-Awtoritajiet;

L-Att dwar Arja Ambjentali Nadifa; u

L-Att dwar l-Ilma, id-Digriet N-32 għall-ispezzjoni perjodika għall-prova tal-kundizzjoni teknika tal-vetturi tat-triq.

**CY**: Il-Liġi tal-1988 dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Ispiżjara (il-Liġi 157/1988), kif emendata bil-Liġijiet numru 24(I) tal-1992 u 20(I) tal-2004; u

Il-Liġi 157/1988.

**FR**: Articles L 6213-1 à 6213-6 du Code de la Santé Publique.

**IT**: Bijoloġisti, analisti kimiċi: Il-Liġi 396/1967 dwar il-professjoni ta' bijoloġisti; u d-Digriet Amministrattiv 842/1928 dwar il-professjoni ta' analisti kimiċi.

**(e) Servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika (CPC 8675)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fl-**IT**: Huma meħtieġa r-residenza jew id-domiċilju professjonali fl-Italja għar-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-ġeoloġisti, li hija neċessarja għall-prattika tal-professjonijiet ta' servejer jew ġeoloġista sabiex jiġu pprovduti servizzi relatati mal-esplorazzjoni u l-operazzjoni ta' minjieri, eċċ. Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea; madankollu, barranin jistgħu jirreġistraw abbażi tal-kundizzjoni ta' reċiproċità.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-**BG**: Korp professjonalment kompetenti huwa l-persuna (fiżika jew ġuridika) li tista' tesegwixxi funzjonijiet rilevanti għal stħarriġ tal-kadastru, ġeodesija u kartografija. Hemm bżonn ta' stabbiliment kif ukoll ta' ċittadinanza taż-ŻEE jew Żvizzera sabiex il-persuna fiżika tkun tista' twettaq attivitajiet ta' ġeodesija, stħarriġ tal-kadastru u kartografija meta tkun qiegħda tistudja l-movimenti tal-qoxra tad-dinja.

F'**CY**: Japplika r-rekwiżit taċ-ċittadinanza sabiex jiġu pprovduti s-servizzi rilevanti.

Fi **FR**: Għal stħarriġ, l-aċċess permezz ta' SEL (anonyme, à responsabilité limitée ou en commandite par actions), SCP (Société civile professionnelle), SA u SARL (sociétés anonymes, à responsabilité limitée) biss. L-investituri barranin huma meħtieġa li jkollhom awtorizzazzjoni speċifika għal servizzi ta' esplorazzjoni u prospettar.

<u>Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:</u>

Fil-**HR**: Is-servizzi ta' konsulenza ġeoloġika, ġeodetika u tal-minjieri kif ukoll is-servizzi ta' konsulenza relatati dwar il-protezzjoni ambjentali fit-territorju tal-Kroazja jistgħu jitwettqu biss b'mod konġunt ma' jew permezz ta' persuni ġuridiċi domestiċi.

*Miżuri:*

**BG**: L-Att dwar il-Kadastru u r-Reġistru tal-Proprjetà; u
L-Att dwar il-Ġeodesija u l-Kartografija.

**CY**: Il-Liġi 224/1990.

**FR**: Loi 90-1258 relative à l'exercice sous forme de société des professions libérales, modifiée par les lois 2001-1168 du 12 décembre 2001 et 2008-776 du 4 août 2008.

**HR**: L-Ordinanza dwar ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' approvazzjonijiet lil persuni ġuridiċi għat-twettiq ta' attivitajiet professjonali ta' protezzjoni ambjentali (OG Nru 57/10), l-Artikoli 32-35.

**IT**: Ġeoloġisti: Il-Liġi 112/1963, l-Artikoli 2 u 5; D.P.R. 1403/1965, l-Artikolu 1.

**(f) Servizzi inċidentali għall-agrikoltura (parti minn CPC 88)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fl-**IT**: Għall-bijoloġisti, l-analisti kimiċi, l-agronomisti u l-"periti agrari", huma meħtieġa r-residenza u r-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali. Ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jirreġistraw abbażi tal-kundizzjoni ta' reċiproċità.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fil-**PT**: Il-professjonijiet ta' bijologu, analist kimiku u agronomu huma riżervati għal persuni fiżiċi.

*Miżuri:*

**IT**: Agronomi: Il-Liġi 3/1976 dwar il-professjoni tal-agronomi ("Periti agrari"): Il-Liġi 434/1968 kif emendata bil-Liġi 54/1991.

**PT**: Id-Digriet Amministrattiv 119/92;

Il-Liġi 47/2011; u

Id-Digriet Amministrattiv 183/98.

**(g) Servizzi tas-sigurtà (CPC 87302, 87303, 87304, 87305, 87309)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-**EE**: Hija meħtieġa r-residenza sabiex jiġu pprovduti servizzi tas-sigurtà u għall-gwardji tas-sigurtà.

Fl-**IT**: Huma meħtieġa ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u r-residenza sabiex tinkiseb l-awtorizzazzjoni neċessarja għall-provvista ta' servizzi ta' gwardja tas-sigurtà u t-trasport ta' oġġetti ta' valur.

Fil-**PT**: Il-forniment ta' servizzi tas-sigurtà minn fornitur barrani fuq bażi transfruntiera mhuwiex permess.

Jeżisti r-rekwiżit taċ-ċittadinanza għal persunal speċjalizzat.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi - Aċċess għas-suq:

Fid-**DK**: Rekwiżit ta' residenza għal individwi li japplikaw għal awtorizzazzjoni biex iwettqu servizz tas-sigurtà, kif ukoll għall-maniġers u l-maġġoranza tal-membri tal-bord ta' entità legali li japplikaw għal awtorizzazzjoni biex iwettqu servizzi tas-sigurtà. Madankollu, ir-residenza mhijiex rikjesta jekk mhix meħtieġa skont ftehimiet internazzjonali jew b'ordnijiet maħruġa mill-Ministru tal-Ġustizzja.

*Miżuri:*
**DK**: Lovbekendtgørelse 2016-01-11 nr. 112 om vagtvirksomhed.

**EE**: Turvaseadus (l-Att dwar il-Sigurtà ) § 21, § 43.

**IT**: Il-Liġi dwar is-sigurtà pubblika (TULPS) 773/1931, l-Artikoli 133-141; Id-Digriet Amministrattiv 635/1940, l-Artikolu 257.

**PT**: Il-Liġi 34/2013; u
Id-Digriet 273/2013.

**(h) Servizzi ta' Kollokament (CPC 87201, 87202, 87203, 87204, 87205, 87206, 87209)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali (japplika wkoll għal-livell reġjonali ta' gvern):

Fil-**BE**: Fir-Reġjun Fjamming, kumpanija li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha barra miż-ŻEE trid tipprova li hija tipprovdi servizzi ta' kollokament fil-pajjiż ta' oriġini tagħha. Fir-Reġjun tal-Wallonja, huwa meħtieġ tip speċifiku ta' entità ġuridika (régulièrement constituée sous la forme d'une personne morale ayant une forme commerciale, soit au sens du droit belge, soit en vertu du droit d'un Etat membre ou régie par celui-ci, quelle que soit sa forme juridique) sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' kollokament. Kumpanija li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha barra miż-ŻEE trid tipprova li hija tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Digriet (pereżempju dwar it-tip ta' entità ġuridika) u trid tipprova li hija tipprovdi servizzi ta' kollokament fil-pajjiż ta' oriġini tagħha. Fil-komunità li titkellem bil-Ġermaniż, kumpanija li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha barra miż-ŻEE trid tipprova li hija tipprovdi servizzi ta' kollokament fil-pajjiż ta' oriġini tagħha u trid tissodisfa l-kriterji ta' ammissjoni stabbiliti mill-imsemmi Digriet (CPC 87202).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fil-**DE**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew il-preżenza kummerċjali fl-Unjoni Ewropea sabiex tinkiseb liċenzja għal operar bħala aġenzija ta' impjieg temporanja (skont il-paragrafi 3 sa 5 tas-sezzjoni 3 ta' dan l-Att dwar il-ħidma ta' aġenzija temporanja) (Arbeitnehmerüberlassungsgesetz). Il-Ministeru Federali tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali jista' joħroġ regolament dwar il-kollokament u r-reklutaġġ ta' persunal mhux tal-Unjoni Ewropea u mhux taż-ŻEE għal professjonijiet speċifikati, eż. għal professjonijiet relatati mas-saħħa u l-kura (CPC 87201, 87202, 87203, 87204, 87205, 87206, 87209).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

F'**ES**: Qabel ma jibdew l-attività, l-aġenziji ta' kollokament huma meħtieġa jissottomettu dikjarazzjoni ġuramentata li tiċċertifika li ssodisfaw ir-rekwiżiti stipulati mil-leġislazzjoni attwali (CPC 87201, 87202).

*Miżuri:*

**BE**: Ir-Reġjun Fjamming: Besluit van de Vlaamse Regering van 10 december 2010 tot uitvoering van het decreet betreffende de private arbeidsbemiddeling.

Ir-Reġjun Walloon: Décret du 3 avril 2009 relatif à l'enregistrement ou à l'agrément des agences de placement (id-Digriet tat-3 ta' April 2009 dwar ir-reġistrazzjoni ta' aġenziji ta' kollokament), l-Artikolu 7; u
Arrêté du Gouvernement wallon du 10 décembre 2009 portant exécution du décret du 3 avril 2009 relatif à l'enregistrement ou à l'agrément des agences de placement (id-Deċiżjoni tal-Gvern Walloon tal-10 ta' Diċembru 2009 li timplimenta d-Digriet tat-3 ta' April 2009 dwar ir-reġistrazzjoni ta' aġenziji ta' kollokament), l-Artikolu 4.

Il-komunità li titkellem bil-Ġermaniż: Dekret über die Zulassung der Leiharbeitsvermittler und die Überwachung der privaten Arbeitsvermittler / Décret du 11 mai 2009 relatif à l'agrément des agences de travail intérimaire et à la surveillance des agences de placement privées, l-Artikolu 6.

**DE**: § 1 u 3 Abs 5 Arbeitnehmerüberlassungsgesetz –AÜG § 292 SGB III§ l-Artikolu 38 Beschäftigungsverordnung.

**ES**: Real Decreto-ley 8/2014, de 4 de julio, de aprobación de medidas urgentes para el crecimiento, la competitividad y la eficiencia (tramitado como Ley 18/2014, de 15 de octubre).

**(i) Servizzi ta' traduzzjoni u interpretar (CPC 87905)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fil-**BG**: Hemm bżonn ta' kuntratt mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għal traduzzjonijiet uffiċjali pprovduti mill-aġenziji ta' traduzzjoni.

F'**CY**: Hija meħtieġa r-reġistrazzjoni fir-reġistru tat-tradutturi sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' traduzzjoni u ċertifikazzjoni uffiċjali. Japplika r-rekwiżit taċ-ċittadinanza.

Fl-**HU**: Traduzzjonijiet uffiċjali, ċertifikazzjonijiet uffiċjali ta' traduzzjonijiet, u kopji ċertifikati ta' dokumenti uffiċjali f'lingwi barranin jistgħu jiġu pprovduti biss mill-Uffiċċju Ungeriż għat-Traduzzjoni u l-Attestazzjoni (OFFI).

Fil-**PL**: Persuni fiżiċi biss jistgħu jkunu tradutturi ġuramentati.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-**FI**: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE għat-tradutturi ċċertifikati.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fl-**EE**: Traduttur ġuramentat irid ikun ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

Fil-**HR**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE għat-tradutturi ċċertifikati.

*Miżuri:*

**BG**: Ir-Regolament għal-legalizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u t-traduzzjoni ta' dokumenti.

**CY**: Il-Liġi dwar l-Istabbiliment, ir-Reġistrazzjoni u r-Regolamentazzjoni tas-Servizzi ta' Traduttur Iċċertifikat fir-Repubblika ta' Ċipru.

**EE**: Vandetõlgi seadus § 2 (3), § 16, (L-Att dwar it-Tradutturi Ġuramentati).

**FI**: Laki auktorisoiduista kääntäjistä (l-Att dwar it-Tradutturi Awtorizzati) (1231/2007), it-Taqsima 2(1)).

**HR**: L-Ordinanza dwar l-interpreti permanenti tal-qorti (OG 88/2008), l-Artikolu 2.

**HU**: Id-Digriet tal-Kunsill tal-Ministri Nru 24/1986 dwar it-Traduzzjoni u l-interpretazzjoni uffiċjali.

**PL**: L-Att tal-25 ta' Novembru 2004 dwar il-professjoni ta' traduttur jew interpretu ġuramentat (Il-Ġurnal tal-Liġijiet nru 273 punt 2702), l-Artikolu 2.1.

**(j) Servizzi kummerċjali oħra (parti minn CPC 612, parti minn 621, parti minn 625, 87901, 87902, 88493, parti minn 893, parti minn 85990, 87909, ISIC 37)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fl-**SE**: L-istabbilimenti tar-rahan iridu jkunu stabbiliti bħala kumpanija b'responsabbiltà limitata jew bħala fergħa (parti minn CPC 87909).

*Miżuri:*

**SE**: L-Att dwar l-istabbilimenti tar-rahan (1995:1000).

Fil-**CZ**: Kumpanija awtorizzata tal-imballaġġ hija permessa biss li tipprovdi servizzi relatati mat-teħid lura u l-irkupru ta' imballaġġ u trid tkun persuna ġuridika stabbilita bħala kumpannija b'ishma konġunti (CPC 88493, ISIC 37).

*Miżuri:*

**CZ**: L-Att 477/2001 Coll. (l-Att dwar l-Imballaġġ), il-paragrafu 16.

Fin-**NL**: Għall-forniment ta' servizzi ta' imbollar, hija meħtieġa preżenza kummerċjali fin-Netherlands. L-imbollar ta' oġġetti tal-metall prezzjuż attwalment huwa mogħti esklużivament lil żewġ monopolji Netherlandiżi pubbliċi (parti minn CPC 893).

*Miżuri:*

**NL**: Waarborgwet 1986.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-**PT**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' aġenzija tal-ġbir u servizzi ta' rappurtar tal-kreditu (CPC 87901, 87902).

*Miżuri:*

**PT**: Il-Liġi 49/2004.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-**CZ**: Is-servizzi ta' rkant huma soġġetti għal liċenzja. Biex tikseb liċenzja (għall-forniment ta' rkanti pubbliċi volontarji), kumpanija trid tkun inkorporata fir-Repubblika Ċeka u persuna fiżika hija meħtieġa li tikseb permess ta' residenza, u l-kumpanija, jew il-persuna fiżika trid tkun irreġistrata fir-Reġistru Kummerċjali tar-Repubblika Ċeka (parti minn CPC 612, parti minn 621, parti minn 625, parti minn 85990).

*Miżuri:*
**CZ**: L-Att Nru.455/1991 Coll.;
L-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ; u
L-Att Nru 26/2000 Coll., dwar l-irkanti pubbliċi.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fl-**SE**: Il-pjan ekonomiku għal soċjetà tal-bini jrid ikun iċċertifikat minn żewġ persuni. Dawn il-persuni jridu jkunu approvati pubblikament mill-awtoritajiet fiż-ŻEE (CPC 87909).

*Miżuri:*
**SE**: Il-Liġi dwar is-soċjetajiet kooperattivi tal-bini (1991:614).

**Riżerva Nru 7 - Is-servizzi tal-komunikazzjoni**

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Servizzi ta' komunikazzjoni - servizzi postali u ta' kurrier |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | Parti minn CPC 71235, parti minn 73210, parti minn 751 |
| Tip ta' riżerva: | Aċċess għas-suq |
| Sezzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi |
| Livell ta' gvern: | UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

**Servizzi postali u ta' kurrier (parti minn CPC 71235, parti minn CPC 73210, parti minn 751)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi - Aċċess għas-suq:

L-**UE**: L-organizzazzjoni tat-tqegħid tal-kaxxi tal-ittri fuq l-awtostrada pubblika, il-ħruġ ta' bolol postali u l-għoti tas-servizz ta' posta reġistrata użat matul proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi jistgħu jkunu ristretti f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Jistgħu jiġu stabbiliti sistemi ta' liċenzji għal dawk is-servizzi li għalihom hemm obbligu ġenerali ta' servizz universali. Dawn il-liċenzji jistgħu jkunu suġġetti għal obbligi partikolari ta' servizz universali jew kontribuzzjoni finanzjarja għal fond ta' kumpens.

*Miżuri:*

**UE**: Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz, kif emendata bid-Direttiva 2002/39/KE u d-Direttiva 2008/06/KE.

**Riżerva Nru 8 - Is-servizzi ta' distribuzzjoni**

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Servizzi ta' distribuzzjoni – ġenerali, tat-tabakk, tax-xorb alkoħoliku |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | CPC 3546, parti minn 621, 6222, 631, parti minn 632 |
| Tip ta' riżerva: | Aċċess għas-suq<br>Trattament nazzjonali |
| Sezzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi |
| Livell ta' gvern: | UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

**(a) Servizzi ta' Distribuzzjoni (CPC 3546, 631, 632 ħlief 63211, 63297, 62276, parti minn 621)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fil-**PT**: Teżisti skema ta' awtorizzazzjoni speċifika għall-installazzjoni ta' xi stabbilimenti ta' bejgħ bl-imnut u ċentri kummerċjali. Din tirrigwarda ċentri kummerċjali li għandhom erja grossa li tista' tinkera ta' 8,000m$^2$ jew aktar, u stabbilimenti ta' bejgħ bl-imnut li għandhom erja ta' bejgħ ta' 2,000m$^2$ jew aktar, meta jkunu jinsabu barra minn ċentri kummerċjali. Kriterji ewlenin: Il-kontribut għal multipliċità ta' offerti kummerċjali; il-valutazzjoni tas-servizzi lill-konsumatur; il-kwalità tal-impjiegi u r-responsabbiltà soċjali korporattiva; l-integrazzjoni fl-ambjent urban; il-kontribut għall-ekoeffiċjenza (CPC 631, 632 ħlief 63211, 63297).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

F'**CY**: Jeżisti r-rekwiżit taċ-ċittadinanza għas-servizzi ta' distribuzzjoni fuq ir-rappreżentanti farmaċewtiċi (CPC 62117).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-**LT**: Id-distribuzzjoni ta' pirotekniċi hija suġġetta għal liċenzja. Il-persuni ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni Ewropea biss jistgħu jiksbu liċenzja (CPC 3546).

*Miżuri:*

**CY**: Il-Liġi 74(i) 202.

**LT**: Il-Liġi dwar is-Sorveljanza taċ-Ċirkolazzjoni tal-Pirotekniċi Ċivili (23 ta' Marzu 2004. Nru IX-2074).

**PT**: Id-Digriet Amministrattiv Nru 10/2015, id-16 ta' Jannar.

**(b) Distribuzzjoni tat-tabakk (parti minn CPC 6222, 62228, parti minn 6310)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fi **FR**: Il-monopolju tal-istat fuq il-bejgħ bl-imnut u bl-ingrossa tat-tabakk. Rekwiżit taċ-ċittadinanza għall-bejjiegħa tat-tabakk (buraliste) (parti minn CPC 6222, parti minn 6310).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fl-**AT**: Jistgħu japplikaw biss persuni fiżiċi għal awtorizzazzjoni biex joperaw bħala bejjiegħa tat-tabakk. Tingħata prijorità lil ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE (CPC 63108).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

F'**ES**: Hemm monopolju tal-istat fuq il-bejgħ bl-imnut tat-tabakk. L-istabbiliment huwa suġġett għar-rekwiżit ta' ċittadinanza ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Persuni fiżiċi biss jistgħu joperaw bħala bejjiegħa tat-tabakk. Kull bejjiegħ tat-tabakk ma jistax jikseb aktar minn liċenzja waħda CPC 63108).

Fl-**IT**: Sabiex jiġi distribwit u jinbiegħ it-tabakk, hemm bżonn ta' liċenzja. Il-liċenzja tingħata permezz ta' proċeduri pubbliċi. L-għoti tal-liċenzji huwa suġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: id-densità tal-popolazzjoni u ġeografika tal-punti tal-bejgħ eżistenti (parti minn CPC 6222, parti minn 6310).

*Miżuri:*

**AT**: L-Att tal-1996 dwar il-Monopolju tat-Tabakk, § 5 u § 27.

**ES**: Il-Liġi Nru 14/2013 tas-27 ta' Settembru 2014.

**FR**: Code général des impôts, Article 568 and Articles 276-279 de l'annexe 2 de ce code.

**IT**: Id-Digriet Leġiżlattiv 184/2003;

Il-Liġi 165/1962;

Il-Liġi 3/2003;

Il-Liġi 1293/1957;

Il-Liġi 907/1942; u

Id-Digriet tal-President tar-Repubblika (D.P.R.) 1074/1958.

**(c) Distribuzzjoni ta' xorb alkoħoliku (CPC 62226, 631)**

<u>Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:</u>

Fl-**SE**: Systembolaget AB għandha monopolju governattiv fuq il-bejgħ bl-imnut ta' likuri, inbid u birra (ħlief il-birra mhux alkoħolika). Ix-xarbiet alkoħoliċi huma xarbiet b'kontenut tal-alkoħol 'il fuq minn 2.25 fil-mija għal kull volum. Għall-birra, il-limitu huwa kontenut tal-alkoħol 'il fuq minn 3.5 fil-mija għal kull volum (parti minn CPC 631).

*Miżuri:*

**SE**: L-Att dwar l-Alkoħol (2010:1622).

**Riżerva Nru 9 - Is-servizzi edukattivi**

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Servizzi edukattivi (iffinanzjati privatament) |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | CPC 921, 922, 923, 924 |
| Tip ta' riżerva: | Aċċess għas-suq<br>Trattament nazzjonali<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi |
| Sezzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi |
| Livell ta' gvern: | UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-**BG**: Is-servizzi ta' edukazzjoni primarja u sekondarja ffinanzjati privatament jistgħu jiġu pprovduti biss minn intrapriżi Bulgari awtorizzati (hija meħtieġa l-preżenza kummerċjali). L-iskejjel preprimarji Bulgari u l-iskejjel li għandhom parteċipazzjoni barranija jistgħu jiġu stabbiliti jew trasformati fuq talba ta' assoċjazzjonijiet, jew korporazzjonijiet jew intrapriżi ta' entitajiet fiżiċi jew ġuridiċi Bulgari jew barranin, irreġistrati debitament fil-Bulgarija, permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri fuq mozzjoni mill-Ministru tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ u x-Xjenza. L-iskejjel preprimarji u l-iskejjel barranin jistgħu jiġu stabbiliti jew ittrasformati fuq talba ta' entitajiet ġuridiċi barranin skont ftehimiet u konvenzjonijiet internazzjonali u skont id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq. L-iskejjel superjuri barranin ma jistgħux jistabbilixxu sussidjarji fit-territorju tal-Bulgarija. L-iskejjel superjuri barranin jistgħu jiftħu fakultajiet, dipartimenti, istituti u kulleġġi fil-Bulgarija biss fi ħdan l-istruttura tal-iskejjel superjuri Bulgari u f'kooperazzjoni magħhom (CPC 921, 922).

Fis-**SI**: L-iskejjel elementari ffinanzjati privatament jistgħu jiġu stabbiliti minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi Sloveni biss. Il-fornitur tas-servizzi jrid jistabbilixxi uffiċċju reġistrat jew uffiċċju tal-fergħa (CPC 921).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fil-**CZ** u **SK**: Huwa meħtieġ l-istabbiliment fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea biex wieħed japplika għall-approvazzjoni tal-istat biex jopera bħala istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja ffinanzjata privatament. Din ir-riżerva ma tapplikax għas-servizzi ta' edukazzjoni teknika u vokazzjonali sekondarja (CZ CPC 92390, SK CPC 92).

F'**ES** u **IT**: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni sabiex tinfetaħ università ffinanzjata privatament li toħroġ diplomi jew lawrji rikonoxxuti. Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: il-popolazzjoni u d-densità tal-istabbilimenti eżistenti.

F'**ES**: Il-proċedura tinvolvi l-kisba tal-parir tal-Parlament.

Fl-**IT**: Din hija bbażata fuq programm ta' tliet snin u persuni ġuridiċi Taljani biss jistgħu jiġu awtorizzati sabiex joħorġu diplomi rikonoxxuti mill-istat (CPC 923).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fil-**EL**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għall-proprjetarji u maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi fi skejjel primarji u sekondarji ffinanzjati privatament, u għall-għalliema fi skejjel primarji u sekondarji ffinanzjati privatament (CPC 921, CPC 922). L-edukazzjoni f'livell universitarju għandha tiġi pprovduta esklużivament minn istituzzjonijiet li jkunu persuni ġuridiċi awtonomi rregolati bil-liġi pubblika. Madankollu, il-Liġi 3696/2008 tippermetti l-istabbiliment minn residenti tal-Unjoni Ewropea (persuni fiżiċi jew ġuridiċi) ta' istituzzjonijiet privati ta' edukazzjoni terzjarja li jagħtu ċertifikati li mhumiex rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal diplomi universitarji (CPC 923).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fl-**AT**: Il-provvista ta' servizzi edukattivi ta' livell universitarju ffinanzjati privatament fil-qasam tax-xjenzi applikati tirrikjedi awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti, il-Kunsill għall-Edukazzjoni Għolja (Fachhochschulrat). Investitur li jkun jixtieq jipprovdi programm ta' studju dwar xjenza applikata jrid ikollu n-negozju primarju tiegħu li jkun il-forniment ta' tali programmi, u jrid jissottometti valutazzjoni tal-ħtiġijiet u stħarriġ għas-suq għall-aċċettazzjoni tal-programm ta' studju propost. Il-Ministeru kompetenti jista' jiċħad awtorizzazzjoni fejn il-programm jiġi stabbilit li huwa inkompatibbli mal-interessi edukattivi nazzjonali. L-applikant għal università privata jirrikjedi awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti (il-Kunsill Awstrijak ta' Akkreditazzjoni). Il-Ministeru kompetenti jista' jiċħad l-approvazzjoni jekk id-deċiżjoni tal-awtorità ta' akkreditament ma tikkonformax mal-interessi edukattivi nazzjonali (CPC 923).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fi **FR**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea sabiex wieħed jgħallem f'istituzzjoni edukattiva ffinanzjata privatament (CPC 921, 922, 923). Madankollu, iċ-ċittadini tal-Ġappun jistgħu jiksbu awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti sabiex jgħallmu f'istituzzjonijiet edukattivi ta' livell primarju, sekondarju u għoli. Iċ-ċittadini tal-Ġappun jistgħu wkoll jiksbu awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti sabiex jistabbilixxu u joperaw jew jimmaniġġaw istituzzjonijiet edukattivi ta' livell primarju, sekondarju u għoli. Awtorizzazzjoni bħal din tingħata fuq bażi diskrezzjonali.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

F'**MT**: Il-fornituri ta' servizzi li jixtiequ jipprovdu servizzi ta' edukazzjoni għolja jew għall-adulti ffinanzjati privatament iridu jiksbu liċenzja mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol. Id-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tinħareġ liċenzja tista' tkun diskrezzjonali (CPC 923, 924).

*Miżuri:*

**AT**: L-Att dwar l-Università tal-Istudji tax-Xjenzi Applikati, BGBl. I Nru 340/1993 kif emendat, § 2; L-Att dwar l-Universitajiet Privati, BGBl. I Nru 74/2011 kif emendat, § 2; u L-Att dwar l-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Għolja, BGBl. Nru 74/2011 kif emendat, § 25 (3).

**BG**: L-Att dwar l-Edukazzjoni Pubblika, l-Artikolu 12; u
Il-Liġi għall-Edukazzjoni Għolja, il-paragrafu 4 tad-dispożizzjonijiet addizzjonali.

**CZ**: L-Att Nru 111/1998, Coll. (l-Att dwar l-Edukazzjoni Għolja), § 39; u
L-Att Nru 561/2004 Coll. dwar l-Edukazzjoni Preprimarja, Bażika, Sekondarja, Professjonali Terzjarja u Edukazzjoni Oħra (l-Att dwar l-Edukazzjoni).

**EL**: Il-Liġijiet 682/1977, 284/1968, 2545/1940, id-Digriet Presidenzjali 211/1994 kif emendat bid-Digriet Presidenzjali 394/1997, il-Kostituzzjoni ta' Hellas, l-Artikolu 16, il-paragrafu 5 u l-Liġi 3549/2007.

**ES**: Ley Orgánica 6/2001, de 21 de Diciembre, de Universidades (il-Liġi 6 / 2001 tal-21 ta' Diċembru, dwar l-Universitajiet), l-Artikolu 4.

**FR**: Code de l'éducation, articles L 444-5, L 914-4, L 441-8, L 731-8, L 731-1 sa 8.

**IT**: Id-Digriet Amministrattiv 1592/1933 (il-Liġi dwar l-edukazzjoni sekondarja);
Il-Liġi 243/1991 (Kontribuzzjoni pubblika okkażjonali għall-universitajiet privati);
Ir-Riżoluzzjoni 20/2003 tas-CNVSU (Comitato nazionale per la valutazione del sistema universitario); u
Id-Digriet tal-President tar-Repubblika (DPR) 25/1998.

**MT**: L-Avviż Legali 296 tal-2012.

**SI**: L-Att dwar l-Organizzazzjoni u l-Finanzjament tal-Edukazzjoni (Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja, Nru 12/1996) u r-reviżjonijiet tiegħu, l-Artikolu 40.

**SK**: Il-Liġi Nru 131 tal-21 ta' Frar 2002 dwar l-Edukazzjoni Għolja u t-Tibdiliet u l-Addizzjonijiet għal Uħud mil-Liġijiet.

**Riżerva Nru 10 - Is-servizzi ambjentali**

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Servizzi ambjentali – l-ipproċessar u r-riċiklaġġ ta' batteriji u akkumulaturi użati, karozzi użati u skart minn tagħmir elettriku u elettroniku; protezzjoni tal-arja ambjentali u l-klima servizzi ta' tindif tal-gassijiet tal-egżost |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | Parti minn CPC 9402, 9404 |
| Tip ta' riżerva: | Aċċess għas-suq |
| Sezzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi |
| Livell ta' gvern: | UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

Fis-**SK**: Għall-ipproċessar u r-riċiklaġġ ta' batteriji u akkumulaturi użati, żjut użati, karozzi użati u skart minn tagħmir elettriku u elettroniku, hija meħtieġa l-inkorporazzjoni fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew fi Stat Membru taż-ŻEE (rekwiżit ta' residenza) (parti minn CPC 9402).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fl-**SE**: L-entitajiet stabbiliti fl-Iżvezja jew li għandhom is-sede prinċipali tagħhom fl-Iżvezja biss huma eliġibbli għal akkreditament sabiex iwettqu servizzi ta' kontroll tal-gass tal-egżost (CPC 9404).

*Miżuri:*

**SE**: L-Att dwar il-Vetturi (2002:574).

**SK**: L-Att 79/2015 dwar l-Iskart.

**Riżerva Nru 11 - Is-servizzi finanzjarji**

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Servizzi Finanzjarji – assigurazzjoni u servizzi bankarji |
| Tip ta' riżerva: | Aċċess għas-suq<br>Trattament nazzjonali<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi |
| Sezzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi |
| Livell ta' gvern: | UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

**(a) Assigurazzjoni**

Fil-**BG**: L-assigurazzjoni tal-pensjoni għandha titwettaq minn kumpanija b'ishma konġunti liċenzjata skont il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali u rreġistrata skont l-Att Kummerċjali jew skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea (ebda fergħat). Il-promoturi u l-azzjonisti ta' kumpaniji ta' assigurazzjoni tal-pensjoni jistgħu jkunu persuni ġuridiċi mhux residenti, irreġistrati bħala assigurazzjoni soċjali, assigurazzjoni kummerċjali jew istituzzjoni finanzjarja oħra skont il-liġi nazzjonali tagħha, jekk huma jippreżentaw referenzi bankarji minn bank prim barrani kkonfermat mill-Bank Nazzjonali Bulgaru. Individwi mhux residenti ma jistgħux ikunu promoturi u azzjonisti ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni tal-pensjoni. Id-dħul tal-fondi tal-pensjoni supplimentari volontarja: kif ukoll dħul simili konness direttament ma' assigurazzjoni tal-pensjoni volontarja mwettqa minn persuni li huma reġistrati skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u li jistgħu, f'konformità mal-leġiżlazzjoni kkonċernata, iwettqu operazzjonijiet ta' assigurazzjoni tal-pensjoni volontarja, ma jkunx taxxabbli skont il-proċedura stabbilita bl-Att dwar it-Taxxa fuq il-Kumpaniji. Il-president tal-bord maniġerjali, il-president tal-bord tad-diretturi, id-direttur eżekuttiv u l-aġent maniġerjali jrid ikollhom indirizz permanenti jew ikollhom permess ta' residenza fit-tul fil-Bulgarija.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, iTrattament nazzjonali:

Fl-**AT**: L-attività promozzjonali u l-intermedjazzjoni f'isem kumpanija sussidjarja mhux stabbilita fl-Unjoni Ewropea jew f'isem fergħa mhux stabbilita fl-AT (ħlief għar-riassigurazzjoni u r-retroċessjoni) huma pprojbiti.

F'**DE** u **LT**: Il-forniment ta' servizzi tal-assigurazzjoni diretti minn kumpaniji tal-assigurazzjoni mhux stabbiliti fl-Unjoni Ewropea tirrikjedi l-istabbiliment u l-awtorizzazzjoni ta' fergħa.

Fid-**DK**: Ebda persuna jew kumpanija (inklużi kumpaniji tal-assigurazzjoni) ma tista', għal skopijiet ta' negozju, tassisti fl-għoti ta' assigurazzjoni diretta għal persuni residenti fid-DK, għal bastimenti Daniżi jew għal proprjetà fid-DK, barra minn kumpaniji tal-assigurazzjoni liċenzjati mil-liġi Daniża jew mill-awtoritajiet Daniżi kompetenti.

Fil-**PL**: Hemm bżonn ta' inkorporazzjoni lokali (ebda fergħa) għal intermedjarji assigurattivi.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-**AT**: Sabiex jiksbu liċenzja biex jiftħu uffiċċju tal-fergħa, l-assiguraturi barranin irid ikollhom forma ġuridika li tikkorispondi jew tkun komparabbli għal kumpanija b'ishma konġunti jew assoċjazzjoni tal-assigurazzjoni komuni fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Il-maniġment ta' uffiċċju tal-fergħa jrid jikkonsisti tal-anqas minn żewġ persuni fiżiċi residenti fl-AT.

Fil-**BG**: Qabel ma jistabbilixxi fergħa jew aġenzija sabiex tipprovdi assigurazzjoni, assiguratur jew riassiguratur barrani jrid ikun ġie awtorizzat biex jopera fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu fl-istess klassijiet ta' assigurazzjoni bħal dawk li jkun jixtieq jipprovdi fil-BG. Hija meħtieġa r-residenza għall-membri tal-korp maniġerjali u superviżorju tal-intrapriżi ta' (ri)assigurazzjoni u kull persuna awtorizzata li timmaniġġa jew tirrappreżenta l-intrapriża ta' (ri)assigurazzjoni.

F’**ES**: Qabel ma jistabbilixxi fergħa jew aġenzija fi Spanja sabiex jipprovdi ċerti klassijiet ta' assigurazzjoni, assiguratur barrani jrid ikun ġie awtorizzat sabiex jopera fl-istess klassijiet ta' assigurazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu għal tal-anqas ħames snin.

Fil-**PT**: Sabiex jistabbilixxu fergħa jew aġenzija, il-kumpaniji tal-assigurazzjoni barranin iridu jipprovaw esperjenza operazzjonali preċedenti ta' mill-anqas ħames snin.

Fl-**PT**, **ES** u **BG**: Mhux permessi fergħat diretti għall-intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni, li hija riżervata għal kumpaniji ffurmati skont il-liġi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fil-**EL**: Id-dritt ta' stabbiliment ma jkoprix il-ħolqien ta' uffiċċji rappreżentattivi jew preżenza permanenti oħra ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni, ħlief fejn dawn l-uffiċċji jkunu stabbiliti bħala aġenziji, fergħat jew uffiċċji prinċipali.

Fir-rigward tat-trattament nazzjonali biss;:

Fl-**SE**: L-intrapriżi ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni mhux inkorporati fl-Unjoni Ewropea jistgħu jistabbilixxu ruħhom biss permezz ta' fergħa.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-**IT**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea għall-prattika tal-professjoni attwarja, ħlief għal professjonisti barranin li jistgħu jitħallew jipprattikaw abbażi tar-reċiproċità.

Fl-**SE**: Il-forniment ta' assigurazzjoni diretta huwa permess biss permezz ta' fornitur ta' servizz tal-assigurazzjoni awtorizzat fl-Iżvezja, bil-kundizzjoni li l-fornitur barrani tas-servizz u l-kumpanija tal-assigurazzjoni Żvediża jkunu jappartjenu għall-istess grupp ta' kumpaniji jew ikollhom ftehim ta' kooperazzjoni bejniethom.

*Miżuri:*

**AT**: L-Att dwar is-Superviżjoni tal-Assigurazzjoni, §5 (1) 3 (VAG), BGBI. Nru 569/1978, §1 (2).

**BG**: Il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni, l-Artikoli 12, 56-63, 65, 66 u 80 paragrafu 4.

**DE**: §§67-69 Versicherungsaufsichtsgesetz (VAG) għas-servizzi kollha tal-assigurazzjoni-jimplimenta s-Solvenza 2; b'rabta ma' §105 Luftverkehrs-Zulassungs-Ordnung (LuftVZO) għall-assigurazzjoni tar-responsabbiltà fl-ajru biss.

**DK**: Lov om finansiel virksomhed jf. lovbekendtgørelse 182 af 18. februar 2015.

**EL**: Id-Digriet Leġiżlattiv 400/1970.

**ES**: Reglamento de Ordenación, Supervisión y Solvencia de Entidades Aseguradoras y Reaseguradoras (RD 1060/2015, de 20 de noviembre de 2015), l-Artikolu 36.

**IT**: L-Artikolu 29 tal-kodiċi tal-assigurazzjoni privata (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 209 tas-7 ta' Settembru 2005); u

Il-Liġi 194/1942, l-Artikolu 4, il-Liġi 4/1999 dwar ir-reġistru.

**LT**: Il-Liġi dwar l-Assigurazzjoni, 18 ta' Settembru, 2003 m. Nru IX-1737, l-aħħar emenda fil-15 ta' Diċembru 2016; u

Il-Liġi Nru XIII-98.

**PL**: L-Att dwar l-attività tal-assigurazzjoni tat-22 ta' Mejju 2003 (il-Ġurnal tal-Liġijiet 2003, Nru 124, punt 1151); u

L-Att dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni tat-22 ta' Mejju 2003 (il-Ġurnal tal-Liġijiet 2003, Nru 124, punt 1154), l-Artikoli 16 u 31.

**PT**: L-Artikolu 7 tad-Digriet Amministrattiv 94-B/98 u l-kapitolu I, is-Sezzjoni VI tad-Digriet Amministrattiv 94-B/98, l-Artikoli 34, nru 6, 7, u l-Artikolu 7 tad-Digriet Amministrattiv 144/2006.

**SE**: Lag om försäkringsförmedling (l-Att dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni) (2005:405); u

L-Att dwar in-Negozju tal-Assiguraturi Barranin fl-Iżvezja (1998:293).

**(b) Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra**

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-**HU**: Il-kumpaniji mhux taż-ŻEE jistgħu jipprovdu servizzi finanzjarji jew jipparteċipaw f'attivitajiet awżiljarji għas-servizzi finanzjarji biss permezz ta' fergħa fl-HU.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-**BG**: Il-persuni li jimmaniġġaw u jirrappreżentaw il-bank għandhom ikunu preżenti personalment fl-indirizz tal-maniġment tiegħu. L-istituzzjoni finanzjarja għandu jkollha n-negozju prinċipali tagħha fit-territorju tal-Bulgarija.

Fl-**HU**: Il-bord tad-diretturi ta' istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollu tal-anqas żewġ membri rikonoxxuti bħala residenti skont ir-regolamenti tal-kambju u li kellhom residenza permanenti preċedenti fl-HU għal tal-anqas sena.

Il-fergħat ta' kumpaniji ta' ġestjoni ta' fondi ta' investiment mhux taż-ŻEE ma jistgħux jipparteċipaw fil-ġestjoni ta' fondi ta' investiment Ewropej u ma jistgħux jipprovdu servizzi ta' ġestjoni tal-assi lil fondi ta' pensjoni privati.

Fir-**RO**: L-operaturi tas-suq huma persuni ġuridiċi stabbiliti bħala kumpaniji b'ishma konġunti skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-Kumpaniji. Is-sistemi ta' negozju alternattivi jistgħu jkunu mmaniġġjati minn operatur tas-sistema stabbilit abbażi tal-kundizzjonijiet deskritti aktar 'il fuq jew minn intrapriża tal-investiment awtorizzata minn CNVM.

Fl-**SE**: Fundatur ta' bank tat-tfaddil għandu jkun persuna fiżika residenti fi Stat Membru taż-ŻEE.

Fir-rigward tal-aċċess għas-suq biss:

Fil-**PT**: Il-ġestjoni ta' fondi tal-pensjoni tista' tiġi pprovduta biss minn kumpaniji speċjalizzati inkorporati fil-PT għal dak il-għan u minn kumpaniji tal-assigurazzjoni stabbiliti fil-PT u awtorizzati sabiex jibdew in-negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja, jew minn entitajiet awtorizzati sabiex jipprovdu ġestjoni ta' fondi tal-pensjoni fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea. Il-fergħat diretti minn pajjiżi mhux tal-Unjoni Ewropea mhumiex permessi.

Fis-**SI**: Skema tal-pensjoni tista' tiġi pprovduta permezz ta' fond ta' pensjoni reċiproka (li mhuwiex entità ġuridika u għalhekk huwa ġestit minn kumpanija tal-assigurazzjoni, bank jew kumpanija tal-pensjoni), kumpanija tal-pensjoni jew kumpanija tal-assigurazzjoni. Barra minn hekk, skema tal-pensjoni tista' tiġi offruta wkoll minn fornituri ta' skema tal-pensjoni stabbiliti skont ir-regolamenti applikabbli fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u għall-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-**IT**: Sabiex tiġi awtorizzata timmaniġġa s-sistema ta’ saldu tat-titoli jew is-servizzi ta' depożitorju ċentrali tat-titoli ma' stabbiliment fl-Italja, kumpanija trid tkun inkorporata fl-Italja (ebda fergħat). Fil-każ ta' skemi ta' investiment kollettiv barra minn intrapriżi għal investiment kollettiv f’titoli trasferibbli ("UCITS") armonizzatti skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, it-trustee jew id-depożitarju huwa meħtieġ li jkun stabbilit fl-Italja jew fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u jkollu fergħa fl-Italja. Intrapriżi ta' ġestjoni ta' fondi ta' investiment mhux armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea huma wkoll meħtieġa li jkunu inkorporati fl-Italja (mhux fergħat). Banek, intrapriżi tal-assigurazzjoni, ditti tal-investiment u intrapriżi li jimmaniġġaw UCITS armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea li jkollhom l-uffiċċju prinċipali legali tagħhom fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll UCITS inkorporati fl-Italja, biss, jistgħu jwettqu l-attività ta' ġestjoni ta' riżorsi ta' fondi tal-pensjoni. Biex ikunu jistgħu jbigħu bieb bieb, l-intermedjarji jridu jqabbdu bejjiegħa tal-prodotti finanzjarji awtorizzati residenti fit-territorju ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. L-uffiċċji rappreżentattivi ta' intermedjarji mhux tal-Unjoni Ewropea ma jistgħux iwettqu attivitajiet li jkollhom l-għan li jipprovdu servizzi ta' investiment, inkluż negozjar għan-nom proprju u f'isem il-klijenti, introduzzjoni u sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji (meħtieġa fergħa).

*Miżuri:*

**BG**: Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, l-Artikoli 2 u 17;

Il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali, l-Artikolu 121e; u

Il-Liġi dwar il-Munita, l-Artikolu 3.

**HU**: L-Att CCXXXVII tal-2013 dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u l-Intrapriżi Finanzjarji;

L-Att CCXXXVII tal-2013 dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u l-Intrapriżi Finanzjarji; u

L-Att CXX tal-2001 dwar is-Suq tal-Kapital.

**IT**: Id-Digriet Leġiżlattiv 58/1998, l-Artikoli 1, 19, 28, 30-33, 38, 69 u 80;

Ir-Regolament Konġunt tal-Bank tal-Italja u Consob 22.2.1998, l-Artikoli 3 u 41;

Ir-Regolament tal-Bank tal-Italja 25.1.2005; u

It-Titolu V, il-Kapitolu VII, is-Sezzjoni II, ir-Regolament Consob 16190 tad-29.10.2007, l-Artikoli 17-21, 78-81, 91-111.

**PT**: Id-Digriet Amministrattiv 12/2006, kif emendat bid-Digriet Amministrattiv 180/2007, id-Digriet Amministrattiv 357-A/2007, ir-Regolament 7/2007-R, kif emendat bir-Regolament 2/2008-R, ir-Regolament 19/2008-R, ir-Regolament 8/2009.

**RO**: Il-Liġi Nru 297/2004 dwar is-swieq kapitali, ir-Regolament CNVM ("Comisia Nationala a Valorilor Mobiliare") Nru 2/2006 dwar is-swieq regolati u s-sistemi alternattivi tan-negozju.

**SE**: Sparbankslagen (l-Att dwar il-Banek tat-Tfaddil) (1987:619), il-Kapitolu 2, § 1, il-parti 2.

**SI**: L-Att dwar l-Assigurazzjoni tal-Pensjoni u tal-Invalidità (Gazzetta Uffiċjali Nru 102/15).

**Riżerva Nru 12 - Is-servizzi tas-saħħa u s-servizzi soċjali**

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | CPC 931, 933 |
| Tip ta' riżerva: | Aċċess għas-suq<br>Trattament nazzjonali |
| Sezzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi |
| Livell ta' gvern: | UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

Fil-**DE** (japplika wkoll għal-livell reġjonali tal-gvern): Is-servizzi ta' salvataġġ u "s-servizzi ta' ambulanza kwalifikati" huma organizzati u rregolati mil-Länder. Il-biċċa l-kbira tal-Länder jiddelegaw il-kompetenzi fil-qasam tas-servizzi ta' salvataġġ lil muniċipalitajiet. Il-muniċipalitajiet jistgħu jagħtu prijorità lil operaturi li ma għandhomx għan ta' qligħ. Dan japplika bl-istess mod għall-fornituri ta' servizzi barranin u domestiċi (CPC 931, 933). Is-servizzi tal-ambulanzi huma suġġetti għal ippjanar, permess u akkreditament. It-telemediċina tista' tiġi pprovduta biss fil-kuntest ta' trattament primarju li jinvolvi l-preżenza fiżika minn qabel ta' tabib. L-għadd ta' fornituri ta' servizzi tal-ICT (teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni) jista' jkun limitat sabiex jiġu ggarantiti l-istandards meħtieġa ta' interoperabbiltà, kompatibbiltà u sikurezza. Dan huwa applikat b'mod mhux diskriminatorju.

Fi **FR**: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli għall-investituri mill-Unjoni Ewropea, investituri barranin għandhom aċċess biss għall-forom legali ta' "société d'exercice liberal" u "société civile professionnelle". Għas-servizzi mediċi, dentali u tal-qwiebel, hija meħtieġa ċ-ċittadinanza Franċiża. Madankollu, l-aċċess mill-barranin huwa possibbli fil-limiti tal-kwoti annwali stabbiliti. Għas-servizzi mediċi, dentali u tal-qwiebel u s-servizzi minn infermiera, forniment minn anonyme, à responsabilité limitée ou en commandite par actions (SEL) jew SCP biss. Għas-servizzi ta' sptarijiet u ambulanzi, il-faċilitajiet ta' saħħa residenzjali (minbarra servizzi ta' sptarijiet) u servizzi soċjali, tenħtieġ awtorizzazzjoni għall-eżerċizzju ta' funzjonijiet tal-maniġment. Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni tieħu kont tad-disponibbiltà ta' maniġers lokali.

<u>Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:</u>

Fl-**AT**: Il-kooperazzjoni tat-tobba għall-iskop ta' kura tas-saħħa pubblika ambulatorja, hekk imsejħa prattiċi ta' grupp, tista' sseħħ biss fil-forma legali ta' Offene Gesellschaft/OG jew Gesellschaft mit beschränkter Haftung/GmbH. It-tobba biss jistgħu jaġixxu bħala assoċjati ta' prattika ta' grupp bħal din. Huma jridu jkunu intitolati għal prattika medika indipendenti, ikunu rreġistrati mal-Kamra Medika Awstrijaka u jsegwu attivament il-professjoni medika fil-prattika. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra ma jistgħux jaġixxu bħala assoċjati tal-prattika ta' grupp u ma jistgħux jieħdu sehem fid-dħul jew il-profitti tagħha (parti minn CPC 9312)

<u>Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:</u>

Fil-**HR**: L-istabbiliment ta' wħud mill-faċilitajiet ta' kura soċjali ffinanzjati privatament jista' jkun suġġett għal limiti bbażati fuq il-ħtiġijiet f'żoni ġeografiċi partikolari (CPC 9311, 93192, 93193, 933).

Fis-**SI**: il-monopolju tal-Istat huwa riżervat għas-servizzi li ġejjin: Il-provvista tad-demm, il-preparazzjonijiet tad-demm, it-tneħħija u ż-żamma ta' organi umani għal trapjanti, servizzi soċjomediċi, servizzi ta' iġjene, servizzi epidemjoloġiċi u servizzi tas-saħħa ekoloġiċi, servizzi ta' patoloġija u ta' anatomija u prokreazzjoni bijomedika assistita (CPC 931).

*Miżuri:*
**AT**: L-Att Mediku, BGBl. I Nru 169/1998, §§ 52a - 52c;
L-Att Federali li Jirregola Professjonisti Alleati f'Livell Għoli fil-Kura Medika, BGBl. Nru 460/1992; u
L-Att Federali li jirregola l-livell inferjuri u superjuri ta' Massaġġaturi Mediċi, BGBl. Nru 169/2002.

**DE**: Bundesärzteordnung (ir-Regolament Mediku Federali);
Gesetz über die Ausübung der Zahnheilkunde;
Gesetz über die Berufe des Psychologischen Psychotherapeuten und des Kinder- und Jugendlichenpsychotherapeuten (l-Att dwar il-Forniment ta' Servizzi ta' Psikoterapija tas-16.07.1998);
Gesetz über die berufsmäßige Ausübung der Heilkunde ohne Bestallung;

Gesetz über den Beruf der Hebamme und des Entbindungspflegers;
Gesetz über den Beruf der Rettungsassistentin und des Rettungsassistenten;
Gesetz über die Berufe in der Krankenpflege;
Gesetz über die Berufe in der Physiotherapie;
Gesetz über den Beruf des Logopäden;
Gesetz über den Beruf des Orthoptisten und der Orthoptistin;
Gesetz über den Beruf der Podologin und des Podologen;
Gesetz über den Beruf der Diätassitentin und des Diätassistenten;
Gesetz über den Beruf der Ergotherapeutin und des Ergotherapeuten;
Bundesapothekerorndung;
Gesetz über den Beruf des pharmazeutisch-technischen Assistenten;
Gesetz über technische Assistenten in der Medizin, Personenbeförderungsgesetz (l-Att dwar it-Trasport Pubbliku);
Gesetz über den Rettungsdienst (Rettungsdienstgesetz - RDG) in Baden-Württember vom 08.02.2010 (GBl. 2010, paġna 285);
Bayerisches Rettungsdienstgesetz (BayRDG) vom 22.07.2008 (GVBl 2008, paġna 429);
Gesetz über den Rettungsdienst für das Land Berlin (Rettungsdienstgesetz) vom 08.07.1993 (GVBl. paġna 313);
Gesetz über den Rettungsdienst im Land Brandenburg (BbgRettG) in der Fassung vom 18.05.2005;
Gesetz über den Rettungsdienst im Lande Bremen (BremRettDG) vom 22.09.1992;

Hamburgisches Rettungsdienstgesetz (HmbRDG) vom 09.06.1992;
Gesetz über den Rettungsdienst für das Land Mecklenburg-Vorpommern (RDGM-V) vom 01.07.1993;
Niedersächsisches Rettungsdienstgesetz (NRettDG) vom 02.10.2007 (GVBl, paġna 473);
Gesetz über den Rettungsdienst sowie die Notfallrettung und den Krankentransport durch Unternehmer (RettG NRW) vom 09.11.1992;
Landesgesetz über den Rettungsdienst sowie den Notfall- und Krankentransport (RettDG) vom 22.04.1991;
Saarländisches Rettungsdienstgesetz (SRettG) vom 09.02.1994;
Gesetz zur Neuordnung des Brandschutzes, Rettungsdienstes und Katastrophenschutzes im Freistaat Sachsen vom 24.06.2004;
Rettungsdienstgesetz des Landes Sachsen-Anhalt (RettDG LSA) vom 07.11.1993;
Gesetz über die Notfallrettung und den Krankentransport im Land Schleswig-Holstein (RDG) vom 29.11.1991;
Thüringer Rettungsdienstgesetz (ThüRettG) vom 22.12.1992;
§ 8 Krankenhausfinanzierungsgesetz (l-Att dwar il-Finanzjament tal-Isptarijiet);
§§ 14, 30 Gewerbeordnung (l-Att Ġermaniż dwar ir-Regolamentazzjoni tan-Negozju, il-Kummerċ u l-Industrija);
§ 108 Sozialgesetzbuch V (Il-Ktieb dwar is-Sigurtà Soċjali Nru V);

L-Assigurazzjoni Medika Statutorja:

§ 291b SGB V (Il-Ktieb dwar is-Sigurtà Soċjali Nru V) Fornituri tas-saħħa elettronika;

§ 15 Sozialgesetzbuch VI (SGB VI, Il-Ktieb dwar is-Sigurtà Soċjali Nru VI);

§ 34 Sozialgesetzbuch VII (SGB VII, Il-Ktieb dwar is-Sigurtà Soċjali Nru VII), Unfallversicherung;

§ 21 Sozialgesetzbuch IX (SGB IX, Il-Ktieb dwar is-Sigurtà Soċjali Nru IX) Rehabilitation und Teilhabe behinderter Menschen);

§ 72 Sozialgesetzbuch XI (SGB XI, Il-Ktieb dwar is-Sigurtà Soċjali Nru XI), Assigurazzjoni għal Kura fit-Tul;

Landespflegegesetze:

Gesetz zur Umsetzung der Pflegeversicherung in Baden-Württemberg (Landespflegegesetz - LPflG) vom 11. September 1995;

Gesetz zur Ausführung der Sozialgesetze (AGSG) vom 8. Dezember 2006;

Gesetz zur Planung und Finanzierung von Pflegeeinrichtungen (Landespflegeeinrichtungsgesetz - LPflegEG) vom 19. Juli 2002;

Gesetz zur Umsetzung des Elften Buches Sozialgesetzbuch;

(Landespflegegesetz - LPflegeG) Vom 29. Juni 2004;

Gesetz zur Ausführung des Pflege-Versicherungsgesetzes im Lande Bremen und zur Änderung des Bremischen Ausführungsgesetzes zum Bundessozialhilfegesetz (BremAGPflegeVG) vom 26. März 1996;

Hamburgisches Landespflegegesetz (HmbLPG) vom 18. September 2007;

Hessisches Ausführungsgesetz zum Pflege-Versicherungsgesetz vom 19. Dezember 1994;

Landespflegegesetz (LPflegeG M-V) vom 16. Dezember 2003;
Gesetz zur Planung und Förderung von Pflegeeinrichtungen nach dem Elften Buch Sozialgesetzbuch (Niedersächsisches Pflegegesetz - NPflegeG) vom 26. Mai 2004;
Gesetz zur Umsetzung des Pflege-Versicherungsgesetzes (Landespflegegesetz Nordrhein-Westfalen - PfG NW) vom 19. März 1996;
Landesgesetz zur Sicherstellung und Weiterentwicklung der pflegerischen Angebotsstruktur (LPflegeASG) vom 25. Juli 2005 (GVBl 2005, S. 299) – (Rheinland-Pfalz);
Saarländisches Gesetz Nr. 1355 zur Planung und Förderung von Pflegeeirichtungen vom 21. Juni 1995;
Sächsisches Pflegegesetz (SächsPflegeG) vom 25. März 1996 ist zum 31.12.2002 außer Kraft getreten);
Ausführungsgesetz zum Pflege-Versicherungsgesetz (PflegeV-AG) vom 7. August 1996;
Ausführungsgesetz zum Pflege-Versicherungsgesetz (Landes-pflegegesetz - LPflegeG) vom 10. Februar 1996;
Thüringer Gesetz zur Ausführung des Pflege-Versicherungs-gesetzes (ThürAGPflegeVG) vom 20. Juli 2005;
Personenbeförderungsgesetz (l-Att dwar it-Trasport Pubbliku);
Landeskrankenhausgesetz Baden-Württemberg vom 29.11.2007;

L-Att Bavarjan dwar l-Isptarijiet (Bayerisches Krankenhausgesetzes - BayKrG) vom 28.03.2007;

§§ 12, 13, 14 Krankenhausentwicklungsgesetz Brandenburg (BbgKHEG) vom 08.07.2009 (GVBl. I/09, paġna 310);

Berliner Gesetz zur Neuregelung des Krankenhausrechts vom 18.09.2011 (GVBl. paġna 483);

Bremisches Krankenhausgesetz (BrmKrHG) vom 12.04.2011 (Gesetzblatt Bremen vom 29.04.2011);

Hamburgisches Krankenhausgesetz (HmbKHG) vom 17.04.1991 (HmbGVBl. Paġna 127;

§§ 17-19 Hessisches Krankenhausgesetz 2011 (HKHG 2011) vom 21.12.2010 (GVBl. I 2010, Seite 587);

Krankenhausgesetz für das Land Mecklenburg-Vorpommern (LKHG M-V) vom 20.05.2011 (GVOBl. M-V 2011, paġna 327);

Niedersächsisches Krankenhausgesetz (NKHG) vom 19.01.2012 (Nds. GVBl. Nr. 1 vom 26.01.2012, paġna 2);

Krankenhausgestaltungsgesetz des Landes Nordrhein-Westfalen (KHGG NRW) vom 11.12.2007 (GV. NRW paġna 702);

§ 6 Landeskrankenhausgesetz Rheinland-Pfalz (LKG Rh-Pf) in der Fassung vom 01.12.2010 (GVBl. paġna 433);

Saarländisches Krankenhausgesetz (SKHG) vom 13.07.2005;

Gesetz zur Ausführung des Krankenhausfinanzierungsgesetzes (AG-KHG) in Schleswig-

Holstein vom 12.12.1986 (GVOBl. Schl.-H. paġna 302);
§ 3 Krankenhausgesetz Sachsen-Anhalt (KHG LSA) vom 14.04.2005 (GVBl. LSA 2005, paġna 202);
Gesetz zur Neuordnung des Krankenhauswesens (Sächsisches Krankenhausgesetz - SächsKHG) vom 19.08.1993 (Sächs GVBl. paġna 675);
§ 4 Thüringischer Krankenhausgesetz (Thür KHG) in der Fassung der Neubekanntmachung 30.04.2003 (GVBl. paġna 262); u
Gesetz zur Neuordnung des Krankenhauswesens (Sächsisches Krankenhausgesetz – SächsKHG) vom 19. August 1993 (SächsGVBl. paġna 675).

**FR**: Loi 90-1258 relative à l'exercice sous forme de société des professions libérales, modifiée par les lois 2001-1168 du 12 décembre 2001 et 2008-776 du 4 août 2008 et la loi 66-879 du 29 novembre 1966 (SCP); u
Code de la santé publique, articles L6122-1, L6122-2 (Ordonnance2010-177 du 23 février 2010).

**HR**: L-Att dwar il-Kura tas-Saħħa (OG 150/08, 71/10, 139/10, 22/11, 84/11, 12/12, 70/12, 144/12).

**SI**: Il-Liġi dwar is-Servizzi tas-Saħħa, Il-Gazzetta Uffiċjali tal-RS, Nru 23/2005, l-Artikoli 1,3 u 62-64; u
L-Att dwar it-Trattament tal-Infertilità u l-Proċeduri tal-Prokreazzjoni Bijomedika Assistita, Il-Gazzetta Uffiċjali tar-RS, Nru 70/00, l-Artikoli 15 u 16.

**Riżerva Nru 13 - Servizzi turistiċi u servizzi relatati mal-ivvjaġġar**

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Servizzi turistiċi u servizzi relatati mal-ivvjaġġar - lukandi, ristoranti u catering servizzi ta' aġenziji tal-ivvjaġġar u operaturi turistiċi (inklużi l-maniġers tat-turs); servizzi ta' gwidi turistiċi |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | CPC 641, 642, 643, 7471, 7472 |
| Tip ta' riżerva: | Aċċess għas-suq<br>Trattament nazzjonali<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi |
| Sezzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi |
| Livell ta' gvern: | UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

Fil-**BG**: Hemm bżonn ta' inkorporazzjoni (ebda fergħat). Is-servizzi ta' operaturi turistiċi jew ta' aġenzija tal-ivvjaġġar jistgħu jiġu pprovduti minn persuna stabbilita fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew fi Stat Membru taż-ŻEE jekk, meta tistabbilixxi ruħha fit-territorju tal-Bulgarija, il-persuna msemmija tippreżenta kopja ta' dokument li jiċċertifika d-dritt tagħha li tipprattika dik l-attività jew ċertifikat jew dokument ieħor maħruġ minn istituzzjoni ta' kreditu jew assiguratur li jikkontjeni dejta tal-eżistenza ta' assigurazzjoni li tkopri r-responsabbiltà tal-imsemmija persuna għad-danni li jistgħu jiġu kkawżati bħala riżultat tan-nuqqas kundannabbli ta' twettiq tal-obbligi professjonali. L-għadd ta' maniġers barranin ma jistax jaqbeż in-numru ta' maniġers li huma ċittadini Bulgari, f'każijiet fejn is-sehem pubbliku (tal-istat jew muniċipali) fil-kapital ta' ekwità ta' kumpanija Bulgara jaqbeż il-50 fil-mija. Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE għall-gwidi turistiċi (CPC 641, 642, 643, 7471, 7472).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

F'**CY**: Liċenzja għall-istabbiliment u l-operat ta' kumpanija jew aġenzija turistika u tal-ivvjaġġar, kif ukoll it-tiġdid ta' liċenzja għall-operat ta' kumpanija jew aġenzija eżistenti, għandha tingħata biss lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi mill-Unjoni Ewropea. Ebda kumpanija mhux residenti barra dawk stabbiliti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, ma tista' tipprovdi fir-Repubblika ta' Ċipru, fuq bażi organizzata jew permanenti, l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3 tal-Liġi msemmija aktar 'il fuq, sakemm ma tkunx rappreżentata minn kumpanija residenti. L-għoti ta' servizzi ta' gwida turistika jirrikjedi ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (CPC 7471, 7472).

Fil-**HR**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE għas-servizzi ta' ospitalità u catering fid-djar u l-abitazzjonijiet rurali (CPC 641, 642, 643, 7471, 7472).

Fil-**EL**: iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jridu jiksbu diploma mill-Iskejjel tal-Gwidi Turistiċi tal-Ministeru Grieg tat-Turiżmu, sabiex ikunu intitolati għad-dritt li jipprattikaw il-professjoni. Bħala eċċezzjoni, id-dritt ta' prattika tal-professjoni jista' jingħata temporanjament lil ċittadini ta' pajiżi terzi, permezz ta' deroga mid-dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija, fil-każ tan-nuqqas ikkonfermat ta' gwida turistika għal lingwa speċifika.

F'**ES** (għal ES japplika wkoll għal-livell reġjonali tal-gvern): Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġu pprovduti s-servizzi ta' gwida turistika.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-**HU**: Il-provvista ta' servizzi ta' aġenti tal-ivvjaġġar u ta' operaturi turistiċi, u s-servizzi ta' gwida tat-turisti fuq bażi transfruntiera hija suġġetta għal liċenzja maħruġa mill-Uffiċċju Ungeriż tal-Liċenzji tan-Negozju. Il-liċenzji huma riżervati għal ċittadini taż-ŻEE u persuni ġuridiċi li jkollhom is-sedi tagħhom fl-Istati Membri taż-ŻEE (CPC 7471, 7472).

Fl-**IT** (japplika wkoll għal-livell reġjonali tal-gvern): il-gwidi turistiċi minn pajjiżi mhux tal-Unjoni Ewropea jridu jiksbu liċenzja speċifika mir-reġjun sabiex jaġixxu bħala gwida turistika professjonali. Il-gwidi turistiċi minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea jistgħu jaħdmu liberament mingħajr il-bżonn ta' tali liċenzja. Il-liċenzja tingħata lil gwidi turistiċi li jkollhom kompetenza u għarfien adegwati (CPC 7472).

*Miżuri:*

**BG**: Il-Liġi dwar it-Turiżmu, l-Artikoli 61, 113 u 146.

**CY**: Il-Liġi dwar it-Turiżmu u l-Uffiċċji tal-Ivvjaġġar u l-Gwidi Turistiċi għall-1995 sal-2004 (N.41(I)/1995-2004).

**EL**: Id-Digriet Presidenzjali 38/2010, id-Deċiżjoni Ministerjali 165261/IA/2010 (Il-Gazzetta tal-Gvern 2157/B), l-Artikolu 50 tal-Liġi 4403/2016.

**ES**: Andalucía: Decreto 8/2015, de 20 de enero, Regulador de guías de turismo de Andalucía;
Aragón: Decreto 21/2015, de 24 de febrero, Reglamento de Guías de turismo de Aragón;
Cantabria: Decreto 51/2001, de 24 de julio, artcle 4, por el que se modifica el Decreto 32/1997, de 25 de abril, por el que se aprueba el reglamento para el ejercicio de actividades turístico-informativas privadas;
Castilla y León: Decreto 25/2000, de 10 de febrero, por el que se modifica el Decreto 101/1995, de 25 de mayo, por el que se regula la profesión de guía de turismo de la Comunidad Autónoma de Castilla y León;
Castilla la Mancha: Decreto 86/2006, de 17 de julio, de Ordenación de las Profesiones Turísticas;
Cataluña: Decreto Legislativo 3/2010, de 5 de octubre, para la adecuación de normas con rango de ley a la Directiva 2006/123/CE, del Parlamento y del Consejo, de 12 de diciembre de 2006, relativa a los servicios en el mercado interior, l-Artikolu 88;

Comunidad de Madrid: Decreto 84/2006, de 26 de octubre del Consejo de Gobierno, por el que se modifica el Decreto 47/1996, de 28 de marzo;
Comunidad Valenciana: Decreto 90/2010, de 21 de mayo, del Consell, por el que se modifica el reglamento regulador de la profesión de guía de turismo en el ámbito territorial de la Comunitat Valenciana, aprobado por el Decreto 62/1996, de 25 de marzo, del Consell;
Extremadura: Decreto 37/2015, de 17 de marzo;
Galicia: Decreto 42/2001, de 1 de febrero, de Refundición en materia de agencias de viajes, guias de turismo y turismo activo;
Illes Balears: Decreto 136/2000, de 22 de septiembre, por el cual se modifica el Decreto 112/1996, de 21 de junio, por el que se regula la habilitación de guía turístico en las Islas Baleares;
Islas Canarias: Decreto 13/2010, de 11 de febrero, por el que se regula el acceso y ejercicio de la profesión de guía de turismo en la Comunidad Autónoma de Canarias, l-Artikolu 5;
La Rioja: Decreto 14/2001, de 4 de marzo, Reglamento de desarrollo de la Ley de Turismo de La Rioja;
Navarra: Decreto Foral 288/2004, de 23 de agosto. Reglamento para actividad de empresas de turismo activo y cultural de Navarra. Principado de Asturias: Decreto 59/2007, de 24 de mayo, por el que se aprueba el Reglamento regulador de la profesión de Guía de Turismo en el Principado de Asturias; u

Región de Murcia: Decreto n.º 37/2011, de 8 de abril, por el que se modifican diversos decretos en materia de turismo para su adaptación a la ley 11/1997, de 12 de diciembre, de turismo de la Región de Murcia tras su modificación por la ley 12/2009, de 11 de diciembre, por la que se modifican diversas leyes para su adaptación a la directiva 2006/123/CE, del Parlamento Europeo y del Consejo de 12 de diciembre de 2006, relativa a los servicios en el mercado interior.

**HR**: L-Att dwar l-Ospitalità u l-Industrija tal-Forniment tal-Ikel (OG 138/06, 152/08, 43/09, 88/10 i 50/12); u
L-Att dwar il-Provvista ta' Servizzi tat-Turiżmu (OG Nru 68/07 u 88/10).

**HU**: L-Att CLXIV tal-2005 dwar in-Negozju, id-Digriet Governattiv Nru 213/1996 (XII.23.) dwar l-Organizzazzjoni tal-Ivvjaġġar u l-Attivitajiet ta' Aġenzija.

**IT**: Il-Liġi 135/2001, l-Artikoli 7.5 u 6; u
Il-Liġi 40/2007 (DL 7/2007).

**Riżerva Nru 14 - Is-servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi**

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Servizzi rikreattivi; servizzi sportivi oħrajn |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | CPC 962, parti minn CPC 96419 |
| Tip ta' riżerva: | Aċċess għas-suq<br>Trattament nazzjonali<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi |
| Sezzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi |
| Livell ta' gvern: | UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

**Servizzi sportivi oħra (CPC 96419)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fl-**AT** (japplika għal-livell reġjonali ta' gvern): L-operat tal-iskejjel tal-iski u tas-servizzi ta' gwida tal-muntanji huwa rregolat mil-liġijiet tal-Bundesländer. Il-forniment ta' dawn is-servizzi jista' jirrikjedi ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru taż-ŻEE. L-intrapriżi jistgħu jkunu rikjesti li jaħtru direttur maniġerjali li jkun ċittadin ta' Stat Membru taż-ŻEE.

F'**CY**: Rekwiżit taċ-ċittadinanza għall-istabbiliment ta' skola taż-żfin u rekwiżit taċ-ċittadinanza għall-istrutturi fiżiċi.

*Miżuri:*

**AT**: Kärntner Schischulgesetz, LGBL. Nru 53/97;

Kärntner Berg- und Schiführergesetz, LGBL. Nru 25/98;

NÖ- Sportgesetz, LGBL. Nru 5710;

OÖ- Sportgesetz, LGBl. Nru 93/1997;

Salzburger Schischul- und Snowboardschulgesetz, LGBL. Nru 83/89;

Salzburger Bergführergesetz, LGBL. Nru 76/81;

Steiermärkisches Schischulgesetz, LGBL. Nru 58/97;

Steiermärkisches Berg- und Schiführergesetz, LGBL. Nru 53/76;

Tiroler Schischulgesetz. LGBL. Nru 15/95;

Tiroler Bergsportführergesetz, LGBL. Nru 7/98;

Vorarlberger Schischulgesetz, LGBL. Nru 55/02 §4 (2)a;

Vorarlberger Bergführergesetz, LGBL. Nru 54/02; u

Wien: Gesetz über die Unterweisung in Wintersportarten, LGBL. Nru 37/02.

**CY**: Il-Liġi 65(i)/1997; u

Il-Liġi 17(i) /1995.

**Riżerva Nru 15 - Is-servizzi tat-trasport u s-servizzi awżiljarji għas-servizzi tat-trasport**

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Servizzi tat-trasport - sajd u trasport bl-ilma - kwalunkwe attività kummerċjali oħra mwettqa minn vapur; trasport bl-ilma u servizzi awżiljarji għat-trasport bl-ilma; trasport bil-ferrovija u servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija; trasport bit-triq u servizzi awżiljarji għat-trasport bit-triq; servizzi awżiljarji għas-servizzi tat-trasport bl-ajru; forniment ta' servizzi ta' trasport ikkumbinat |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | ISIC Rev. 3.1 0501, 0502; CPC 5133, 5223, 711, 712, 721, 741, 742, 743, 744, 745, 748, 749, 7461, 7469, 83103, 86751, 86754, 8730, 882 |
| Tip ta' riżerva: | Aċċess għas-suq<br>Trattament nazzjonali<br>Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi |
| Sezzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi |
| Livell ta' gvern: | UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

**(a) Trasport marittimu u servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu. Kwalunkwe attività kummerċjali mwettqa minn bastiment (ISIC Rev. 3.1 0501, 0502; CPC 5133, 5223, 721, Parti minn 742, 745, 74540, 74520, 74590, 882)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi; Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-**BG**: Il-ġarr u kwalunkwe attività relatata ma' xogħlijiet ta' inġinerija idrawlika u xogħlijiet tekniċi taħt l-ilma, il-prospettar u l-estrazzjoni ta' riżorsi minerali u riżorsi mhux organiċi oħra, pilotaġġ, bunkering, riċeviment ta' skart, taħlit ta' ilma u żejt u simili, imwettqa minn bastimenti fl-ilmijiet interni, u fil-baħar territorjali tal-Bulgarija, jistgħu jitwettqu biss minn bastimenti li jtajru l-bandiera Bulgara jew bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea.

L-għadd ta' fornituri ta' servizzi fil-portijiet jista' jkun limitat skont il-kapaċità oġġettiva tal-port, li tiġi deċiża minn kummissjoni ta' esperti, stabbilita mill-Ministeru tat-Trasport, it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjonijiet.

Rekwiżit taċ-ċittadinanza għas-servizzi ta' sostenn. Il-kaptan u l-inġinier kap tal-bastiment bilfors iridu jkunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew taż-ŻEE, jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera. Mhux anqas minn 25 fil-mija tal-pożizzjonijiet fil-livell ta' maniġment u operazzjonali u mhux anqas minn 25 fil-mija tal-pożizzjonijiet li jieħdu l-ordnijiet għandhom jimtlew minn ċittadini tal-Bulgarija (ISIC Rev. 3.1 0501, 0502, CPC 5133, 5223, 721, 74520, 74540, 74590, 882).

*Miżuri:*

**BG**: Il-Kodiċi tal-Bastimenti Merkantili; Il-Liġi għall-Ilma Baħar, l-Ilmijiet Navigabbli Interni u l-Portijiet tar-Repubblika tal-Bulgarija; L-Ordinanza għall-kundizzjoni u l-ordni għall-għażla ta' operaturi tat-trasport Bulgari għall-ġarr ta' passiġġieri u merkanzija taħt trattati internazzjonali; u

L-Ordinanza 3 għas-servizz ta' manutenzjoni ta' bastimenti mingħajr ekwipaġġ.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali; Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-**BG**: Rigward is-servizzi ta' sostenn għat-trasport pubbliku mwettqa fil-portijiet Bulgari, f'portijiet li għandhom importanza nazzjonali, id-dritt ta' twettiq tal-attivitajiet ta' sostenn jingħata permezz ta' kuntratt ta' konċessjoni. F'portijiet li għandhom importanza reġjonali, dan id-dritt jingħata permezz ta' kuntratt mas-sid tal-port (CPC 74520, 74540, 74590).

*Miżuri:*

**BG**: Il-Kodiċi tal-Bastimenti Merkantili; Il-Liġi għall-Ilma Baħar, l-Ilmijiet Navigabbli Interni u l-Portijiet tar-Repubblika tal-Bulgarija.

Fid-**DK**: Il-fornituri tal-pilotaġġ jistgħu jwettqu biss servizzi ta' pilotaġġ fid-Danimarka jekk ikunu domiċiljati f'pajjiż tal-UE/ŻEE u jkunu rreġistrati u approvati mill-Awtoritajiet Daniżi skont l-Att Daniż dwar il-Pilotaġġ (CPC 74520).

*Miżuri:*

**DK**: L-Att Daniż dwar il-Pilotaġġ, §18.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment - Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi - Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fil-**DE** (japplika wkoll għal-livell reġjonali tal-gvern): Bastiment li ma jappartjenix lil ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jista' jintuża għal attivitajiet għajr it-trasport u s-servizzi awżiljarji fil-passaġġi fuq l-ilma federali Ġermaniżi biss wara awtorizzazzjoni speċifika. L-eżenzjonijiet għal bastimenti mhux tal-Unjoni Ewropea jistgħu jingħataw biss jekk ebda bastiment tal-Unjoni Ewropea ma jkun disponibbli jew jekk ikun disponibbli taħt kundizzjonijiet sfavorevoli ħafna, jew fuq il-bażi ta' reċiproċità. L-eżenzjonijiet għal bastimenti li jtajru l-bandiera Ġappuniża jistgħu jingħataw fuq il-bażi ta' reċiproċità (§ 2 paragrafu 3 KüSchVO) L-attivitajiet kollha li jaqgħu fl-ambitu tal-liġi dwar il-piloti huma regolati u l-akkreditament huwa ristrett għal ċittadini taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera.

Għall-kiri jew il-lokazzjoni ta' bastimenti tal-baħar b'operaturi jew mingħajrhom, u għall-kiri jew il-lokazzjoni mingħajr operatur ta' bastimenti tal-baħar, il-konklużjoni ta' kuntratti għat-trasport ta' merkanzija permezz ta' bastimenti li jtajru bandiera barranija jew il-kiri ta' tali bastimenti jista' jkun ristrett, skont id-disponibbiltà ta' bastimenti li jtajru l-bandiera Ġermaniża jew il-bandiera ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea.

It-tranżazzjonijiet bejn residenti u nonresidenti dwar:

(i) kiri ta' bastimenti għall-passaġġi fuq l-ilma interni, li mhumiex irreġistrati fiż-żona ekonomika;

(ii) trasport ta' merkanzija permezz tat-tali bastimenti għall-passaġġi fuq l-ilma interni; jew

(iii) servizzi ta' rmonk mit-tali bastimenti għall-passaġġi fuq l-ilma interni,

fi ħdan iż-żona ekonomika jistgħu jkunu ristretti (Trasport bl-ilma, Servizzi ta' appoġġ għat-trasport bl-ilma, Kiri ta' vapuri, Servizzi ta' lokazzjoni ta' vapuri mingħajr operaturi (CPC 721, 745, 83103, 86751, 86754, 8730)).

*Miżuri:*

**DE**: §§ 1, 2 Flaggenrechtsgesetz (l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Bandiera);
§ 2 Verordnung über die Küstenschifffahrt vom 05.07. 2002;
§§ 1, 2 Binnenschifffahrtsaufgabengesetz (BinSchAufgG);
Vorschriften aus der (Schifffahrts-) Patentverordnung in der Fassung vom 08.04.2008;
§ 9 Abs.2 Nr. 1 Seelotsgesetz vom 08.12. 2010 (BGBl. I S. 1864);
§ 1 Nr. 9, 10, 11 und 13 Seeaufgabengesetz (SeeAufgG); u
Ara-Eigensicherungsverordnung vom 19.09.2005 (BGBl. I S. 2787), geändert durch Artikel 516 Verordnung vom 31.10.2006 (BGBl. I S. 2407).

Fil-**FI**: is-servizzi ta' sostenn għat-trasport marittimu meta jiġu pprovduti fl-ibħra marittimi Finlandiżi huma riżervati għal flotot li joperaw taħt il-bandiera nazzjonali, tal-Unjoni Ewropea jew Norveġiża (CPC 745).

*Miżuri:*

**FI**: Merilaki (l-Att Marittimu) (674/1994); u
Laki elinkeinon harjoittamisen oikeudesta (l-Att dwar id-Dritt ta' Twettiq ta' Negozju) (122/1919), s. 4.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment - Aċċess għas-suq:

Fil-**EL**: Monopolju pubbliku impost f'żoni tal-port għal servizzi ta' mmaniġġar tal-merkanzija (CPC 741).

*Miżuri:*

**EL**: Il-Kodiċi tal-Liġi Marittima Pubblika (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 187/1973).

Fl-**IT**: Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi ta' mmaniġġar tal-merkanzija marittima. Kriterji ewlenin: l-għadd u l-impatt fuq l-istabbilimenti eżistenti, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda (CPC 741).

*Miżuri:*

**IT**: Il-Kodiċi tal-Bastimenti;

Il-Liġi 84/1994; u

Id-Digriet Ministerjali 585/1995.

**(b) Trasport bil-ferrovija u servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija (CPC 711, 743)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment - Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi - Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-**BG**: Iċ-ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea biss jistgħu jipprovdu trasport bil-ferrovija jew servizzi ta' sostenn għat-trasport bil-ferrovija fil-Bulgarija. Liċenzja sabiex jitwettaq trasport ta' passiġġieri jew ta' merkanzija bil-ferrovija tinħareġ mill-Ministeru tat-Trasport għall-operaturi ta' ferroviji rreġistrati bħala kummerċjanti (CPC 711, 743).

*Miżuri:*

**BG**: Il-Liġi dwar it-Trasport bil-Ferrovija, Artikoli. 37, 48.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment - Aċċess għas-suq:

Fil-**LT**: Id-drittijiet esklużivi għall-forniment ta' servizzi ta' transitu jingħataw lil intrapriżi ferrovjarji li jappartjenu, jew li l-istokk tagħhom jappartjeni 100 fil-mija, lill-istat (CPC 711).

*Miżuri:*

**LT**: Il-Kodiċi tat-trasport bil-ferrovija tar-Repubblika tal-Litwanja tat-22 ta' April 2004 Nru. IX-2152 kif emendat bin-Nru X-653 tat-8 ta' Ġunju 2006.

**(c) Trasport bit-triq u servizzi awżiljarji għat-trasport bit-triq (CPC 712, 7121, 7122, 71222, 7123)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment - Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi - Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-**AT**: Għat-trasport ta' passiġġieri u ta' merkanzija, id-drittijiet esklużivi jew l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u lil persuni ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Unjoni Ewropea (CPC 712).

*Miżuri:*

**AT**: Güterbeförderungsgesetz (l-Att dwar it-Trasport ta' Prodotti), BGBl. Nru 593/1995; § 5; Gelegenheitsverkehrsgesetz (l-Att dwar it-Traffiku Okkażjonali), BGBl. Nru 112/1996; § 6; u Kraftfahrliniengesetz (il-Liġi dwar it-Trasport Skedat), BGBl. I Nru 203/1999 kif emendata, §§ 7 u 8.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment - Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi - Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fil-**EL**: Għall-operaturi ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija bit-triq. Għall-eżerċizzju tal-okkupazzjoni ta' operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq hija meħtieġa liċenzja Ellenika. Il-liċenzji jingħataw abbażi ta' kundizzjonijiet mhux diskriminatorji, bil-kundizzjoni ta' reċiproċità. L-operazzjonijiet ta' trasport tal-merkanzija bit-triq stabbiliti fil-Greċja jistgħu jużaw biss vetturi li jkunu rreġistrati fil-Greċja (CPC 7123).

*Miżuri:*
**EL**: Liċenzjar ta' operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq: Il-liġi Griega 3887/2010 (Il-Gazzetta tal-Gvern A' 174), kif emendata bl-Artikolu 5 tal-Liġi 4038/2012 (Il-Gazzetta tal-Gvern A' 14)-ir-Regolamenti tal-KE 1071/09 u 1072/09.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment - Aċċess għas-suq:

Fl-**IE**: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi ta' karozzi tal-linja bejn belt u oħra. Kriterji ewlenin: l-għadd u l-impatt fuq l-istabbilimenti eżistenti, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda (CPC 7121, CPC 7122).

*Miżuri:*

**IE**: L-Att tal-2009 dwar ir-Regolamentazzjoni tat-Trasport Pubbliku.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi - Aċċess għas-suq:

F'**MT**: Taxis - japplikaw restrizzjonijiet numeriċi fuq l-għadd ta' liċenzji.
Karozzini: Japplikaw restrizzjonijiet numeriċi fuq l-għadd ta' liċenzji (CPC 712).

*Miżuri:*

**MT**: Ir-Regolamenti dwar Servizzi tat-*Taxi* (SL499.59).

Fil-**PT**: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi ta' limousine. Kriterji ewlenin: l-għadd u l-impatt fuq l-istabbilimenti eżistenti, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda (CPC 71222).

*Miżuri:*

**PT**: Id-Digriet Amministrattiv 41/80, il-21 ta' Awwissu.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment - Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi - Trattament nazzjonali:

Fil-**CZ**: Hija meħtieġa l-inkorporazzjoni fir-Repubblika Ċeka (l-ebda fergħa) sabiex jiġu pprovduti servizzi tat-trasport.

*Miżuri:*

**CZ**: L-Att Nru 111/1994 Coll., dwar it-Trasport bit-Triq.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi - Trattament nazzjonali:

Fir-**RO**: L-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq jistgħu jużaw biss vetturi li jkunu reġistrati fir-Rumanija, li jappartjenu u jintużaw skont il-provvedimenti tad-Digriet Governattiv (CPC 7121, CPC 7122, CPC 7123).

*Miżuri:*

**RO**: Il-liġi Rumena dwar it-trasport bit-triq (id-Digriet Governattiv Nru 27/2011).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment - Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi - Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fl-**SE**: Għall-eżerċizzju tal-okkupazzjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq tenħtieġ liċenzja Żvediża. Il-kriterji sabiex tingħata liċenzja għal taksi jinkludu li l-kumpanija tkun ħatret persuna fiżika biex taġixxi bħala maniġer tat-trasport (rekwiżit *de facto* ta' residenza – ara r-riżerva Żvediża fuq it-tipi ta' stabbiliment).

Il-kriterji sabiex tingħata liċenzja għal operaturi oħra tat-trasport bit-triq jirrikjedu li l-kumpanija tkun stabbilita fl-Unjoni Ewropea, ikollha stabbiliment li jinsab fl-Iżvezja u tkun ħatret persuna fiżika sabiex taġixxi bħala maniġer tat-trasport, li trid tkun residenti fl-Unjoni Ewropea.

Il-liċenzji jingħataw abbażi ta' termini mhux diskriminatorji, ħlief li l-operaturi tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq jistgħu bħala regola ġenerali jużaw biss vetturi li jkunu rreġistrati fir-reġistru nazzjonali tat-traffiku fit-triq. Jekk vettura tkun irreġistrata barra mill-pajjiż, u tkun il-proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika li għandha r-residenza prinċipali tagħha barra mill-pajjiż u tinġieb l-Iżvezja għal użu temporanju, il-vettura tista' tintuża temporanjament fl-Iżvezja. L-użu temporanju huwa normalment iddefinit mill-Aġenzija tat-Trasport tal-Iżvezja bħala li jfisser mhux aktar minn sena.

L-operaturi ta' servizzi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq barra mill-pajjiż jeħtieġ li jkunu liċenzjati għal dawk l-operazzjonijiet mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż fejn ikunu stabbiliti. Jistgħu jiġu rregolati rekwiżiti addizzjonali għall-kummerċ transfruntiera fi ftehim bilaterali dwar it-trasport bit-triq. Għal vetturi fejn ma japplika l-ebda ftehim bilaterali bħal dan, hija meħtieġa wkoll liċenzja mill-Aġenzija tat-Trasport tal-Iżvezja (CPC 712).

*Miżuri:*

**SE**: Yrkestrafiklag (2012:210) (l-Att dwar it-traffiku professjonali);

Lag om vägtrafikregister (2001:558) (l-Att dwar ir-reġistru tat-traffiku bit-triq);

Yrkestrafikförordning (2012:237) (ir-Regolament tal-Gvern dwar it-traffiku professjonali);

Taxitrafiklag (2012:211) (l-Att dwar it-Taksis); u

Taxitrafikförordning (2012:238) (ir-Regolament tal-Gvern dwar it-taksis).

(d) **Servizzi awżiljarji għat-trasport bl-ajru**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment - Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-**PL**: Għas-servizzi ta' ħżin ta' prodotti tal-friża jew imkessħa u servizzi ta' ħżin bl-ingrossa ta' likwidi jew gassijiet fl-ajruporti, il-possibbiltà li jiġu pprovduti ċerti kategoriji ta' servizzi tiddependi mid-daqs tal-ajruport. L-għadd ta' fornituri f'kull ajruport jista' jkun limitat minħabba limiti ta' spazju disponibbli, iżda mhux anqas minn żewġ fornituri għal raġunijiet oħra.

*Miżuri:*

**PL**: Il-Liġi dwar l-Avjazzjoni Pollakka tat-3 ta' Lulju 2002, l-Artikoli 174.2 u 174.3 3.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment - Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi - Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fl-**UE**: Għas-servizzi ta' groundhandling, jista' jkun meħtieġ l-istabbiliment fit-territorju tal-Unjoni Ewropea. Il-livell ta' aċċess miftuħ għas-servizzi ta' groundhandling jiddependi mid-daqs tal-ajruport. L-għadd ta' fornituri f'kull ajruport jista' jkun limitat. Għall-"ajruporti kbar", dan il-limitu ma jistax ikun anqas minn żewġ fornituri.

*Miżuri:*

**UE**: Id-Direttiva 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità.

Fil-**BE** (japplika wkoll għal-livell reġjonali tal-gvern): Għas-servizzi ta' groundhandling, hija meħtieġa r-reċiproċità.

*Miżuri:*

**BE**: Arrêté Royal du 6 novembre 2010 réglementant l'accès au marché de l'assistance en escale à l'aéroport de Bruxelles-National (l-Artikolu 18);

Besluit van de Vlaamse Regering betreffende de toegang tot de grondafhandelingsmarkt op de Vlaamse regionale luchthavens (l-Artikolu 14); u

Arrêté du Gouvernement wallon réglementant l'accès au marché de l'assistance en escale aux aéroports relevant de la Région wallonne (l-Artikolu 14).

**(e) Servizzi ta' appoġġ għall-modalitajiet kollha tat-trasport (parti minn CPC 748)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment - Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi - Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

L-**UE** (japplika wkoll għal-livell reġjonali ta' gvern): Is-servizzi ta' żdoganar tal-merkanzija jistgħu jiġu pprovduti biss minn residenti tal-Unjoni Ewropea.

*Miżuri:*

**UE**: Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tad-9 ta' Ottubru 2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

**(f) Forniment ta' servizzi ta' trasport ikkombinat (CPC 711, 712, 7212, 741, 742, 743, 744, 745, 748, 749)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi - Aċċess għas-suq:

L-**UE** (japplika wkoll għal-livell reġjonali ta' gvern): Bl-eċċezzjoni tal-Finlandja: l-operaturi ta' trasport stabbiliti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-okkupazzjoni u l-aċċess għas-suq għat-trasport ta' prodotti bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea biss, jistgħu, fil-kuntest ta' operazzjoni ta' trasport ikkombinat bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, iwettqu partijiet inizjali jew finali tas-servizz tal-ġarr, li jifformaw parti integrali tal-operazzjoni ta' trasport ikkombinat u li jistgħu jew ma jistgħux jinkludu l-qsim ta' fruntiera. Il-limitazzjonijiet li jaffettwaw kull mod partikolari ta' transport huma applikabbli.

Jistgħu jittieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiġi żgurat li t-taxxi fuq il-vetturi bil-mutur applikabbli għal vetturi tat-triq routed fi trasport ikkombinat jiġu mnaqqsa jew rimborżati (CPC 711, 712, 7212, 741, 742, 743, 744, 745, 748, 749).

*Miżuri:*

**UE**: Id-Direttiva 1992/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat ta' prodotti bejn Stati Membri.

**Riżerva Nru 16 - Attivitajiet relatati mal-enerġija**

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Attivitajiet relatati mal-enerġija - minjieri u barrieri; produzzjoni, trażmissjoni u distribuzzjoni ta' elettriku, gass, stim u misħun għall-kont proprju; trasport ta' fjuwil permezz ta' pipelines; il-ħżin u l-magażinaġġ ta' fjuwil ittrasportat permezz ta' pipelines; u servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | ISIC Rev. 3.1 10, 11, 12, 13, 14, 40, CPC 5115, 63297, 713, parti minn 742, 8675, 883, 887 |
| Tip ta' riżerva: | Aċċess għas-suq<br>Trattament nazzjonali<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi |
| Sezzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi |
| Livell ta' gvern: | UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

**(a) Minjieri u barrieri (ISIC Rev. 3.1 10, 11, 12, 13, 14, CPC 5115, 7131, 8675, 883)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fin-**NL**: L-esplorazzjoni u l-użu ta' idrokarburi fin-Netherlands dejjem jitwettqu b'mod konġunt minn kumpanija privata u l-kumpanija pubblika (b'responsabbiltà limitata) magħżula mill-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi. L-Artikoli 81 u 82 tal-Att dwar l-Estrazzjoni Minerarja jistipulaw li l-ishma kollha f'din il-kumpanija magħżula jridu jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati mill-Istat Netherlandiż (ISIC Rev. 3.1 10, 3.1 11, 3.1 12, 3.1 13, 3.1 14).

*Miżuri:*

**NL**: Mijnbouwwet (l-Att dwar l-Estrazzjoni Minerarja).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-**BE**: L-esplorazzjoni u l-isfruttament ta' riżorsi minerali u riżorsi oħra mhux ħajjin fl-ibħra territorjali u l-blata kontinentali huma suġġetti għal konċessjoni. Il-konċessjonarju jrid ikollu indirizz għas-servizz fil-Belġju (ISIC Rev. 3.1:14).

*Miżuri:*

**BE**: Arrêté Royal du 1er septembre 2004 relatif aux conditions, à la délimitation géographique et à la procédure d'octroi des concessions d'exploration et d'exploitation des ressources minérales et autres ressources non vivantes de la mer territoriale et du plateau continental.

Fil-**BG**: Ċerti attivitajiet ekonomiċi relatati mal-isfruttament jew l-użu ta' proprjetà tal-Istat jew pubblika huma suġġetti għal konċessjonijiet mogħtija skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Konċessjonijiet jew liġijiet oħra dwar konċessjonijiet speċjali. L-attivitajiet ta' prospettar jew esplorazzjoni ta' riżorsi naturali taħt l-art fit-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija, fil-blata kontinentali u fiż-żona ekonomika esklużiva fil-Baħar l-Iswed huma suġġetti għal permess, filwaqt li l-attivitajiet ta' estrazzjoni u sfruttament huma suġġetti għal konċessjoni mogħtija taħt l-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta’ Taħt l-Art.

Huwa pprojbit għal kumpaniji rreġistrati f'ġurisdizzjonijiet ta' trattament ta' taxxa preferenzjali (jiġifieri żoni offshore) jew relatati, direttament jew indirettament, mat-tali kumpaniji li jipparteċipaw fi proċeduri miftuħa għall-għoti ta' permessi jew konċessjonijiet għal prospettar, esplorazzjoni jew estrazzjoni ta' riżorsi naturali, inkluż l-uranju u t-torju, kif ukoll li joperaw permess jew konċessjoni eżistenti li jkun ingħata, billi t-tali operazzjonijiet huma preklużi, inkluża l-possibbiltà li tiġi rreġistrata l-iskoperta ġeoloġika jew kummerċjali ta' depożitu bħala riżultat ta' esplorazzjoni.

Il-korporazzjonijiet kummerċjali li fihom l-Istat Membru jew muniċipalità jkollhom sehem fil-kapital li jeċċedi l-50 fil-mija, ma jistgħu jwettqu ebda tranżazzjoni għad-disponiment ta' assi fissi tal-korporazzjoni, jikkonkludu kwalunkwe kuntratt għall-akkwiżizzjoni ta' parteċipazzjoni, kirja, attività konġunta, kreditu, garanzija ta' riċevibbli, kif ukoll it-twettiq ta' kwalunkwe obbligu abbażi ta' kambjali, sakemm dan ma jiġix permess mill-Aġenzija ta' Privatizzazzjoni jew il-kunsill muniċipali, skont min tkun l-awtorità kompetenti. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8.4, il-paragrafi 1 u 2, skont id-Deċiżjoni tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija tat-18 ta' Jannar 2012, kull użu ta' teknoloġija ta' fratturazzjoni idrawlika jiġifieri, fratturazzjoni, għal attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni jew estrazzjoni ta' żejt u gass, huwa pprojbit bid-Deċiżjoni tal-Parlament. L-esplorazzjoni u l-estrazzjoni ta’ gass tax-shale hija pprojbita (ISIC Rev. 3.1 10, 3.1 11, 3.112, 3.1 13, 3.1 14).

L-estrazzjoni tal-uranju hija pprojbita bid-Digriet tal-Kunsill tal-Ministri Nru 163 tal-20.08.1992.

Fir-rigward tal-estrazzjoni tat-torju, japplika r-reġim ġenerali tal-konċessjonijiet għall-estrazzjoni minerarja. Sabiex tipparteċipa f'konċessjonijiet għall-estrazzjoni tat-torju, kumpanija Ġappuniża trid tkun stabbilita skont l-Att Kummerċjali Bulgaru u tkun irreġistrata fir-Reġistru Kummerċjali. Id-deċiżjonijiet li jippermettu l-estrazzjoni tat-torju jittieħdu fuq bażi individwali ta' każ każ u b'mod mhux diskriminatorju. Il-projbizzjoni kontra kumpaniji rreġistrati f'ġurisdizzjonijiet ta' trattament preferenzjali tat-taxxa (jiġifieri, żoni offshore) jew relatati, direttament jew indirettament, mat-tali kumpaniji, milli jipparteċipaw fi proċeduri miftuħa għal konċessjonijiet għall-estrazzjoni ta' riżorsi naturali, tinkludi l-uranju u t-torju (ISIC Rev. 3.1 12).

*Miżuri:*
**BG**: L-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art;
L-Att dwar il-Konċessjonijiet;
Il-Liġi dwar il-Privatizzazzjoni u l-Kontroll Wara l-Privatizzazzjoni;
L-Att dwar l-Użu Sikur tal-Enerġija Nukleari;
L-Att dwar ir-Relazzjonijiet Ekonomiċi u Finanzjarji mal-Kumpaniji Reġistrati f'Ġurisdizzjonijiet ta' Trattament Preferenzjali tat-Taxxa, il-Partijiet Relatati mat-Tali Kumpaniji u l-Proprjetarji Benefiċjarji Tagħhom; u
L-Att dwar ir-Riżorsi tas-Sottosuperfiċe.

F'**CY**: Il-Kunsill tal-Ministri jista', għal raġunijiet ta' sigurtà tal-enerġija, jirrifjuta li jippermetti l-aċċess għal, u l-eżerċizzju tal-attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni u sfruttament ta' idrokarburi lil kwalunkwe entità li tkun effettivament ikkontrollata mill-Ġappun jew minn ċittadini tal-Ġappun. Ebda entità ma tista', wara l-għoti ta' awtorizzazzjoni għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-isfruttament ta' idrokarburi, tiġi taħt il-kontroll dirett jew indirett tal-Ġappun jew ta' ċittadin tal-Ġappun mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-Kunsill tal-Ministri. Il-Kunsill tal-Ministri jista' jirrifjuta li jagħti awtorizzazzjoni għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi lil entità li tkun effettivament ikkontrollata mill-Ġappun jew pajjiż terz jew minn ċittadin tal-Ġappun jew pajjiż terz, meta l-Ġappun jew il-pajjiż terz ma jagħtix lill-entitajiet tar-Repubblika ta' Ċipru jew lill-entitajiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-aċċess u l-eżerċizzju tal-attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni u sfruttament tal-idrokarburi, trattament paragunabbli għal dak li r-

Repubblika ta' Ċipru jew l-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea jagħti lill-entitajiet tal-Ġappun jew dak il-pajjiż terz (ISIC Rev 3.1 1110).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

*Miżuri:*

**CY**: Il-Liġi dwar l-Idrokarburi (Prospettar, Esplorazzjoni u Sfruttament) tal-2007, (il-Liġi 4(I)/2007) kif emendata bil-liġijiet numru 126(I) tal-2013 u 29(I) tal-2014.

Fl-**IT** (japplika wkoll għal-livell reġjonali tal-gvern għall-esplorazzjoni): Il-minjieri li jappartjenu lill-Istat għandhom regoli speċifiċi ta' esplorazzjoni u estrazzjoni minerarja. Qabel kwalunkwe attività ta' sfruttament, jenħtieġ permess għall-esplorazzjoni ("permesso di ricerca", l-Artikolu 4 tad-Digriet Amministrattiv 1447/1927). Dan il-permess għandu durata, jiddefinixxi eżattament il-fruntieri tal-art taħt esplorazzjoni u jista' jingħata aktar minn permess ta' esplorazzjoni wieħed għall-istess żona lil persuni jew kumpaniji differenti (din it-tip ta' liċenzja mhijiex neċessarjament esklużiva). Sabiex jiġu kultivati u sfruttati l-minerali, hija meħtieġa awtorizzazzjoni ("concessione", l-Artikolu 14) mill-awtorità reġjonali (ISIC Rev. 3.1 10, 3.1 11, 3.1 12, 3.1 13, 3.1 14, CPC 8675, 883).

*Miżuri*

**IT**: Servizzi ta' esplorazzjoni: Id-Digriet Amministrattiv 1447/1927; u
Id-Digriet Leġiżlattiv 112/1998, l-Artikolu 34.

Fis-**SK**: Għall-estrazzjoni minerarja, l-attivitajiet relatati mal-estrazzjoni u mal-attività ġeoloġika, hija meħtieġa l-inkorporazzjoni fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew fi Stat Membru taż-ŻEE (ebda fergħat). L-attivitajiet ta' estrazzjoni minerarja u prospettar koperti bl-Att tar-Repubblika Slovakka 44/1988 dwar il-protezzjoni u l-isfruttament tar-riżorsi naturali huma regolati fuq bażi mhux diskriminatorja, inkluż permezz ta' miżuri ta’ ordni pubbliku li għandhom l-għan li jassiguraw il-konservazzjoni u l-protezzjoni tar-riżorsi naturali u l-ambjent bħall-awtorizzazzjoni jew il-projbizzjoni ta' ċerti teknoloġiji ta' estrazzjoni minerarja. Għal aktar ċertezza, dawn il-miżuri jinkludu l-projbizzjoni tal-użu tal-lixxivjazzjoni taċ-ċjanur fit-trattament jew l-irfinar tal-minerali, ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni speċifika fil-każ ta' fratturazzjoni għall-attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni jew estrazzjoni taż-żejt u l-gass, kif ukoll l-approvazzjoni minn qabel permezz ta' referendum lokali fil-każ ta' riżorsi minerali nukleari/radjuattivi. Dan ma jżidx l-aspetti mhux konformi tal-miżura eżistenti li għaliha hija meħuda r-riżerva. (ISIC Rev. 3.1 10, 3.1 11, 3.1 12, 3.1 13, 3.1 14, CPC 7131).

*Miżuri*

**SK**: L-Att 51/1988 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, l-Isplussivi u l-Amministrazzjoni Statali tal-Estrazzjoni Minerarja; u l-Att 569/2007 dwar l-Attività Ġeoloġika.

Fl-**UK**: Hija meħtieġa liċenzja għat-twettiq ta' attivitajiet ta' esplorazzjoni u ta' produzzjoni fuq il-Blata Kontinentali tar-Renju Unit (UKCS), u sabiex jiġu pprovduti servizzi li jirrikjedu aċċess jew użu dirett tar-riżorsi naturali.

Din ir-riżerva tapplika għal-liċenzji ta' produzzjoni maħruġa fir-rigward tal-Blata Kontinentali tar-Renju Unit. Biex tkun detentur ta' liċenzja, kumpanija jrid ikollha post tan-negozju fir-Renju Unit. Dan ifisser jew:

(i) preżenza tal-persunal fir-Renju Unit;

(ii) reġistrazzjoni ta' kumpanija tar-Renju Unit ma' Companies House; jew

(iii) reġistrazzjoni ta' fergħa fir-Renju Unit ta' kumpanija barranija ma' Companies House.

Dan ir-rekwiżit jeżisti għal kull kumpanija li tapplika għal liċenzja ġdida u għal kull kumpanija li tipprova li jkollha parti f'liċenzja eżistenti permezz ta' ċessjoni. Dan japplika għal-liċenzji kollha u għall-intrapriżi kollha, operaturi jew le. Biex tkun parti għal Liċenzja li tkopri kamp ta' produzzjoni, kumpanija trid: (a) tkun reġistrata mal-Companies House bħala kumpanija tar-Renju Unit; jew (b) twettaq in-negozju tagħha permezz ta' post fiss tan-negozju fir-Renju Unit kif definit fl-Artikolu 148 tal-Att Finanzjarju tal-2003 (li normalment jirrikjedi preżenza tal-persunal) (ISIC Rev. 3.1 11, CPC 883, 8675).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

*Miżuri*

**UK**: L-Att tal-1988 dwar iż-Żejt Mhux Maħdum.

Fil-**FI**: L-esplorazzjoni u l-isfruttament ta' riżorsi minerali huma suġġetti għar-rekwiżit ta' liċenzja, li tingħata mill-Gvern fir-rigward tal-estrazzjoni ta' materjal nukleari. Jenħtieġ permess ta' fidi mill-gvern għal żona ta' estrazzjoni minerarja. Jista' jingħata permess lil persuna fiżika residenti fiż-ŻEE jew lil persuna ġuridika stabbilita fiż-ŻEE. Jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi (ISIC Rev. 3.1 120, CPC 5115, 883, 8675).

*Miżuri*

**FI**: Kaivoslaki (l-Att dwar l-Estrazzjoni Minerarja) (621/2011); u
Ydinenergialaki (l-Att dwar l-Enerġija Nukleari) (990/1987).

Fl-**IE**: Il-kumpaniji ta' esplorazzjoni u ta' estrazzjoni li joperaw fl-Irlanda huma meħtieġa li jkollhom preżenza hemm. Fil-każ tal-esplorazzjoni ta' minerali, hemm rekwiżit li l-kumpaniji (Irlandiżi u barranin) jużaw is-servizzi ta' aġent jew ta' maniġer tal-esplorazzjoni li jkun residenti fl-Irlanda waqt li jkun qiegħed jitwettaq ix-xogħol. Fil-każ tal-estrazzjoni minerarja, huwa rekwiżit li Lokazzjoni jew Liċenzja ta' Estrazzjoni Minerarja tal-Istat tkun miżmuma minn kumpanija inkorporata fl-Irlanda. Ma hemmx restrizzjonijiet fir-rigward tas-sjieda ta' tali kumpanija (ISIC Rev. 3.1 10, 3.1 13, 3.1 14, CPC 883).

*Miżuri*

**IE**: L-Atti dwar l-Iżvilupp tal-Minerali 1940 – 2017; u
L-Atti dwar l-Ippjanar u r-Regolamenti Ambjentali.

Fis-**SI**: L-esplorazzjoni u l-isfruttament ta' riżorsi minerali, inklużi s-servizzi ta' esplorazzjoni minerarja regolata, huma suġġetti għall-istabbiliment fi jew iċ-ċittadinanza taż-ŻEE, il-Konfederazzjoni Żvizzera jew Membru tal-OECD, jew ta' pajjiż terz bil-kundizzjoni ta' reċiproċità materjali. Il-konformità mal-kundizzjoni tar-reċiproċità tiġi verifikata mill-Ministeru responsabbli għall-estrazzjoni minerarja (ISIC Rev. 3.1 10, ISIC Rev. 3.1 11, ISIC Rev. 3.1 12, ISIC Rev. 3.1 13, ISIC Rev. 3.1 14, CPC 883, CPC 8675).

*Miżuri*

**SI**: L-Att tal-2014 dwar l-Estrazzjoni Minerarja.

**(b) Produzzjoni, trażmissjoni u distribuzzjoni ta' elettriku, gass, stim u misħun għall-kont proprju; trasport ta' fjuwil permezz ta' pipeline; il-ħżin u l-magażinaġġ ta' fjuwil ittrasportat permezz ta' pipelines; servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija (ISIC Rev. 3.1 40, 3.1 401, CPC 63297, 713, 7131, parti minn 742, 74220, 887)**

<u>Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:</u>

Fid-**DK**: Is-sid jew l-utent li jkun beħsiebu jistabbilixxi pipeline għat-trasport ta' żejt mhux maħdum jew żejt irfinut u ta' prodotti taż-żejt mhux maħdum u tal-gass naturali jrid jikseb permess mill-awtorita' lokali qabel ma jibda x-xogħol. L-għadd ta' permessi bħal dawn li jinħarġu jista' jkun limitat (CPC 7131).

*Miżuri:*

**DK**: Bekendtgørelse nr. 724 af 1. juli 2008 om indretning, etablering og drift af olietanke, rørsystemer og pipelines (l-Ordni dwar l-arranġament, l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' tankijiet taż-żejt, sistemi tal-pajpijiet u pipelines), nru 724 tal-1 ta' Lulju 2008.

F'**MT**: EneMalta plc għandha monopolju għall-provvista tal-elettriku (ISIC Rev. 3.1 401; CPC 887).

*Miżuri:*

**MT**: L-Att dwar l-EneMalta Kap. 272 u l-Att dwar l-EneMalta (Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi) Kap. 536.

Fin-**NL**: is-sjieda tan-netwerk tal-elettriku u tan-netwerk tal-pipeline tal-gass hija mogħtija esklużivament lill-gvern Netherlandiż (sistemi ta' trażmissjoni) u lil amministrazzjonijiet pubbliċi oħra (sistemi ta' distribuzzjoni) (ISIC Rev. 3.1 040, CPC 71310).

*Miżuri:*

**NL**: Elektriciteitswet 1998; Gaswet.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fl-**AT**: Fir-rigward tat-trasport tal-gass, l-awtorizzazzjoni tingħata biss lil ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE domiċiljati fiż-ŻEE. L-intrapriżi u s-soċjetajiet irid ikollhom is-sede tagħhom fiż-ŻEE. L-operatur tan-netwerk irid jaħtar Direttur Maniġerjali u Direttur Tekniku li jkun responsabbli għall-kontroll tekniku tat-tħaddim tan-netwerk, u t-tnejn li huma jridu jkunu ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE.

L-awtorità kompetenti tista' tirrinunzja għar-rekwiżiti taċ-ċittadinanza u tad-domiċilju fejn it-tħaddim tan-netwerk ikun meqjus li huwa fl-interess pubbliku.

Għat-trasport ta' prodotti għajr il-gass u l-ilma, japplika s-segwenti:

(i) fir-rigward ta' persuni fiżiċi, l-awtorizzazzjoni tingħata biss lil ċittadini taż-ŻEE li jrid ikollhom sede fl-Awstrija; u

(ii) l-intrapriżi u s-soċjetajiet irid ikollhom is-sede tagħhom fl-Awstrija. Jiġi applikat Test tal-Ħtiġijiet Ekonomiċi jew test tal-interessi. Il-pipelines transfruntiera ma jridux jippreġudikaw l-interessi tas-sigurtà tal-Awstrija u l-istatus tagħha bħala pajjiż newtrali. L-intrapriżi u s-soċjetajiet għandhom jaħtru direttur maniġerjali li jrid ikun ċittadin ta' Stat Membru taż-ŻEE. L-awtorità kompetenti tista' tirrinunzja għar-rekwiżiti taċ-ċittadinanza u tas-sede jekk it-tħaddim tal-pipeline jkun meqjus li huwa fl-interess ekonomiku nazzjonali (CPC 713).

*Miżuri:*

**AT**: Rohrleitungsgesetz (il-Liġi dwar it-Trasport bil-Pipeline), BGBl. Nru 411/1975, § 5(1) u (2), §§ 5 (1) u (3), 15, 16; u

Gaswirtschaftsgesetz 2011 (l-Att dwar il-Gass), BGBl. I Nru 107/2011, l-Artikoli 43 u 44, l-Artikoli 90 u 93.

<u>Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali (japplika wkoll għal-livell reġjonali ta' gvern):</u>

Fl-**AT**: Fir-rigward tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, l-awtorizzazzjoni tingħata biss lil ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE domiċiljati fiż-ŻEE. Jekk l-operatur jaħtar direttur maniġerjali jew detentur tal-kirja, ir-rekwiżit ta' domiċilju jitneħħa.

Il-persuni ġuridiċi (intrapriżi) u s-soċjetajiet irid ikollhom is-sede tagħhom fiż-ŻEE. Huma jridu jaħtru direttur maniġerjali jew detentur tal-kirja, li t-tnejn li huma jridu jkunu ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE domiċiljati fiż-ŻEE.

L-awtorità kompetenti tista' tirrinunzja għar-rekwiżiti tad-domiċilju u taċ-ċittadinanza fejn it-tħaddim tan-netwerk ikun meqjus li huwa fl-interess pubbliku (ISIC Rev. 3.1 40, CPC 887).

*Miżuri:*

**AT**: Burgenländisches Elektrizitätswesengesetz 2006, LGBl. Nru 59/2006 kif emendat;
Niederösterreichisches Elektrizitätswesengesetz, LGBl. Nru 7800/2005 kif emendat;
Landesgesetz, mit dem das Oberösterreichische Elektrizitätswirtschafts- und -organisationsgesetz 2006 erlassen wird (Oö. ElWOG 2006), LGBl. Nru 1/2006 kif emendat;
Salzburger Landeselektrizitätsgesetz 1999 (LEG), LGBl. Nru 75/1999 kif emendat;
Gesetz vom 16. November 2011 über die Regelung des Elektrizitätswesens in Tirol (Tiroler Elektrizitätsgesetz 2012 – TEG 2012), LGBl. Nru 134/2011;
Gesetz über die Erzeugung, Übertragung und Verteilung von elektrischer Energie (Vorarlberger Elektrizitätswirtschaftsgesetz), LGBl. Nru 59/2003 kif emendat;
Gesetz über die Neuregelung der Elektrizitätswirtschaft (Wiener Elektrizitätswirtschaftsgesetz 2005 – WElWG 2005), LGBl. Nru 46/2005;
Steiermärkisches Elektrizitätswirtschafts- und Organisationsgesetz(ELWOG), LGBl. Nru 70/2005; u
Kärntner Elektrizitätswirtschafts-und Organisationsgesetz(ELWOG), LGBl. Nru 24/2006.

<u>Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:</u>

Fil-**CZ**: Għall-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-kummerċ tal-elettriku, u attivitajiet oħra ta' operatur tas-suq tal-elettriku, kif ukoll għall-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-ħażna u l-kummerċ tal-gass, kif ukoll għall-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni tas-sħana, hija meħtieġa awtorizzazzjoni. Din l-awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuna fiżika b'permess ta' residenza jew lil persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni Ewropea. Jeżistu drittijiet esklużivi fir-rigward tat-trażmissjoni tal-elettriku u tal-gass u l-liċenzji ta' operatur tas-suq (ISIC Rev. 3.1 40, CPC 7131, 62271, 742, 887)

*Miżuri:*

**CZ**: L-Att Nru 458/2000 Coll dwar il-kundizzjonijiet tan-Negozju u l-amministrazzjoni pubblika fis-setturi tal-enerġija (L-Att dwar l-Enerġija).

Fil-**PL**: l-attivitajiet segwenti huma suġġetti għal liċenzjar skont l-Att tal-Liġi dwar l-Enerġija:

(i) il-ġenerazzjoni ta' fjuwils jew enerġija, barra minn: il-ġenerazzjoni ta' fjuwils solidi jew gassużi; il-ġenerazzjoni ta' elettriku bl-użu ta' sorsi tal-elettriku tal-kapaċità totali ta' mhux aktar minn 50 MW barra minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli; il-koġenerazzjoni ta' elettriku u sħana bl-użu ta' sorsi tal-elettriku tal-kapaċità totali ta' mhux aktar minn 5 MW barra minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli; il-ġenerazzjoni tas-sħana bl-użu tas-sorsi tal-kapaċità totali ta' mhux aktar minn 5 MW;

(ii) il-ħżin ta' fjuwils gassużi f'impjanti ta' ħżin, likwefazzjoni ta' gass naturali u rigassifikazzjoni ta' gass naturali likwifikat f'impjanti tal-LNG, kif ukoll il-ħżin ta' fjuwils likwidi, barra minn: il-ħżin lokali ta' gass likwidu f'impjanti tal-kapaċità ta' anqas minn kapaċità ta' 1 MJ/s u l-ħżin ta' fjuwils likwidi fil-kummerċ bl-imnut;

(iii) it-trażmissjoni jew id-distribuzzjoni ta' fjuwils jew enerġija, barra minn: id-distribuzzjoni ta' fjuwils gassużi fi grilji ta' anqas minn kapaċità ta' 1 MJ/s u t-trażmissjoni jew id-distribuzzjoni tas-sħana jekk il-kapaċità totali ordnata mill-klijenti ma teċċedix 5 MW;

(iv) il-kummerċ fi fjuwils jew enerġija, barra minn: il-kummerċ fi fjuwils solidi; il-kummerċ fl-elettriku bl-użu ta' impjanti ta' voltaġġ anqas minn 1 kV li jappartjenu lill-klijent; il-kummerċ fi fjuwils gassużi jekk il-valur tal-fatturat annwali tagħhom ma jeċċedix l-ekwivalenti ta' EUR 100 000; il-kummerċ f'gass likwidu, jekk il-valur tal-fatturat annwali ma jeċċedix EUR 10 000; u l-kummerċ fi fjuwils gassużi u elettriku mwettaq fis-suq tal-materja prima minn ditti tas-senserija li jwettqu l-attività ta' senserija fis-suq tal-materja prima fuq il-bażi tal-Att tas-26 ta' Ottubru 2000 dwar is-suq tal-materja prima, kif ukoll il-kummerċ fis-sħana jekk il-kapaċità ordnata mill-klijenti ma teċċedix 5 MW. Il-limiti fuq il-fatturat ma japplikawx għas-servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa fi fjuwils gassużi jew gass likwidu jew għas-servizzi bl-imnut ta' gass ibbottiljat.

Tista' tingħata liċenzja biss mill-awtorità kompetenti lil applikant li jkun irreġistra l-post prinċipali tan-negozju jew ir-residenza tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE, Stat Membru taż-ŻEE jew il-Konfederazzjoni Żvizzera (ISIC Rev. 3.1 040, CPC 63297, 74220, CPC 887).

*Miżuri:*

**PL**: L-Att tal-Liġi dwar l-Enerġija tal-10 ta' April 1997, l-Artikoli 32 u 33.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fil-**LT**: Il-liċenzji għat-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-provvista u l-organizzazzjoni pubblika tal-kummerċ tal-elettriku jistgħu jinħarġu biss lil persuni ġuridiċi tal-Litwanja jew fergħat ta' persuna ġuridika jew organizzazzjonijiet oħra barranin stabbiliti fil-Litwanja. Din ir-riżerva ma tapplikax għal servizzi ta' konsulenza relatati mat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta' elettriku fuq il-bażi ta' ħlas jew kuntratt (ISIC Rev. 3.1 401, CPC 887).

Fil-każ tal-fjuwils, huwa meħtieġ l-istabbiliment. Il-liċenzji għat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-fjuwils jistgħu jinħarġu biss lil persuni ġuridiċi tal-Litwanja jew fergħat ta' persuni ġuridiċi jew organizzazzjonijiet oħra barranin (sussidjarji) stabbiliti fil-Litwanja.

Din ir-riżerva ma tapplikax għal servizzi ta' konsulenza relatati mat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta’ fjuwils fuq il-bażi ta' ħlas jew kuntratt (CPC 713, CPC 887).

*Miżuri:*
**LT**: Il-Liġi dwar il-Gass Naturali tar-Repubblika tal-Litwanja tal-10 ta' Ottubru 2000 Nru VIII-1973; u
Il-Liġi dwar l-elettriku tar-Repubblika tal-Litwanja tal-20 ta' Lulju 2000 Nru VIII-1881.

Fis-**SI**: Il-produzzjoni, il-kummerċ, il-forniment lill-klijenti finali, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku u l-gass naturali huma soġġetti għal stabbiliment fl-Unjoni Ewropea (ISIC Rev. 3.1 4010, 4020, CPC 7131, CPC 887).
*Miżuri:*
**SI**: Energetski zakon (l-Att dwar l-Enerġija) 2014), Il-Gazzetta Uffiċjali RS, nru 17/2014.

**Riżerva Nru 17 - L-agrikoltura, is-sajd u l-manifattura**

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Agrikoltura, kaċċa, forestrija; trobbija tal-annimali u tar-renni, sajd u akkwakultura; pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rrekordjata |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | ISIC Rev. 3.1 011, 012, 013, 014, 015, 1531, 050, 0501, 0502, 221, 222, 323, 324, CPC 882, 88442 |
| Tip ta' riżerva: | Aċċess għas-suq<br>Trattament nazzjonali<br>Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit<br>Projbizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi |
| Sezzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi |
| Livell ta' gvern: | UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

**(a) Agrikoltura, kaċċa, forestrija (ISIC Rev. 3.1 011, 012, 013, 014, 015, 1531)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Projbizzjoni ta’ rekwiżiti ta' prestazzjoni:

L-**UE**: L-aġenziji ta' intervent maħtura mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom jixtru ċereali li jkunu ġew maħsuda fl-Unjoni Ewropea. Ma għandha tingħata ebda rifużjoni għall-esportazzjoni fuq ross importat u esportat mill-ġdid lejn kwalunkwe pajjiż terz. Produtturi tar-ross tal-Unjoni Ewropea biss jistgħu jitolbu pagamentii kumpensatorji.

*Miżuri:*

**UE**: Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1234/2007/KE tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fl-**IE**: L-istabbiliment minn residenti barranin f'attivitajiet ta' tħin tad-dqiq huwa suġġett għall-awtorizzazzjoni (ISIC Rev. 3.1 1531).

*Miżuri:*

**IE**: L-Att dwar il-Prodotti Agrikoli (Ċereali), 1933.

<u>Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:</u>

Fil-**FI**: Iċ-ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE li jkunu residenti fiż-żona ta' merħliet tar-renni biss jista' jkollhom ir-renni u jipprattikaw it-trobbija tar-renni. Jistgħu jingħataw drittijiet esklużivi.

*Miżuri:*

**FI**: Poronhoitolaki (l-Att dwar it-Trobbija tar-Renni) (848/1990), il-Kapitolu 1, s. 4, il-Protokoll 3 għat-Trattat ta' Adeżjoni tal-Finlandja.

Fi **FR**: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel sabiex wieħed isir membru jew jaġixxi bħala direttur ta' kooperattiva agrikola (ISIC Rev. 3.1 011, 012, 013, 014, 015).

*Miżuri:*

**FR**: Code rural et de la pêche maritime: l-Artikolu R331-1 dwar l-installazzjoni u l-Artikolu L. 529-2 dwar il-kooperattivi agrikoli.

Fl-**SE**: Il-poplu Sami biss jista' jkollu fil-pussess tiegħu u jipprattika t-trobbija tar-renni.

*Miżuri:*

**SE**: L-Att dwar it-Trobbija tar-Renni (1971:437), il-paragrafu 1.

**(b) Sajd u akkwakultura (ISIC Rev. 3.1 050, 0501, 0502, CPC 882)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fi **FR**: Bastiment Franċiż li jtajjar il-bandiera Franċiża tista' tinħariġlu awtorizzazzjoni tas-sajd jew jitħalla jistad abbażi ta' kwoti nazzjonali biss meta tiġi stabbilita rabta ekonomika reali fuq it-territorju ta' Franza u l-bastiment ikun ikkmandat u kkontrollat minn stabbiliment permanenti li jinsab fit-territorju Franċiż (ISIC Rev. 3.1 050, CPC 882).

*Miżuri:*

**FR**: Code rural et de la pêche maritime: l-Artikolu L921-3.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-**SE**: Is-sajd professjonali huwa s-sajd b'liċenzja tas-sajd professjonali jew is-sajd minn sajjieda barranin li jkollhom liċenzja speċifika biex jistadu professjonalment fl-ibħra territorjali Żvediżi jew fiż-żona ekonomika Żvediża. Liċenzja tas-sajd professjonali tista' tingħata lil sajjied li għalih is-sajd ikun essenzjali għall-għajxien tiegħu u meta s-sajd ikollu konnessjoni mal-industrija tas-sajd Żvediża. Konnessjoni mal-industrija tas-sajd Żvediża tista' pereżempju tintwera jekk is-sajjied jiżbarka nofs il-qabda tiegħu f'sena kalendarja (fil-valur) fl-Iżvezja, jekk nofs il-vjaġġi tas-sajd jitilqu minn port Żvediż jew nofs is-sajjieda fil-flotta jkunu domiċiljati fl-Iżvezja.

Għall-bastimenti ta' 'l fuq minn ħames metri, hu meħtieġ permess ta' bastiment flimkien ma' liċenzja tas-sajd professjonali. Jingħata permess jekk, fost affarijiet oħra, il-bastiment ikun reġistrat fir-reġistru nazzjonali, il-bastiment ikollu konnessjoni ekonomika reali mal-Iżvezja, id-detentur tal-permess ikun sajjied b'liċenzja tas-sajd professjonali u jekk il-kmandant tal-bastiment ikun sajjied b'liċenzja tas-sajd professjonali.

Il-kmandant ta' bastiment tas-sajd ta' aktar minn 20 tunnellata grossi għandu jkun ċittadin ta' Stat Membru taż-ŻEE. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-Aġenzija tat-Trasport Żvediża.

Bastiment għandu jitqies bħala Żvediż u jista' jtajjar il-bandiera Żvediża jekk aktar minn nofsu jkun proprjetà ta' ċittadini jew persuni ġuridiċi Żvediżi. Il-Gvern jista' jħalli bastimenti barranin itajru l-bandiera Żvediża meta l-operazzjonijiet tagħhom ikunu taħt kontroll Żvediż jew is-sid jista' juri li għandu r-residenza permanenti tiegħu fl-Iżvezja. Il-bastimenti li jkunu 50 fil-mija proprjetà ta' ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE jew kumpaniji li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fiż-ŻEE u li l-operat tagħhom ikun ikkontrollat mill-Iżvezja, jistgħu jiġu rreġistrati wkoll fir-reġistru Żvediż (ISIC Rev. 3.1 0501, 3.1 0502, CPC 882).

*Miżuri:*

**SE**: Il-Liġi Marittima (1994:1009);

L-Att dwar is-Sajd (1993:787);

Id-Digriet għas-sajd, l-akkwakultura u l-industrija tas-sajd (1994:1716);

Ir-Regolamenti dwar is-Sajd tal-Bord Nazzjonali tas-Sajd (2004:25); u

Ir-Regolament dwar is-Sigurtà tal-Bastimenti (2003:438).

**(c) Manifattura - Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta’ midja rreġistrata (ISIC Rev. 3.1 221, 222, 323, 324, CPC 88442)**

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-**LV**: Persuni ġuridiċi inkorporati fil-Latvja, u l-persuni fiżiċi tal-Latvja biss għandhom id-dritt li jistabbilixxu u jippubblikaw mezzi tal-komunikazzjoni tal-massa. Fergħat mhumiex permessi (CPC 88442).

*Miżuri:*

**LV**: Il-Liġi dwar l-Istampa u Mezzi tal-Komunikazzjoni tal-Massa Oħra, l-Artikolu 8.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fil-**DE** (japplika wkoll għal-livell reġjonali tal-gvern): Kull gazzetta, ġurnal jew rivista distribwiti jew stampati pubblikament iridu jindikaw b'mod ċar "editur responsabbli" (l-isem u l-indirizz sħiħ ta' persuna fiżika). L-editur responsabbli jista' jkun meħtieġ li jkun residenti permanenti tal-Ġermanja, l-Unjoni Ewropea jew pajjiż taż-ŻEE. Jistgħu jiġu permessi xi eċċezzjonijiet mill-Ministeru Federali tal-Intern (ISIC Rev. 3.1 223, 224).

*Miżuri:*

**DE**: § 10 Abs. 1 Nr. 4 Landesmediengesetz (LMG) Rheinland-Pfalz v. 4. Februar 2005, GVBl. S. 23;

§ 9 Abs. 1 Nr. 1 Gesetz über die Presse Baden-Württemberg (LPG BW) v. 14 Jan. 1964, GBl. S.11;

§ 9 Abs. 1 Nr. 1 Pressegesetz für das Land Nordrhein-Westfalen (Landespressegesetz NRW) v. 24. Mai 1966 (GV. NRW. S. 340);

§ 8 Abs. 1 Gesetz über die Presse Schleswig-Holstein (PressG SH) vom 25.1.2012, GVOBL. SH S. 266;

§ 7 Abs. 2 Landespressegesetz für das Land Mecklenburg-Vorpommern (LPrG M-V) v. 6 Juni 1993, GVOBl. M-V 1993, S. 541;

§ 8 Abs. 1 Nr. 1 Pressegesetz für das Land Sachsen-Anhalt in der Neufassung vom 2.5.2013 (GVBl. LSA S. 198);

§ 7 Abs. 2 Berliner Pressegesetz (BlnPrG) v. 15 Juni 1965, GVBl. S. 744;

§ 10 Abs. 1 Nr. 1 Brandenburgisches Landspressegesetz (BbgPG) v. 13. Mai 1993, GVBl. I/93, S. 162;

§ 9 Abs. 1 Nr.1 Gesetz über die Presse Bremen (BrPrG), Brem. GBl. 1965, S. 63;

§ 7 Abs. 3 Nr. 1 Hessisches Pressegesetz (HPresseG) v. 12. Dezember 2004, GVBl. 2004 I S.2;

§ 7 Abs. 2 i.V.m § 9 Abs.1 Ziffer 1 Thüringer Pressegesetz (TPG) v. 31. Juli 1991, GVBl. 1991 S. 271;

§ 9 Abs. 1 Nr. 1Hamburgisches Pressegesetz v. 29. Januar 1965, HmbGVBl., S. 15;

§ 6 Abs. 2 Sächsisches Gesetz über die Presse (SächsPresseG) v. 3. April 1992, SächsGVBl. S. 125;

§ 8 Abs. 2 Niedersächsisches Pressegesetz v. 22. März 1965, GVbl. S.9;

§ 9 Abs. 1 Nr. 1 Saarländisches Mediengesetz (SMG) vom 27. Februar 2002 (Amtsbl. S. 498); u

l-Artikolu 5 Abs. 2 Bayerisches Pressegesetz in der Fassung der Bekanntmachung v. 19. April 2000 (GVBl, S. 340).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment - Trattament nazzjonali, Aċċess għas-suq, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fl-**IT**: Sa fejn il-Ġappun jippermetti ċittadini u intrapriżi Taljani li jwettqu dawn l-attivitajiet, l-Italja se tippermetti ċittadini u intrapriżi tal-Ġappun li jwettqu dawn l-attivitajiet bl-istess kundizzjonijiet. Sa fejn il-Ġappun jippermetti investituri Taljani li jkollhom aktar minn 49 fil-mija tal-kapital u d-drittijiet tal-vot f'kumpanija tal-pubblikazzjoni tal-Ġappun, l-Italja se tippermetti investituri tal-Ġappun li jkollhom aktar minn 49 fil-mija tal-kapital u tad-drittijiet tal-vot f'kumpanija tal-pubblikazzjoni Taljana bl-istess kundizzjonijiet (ISIC Rev. 3.1 221, 222).

*Miżuri:*

**IT**: Il-Liġi 416/1981, l-Artikolu 1 (u l-emendi sussegwenti).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

Fil-**PL**: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza għall-editur ewlieni tal-gazzetti u l-ġurnali (ISIC Rev. 3.1 221, 222).

*Miżuri:*

**PL**: L-Att tas-26 ta' Jannar 1984 dwar il-liġi tal-Istampa, il-Ġurnal tal-Liġijiet, Nru 5, il-punt 24, bl-emendi sussegwenti.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-**SE**: Il-persuni fiżiċi li jkunu proprjetarji ta' rivisti li jiġu stampati u ppubblikati fl-Iżvezja jrid ikollhom ir-residenza tagħhom fl-Iżvezja jew ikunu ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE. Il-proprjetarji ta' tali rivisti li jkunu persuni ġuridiċi jridu jkunu stabbiliti fiż-ŻEE. Ir-rivisti li jiġu stampati u ppubblikati fl-Iżvezja u r-reġistrazzjonijiet tekniċi jrid ikollhom editur responsabbli, li jrid ikun domiċiljat fl-Iżvezja (ISIC Rev. 3.1 22, CPC 88442).

*Miżuri:*

**SE**: L-Att dwar il-libertà tal-istampa (1949:105);

Il-Liġi Fundamentali dwar il-Libertà tal-Espressjoni (1991:1469); u

L-Att dwar id-digrieti għall-Att dwar il-Libertà tal-Istampa u l-Liġi Fundamentali dwar il-Libertà tal-Espressjoni (1991:1559).

Skeda tal-Ġappun

Noti introduttivi

1. Din l-Iskeda tistabbilixxi, skont l-Artikoli 8.12, 8.18 u 8.24, ir-riżervi magħmula mill-Ġappun fir-rigward ta' miżuri eżistenti li ma jikkonformawx mal-obbligi imposti minn:

(a) l-Artikolu 8.7 jew 8.15;

(b) l-Artikolu 8.8 jew 8.16;

(c) l-Artikolu 8.9 jew 8.17;

(d) l-Artikolu 8.10; jew

(e) l-Artikolu 8.11.

2. Kull riżerva tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) "Settur" jirreferi għas-settur ġenerali li fih issir ir-riżerva;

(b) "Sottosettur" jirreferi għas-settur speċifiku li fih issir ir-riżerva;

(c) "Klassifikazzjoni tal-Industrija" tirreferi, fejn applikabbli, u għall-finijiet ta' trasparenza biss, għall-attività koperta mir-riżerva skont il-kodiċijiet domestiċi jew internazzjonali ta' klassifikazzjoni tal-industrija;

(d) "Obbligi Kkonċernati" tispeċifika l-obbligi msemmija fil-paragrafu 1 li għalihom tittieħed ir-riżerva;

(e) "Livell ta' Gvern" tindika l-livell ta' gvern li jżomm il-miżura li għaliha tittieħed ir-riżerva;

(f) "Miżuri" tidentifika l-liġijiet, ir-regolamenti jew miżuri oħra eżistenti li għalihom tittieħed ir-riżerva. Miżura ċitata fl-element "Miżuri":

(i) tfisser il-miżura kif emendata, issoktata, jew imġedda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim; u

(ii) tinkludi kwalunkwe miżura subordinata adottata jew miżmuma taħt l-awtorità ta' u konsistenti mal-miżura; u

(g) "Deskrizzjoni" tistabbilixxi, fir-rigward tal-obbligi msemmija fil-paragrafu 1, l-aspetti mhux konformi tal-miżuri eżistenti li għalihom tittieħed ir-riżerva.

3. Fl-interpretazzjoni ta' riżerva, għandhom jiġu kkunsidrati l-elementi kollha tar-riżerva. Riżerva għandha tiġi interpretata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti tas-Sezzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom tittieħed ir-riżerva, u l-element tal-"Miżuri" għandu jipprevali fuq l-elementi l-oħra kollha.

4. Fir-rigward tas-servizzi finanzjarji:

(a) għal raġunijiet prudenzjali fil-kuntest tal-Artikolu 8.65, il-Ġappun ma għandux ikun impedit milli jieħu miżuri bħal-limitazzjonijiet mhux diskriminatorji fuq il-forom ġuridiċi ta' preżenza kummerċjali. Għall-istess raġunijiet, il-Ġappun ma għandux ikun impedit milli japplika limitazzjonijiet mhux diskriminatorji fir-rigward tal-ammissjoni għas-suq ta' prodotti finanzjarji ġodda li għandhom ikunu konsistenti ma' qafas regolatorju mmirat sabiex jinkisbu dawk l-objettivi prudenzjali. F'dan il-kuntest, id-ditti tat-titoli jistgħu jinnegozjaw fit-titoli definiti fil-liġijiet rilevanti tal-Ġappun, u l-banek ma jistgħux jinnegozjaw f'dawk it-titoli sakemm ma jkunux permessi skont dawk il-liġijiet; u

(b) is-servizzi pprovduti fit-territorju tal-Unjoni Ewropea lill-klijent tas-servizz fil-Ġappun mingħajr l-ebda kummerċjalizzazzjoni attiva mill-fornitur tas-servizz huma kkunsidrati bħala servizzi pprovduti skont is-subparagrafu (d)(ii) tal-Artikolu 8.2.

5. Fir-rigward tas-servizzi tat-trasport marittimu, il-miżuri li jaffettwaw il-kabotaġġ fis-servizzi tat-trasport marittimu mhumiex elenkati f'din l-Iskeda billi huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tas-Sezzjoni B tal-Kapitolu 8, skont is-subparagrafu 2(a) tal-Artikolu 8.6 u t-Taqsima C tal-Kapitolu 8, skont is-subparagrafu 2(a) tal-Artikolu 8.14.

6. Il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun fir-rigward tad-disponibbiltà tal-ispettru li jaffettwaw l-obbligi skont l-Artikoli 8.7 u 8.15 mhumiex inklużi f'din l-Iskeda tal-Ġappun, b'kont meħud tal-Attachment 6 tal-Linji gwida għall-Iskedar ta' Impenji Speċifiċi (id-Dokument tad-WTO S/L/92, datat it-28 ta' Marzu 2001).

7. Għall-finijiet tal-Iskeda tal-Ġappun f'dan l-Anness, "JSIC" tfisser il-Klassifikazzjoni Industrijali Standard tal-Ġappun stabbilita mill-Ministeru tal-Affarijiet Interni u l-Komunikazzjoni, u riveduta fit-30 ta' Ottubru 2013.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Settur: | Agrikoltura, Forestrija u Sajd, u Servizzi Relatati (ħlief is-sajd fil-baħar territorjali, l-ilmijiet interni, iż-żona ekonomika esklussiva u l-blata kontinentali previsti fir-riżerva Nru 11 fl-Iskeda tal-Ġappun fl-Anness II għall-Anness 8-B). | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 01 | Agrikoltura |
| | | JSIC 02 | Forestrija |
| | | JSIC 03 | Sajd, ħlief l-akkwakultura |
| | | JSIC 04 | Akkwakultura |
| | | JSIC 6324 | Kooperattivi agrikoli |
| | | JSIC 6325 | Kooperattivi tas-sajd u tal-ipproċessar tas-sajd |
| | | JSIC 871 | Assoċjazzjonijiet ta' kooperattivi tal-agrikoltura, tal-forestrija u tas-sajd, n.e.c. |
| | Obbligi Kkonċernati: | Trattament nazzjonali (l-Artikolu 8.8) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani (il-Liġi Nru 228 tal-1949), l-Artikolu 27[1]<br><br>L-Ordni tal-Kabinett dwar l-Investiment Dirett Barrani (l-Ordni tal-Kabinett Nru 261 tal-1980), l-Artikolu 3 | |

[1] Għal aktar ċertezza, għall-finijiet ta' din ir-riżerva, id-definizzjoni ta' "investiment dirett eżoġenu" mogħtija fl-Artikolu 26 tal-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani tapplika fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' din ir-riżerva.

Deskrizzjoni: Liberalizzazzjoni tal-investiment

1. Ir-rekwiżit ta' notifika minn qabel u l-proċeduri ta' skrutinju skont il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani japplikaw għall-investituri barranin li jkun beħsiebhom jagħmlu investimenti fl-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd, u s-servizzi relatati (ħlief is-sajd fil-baħar territorjali, l-ilmijiet interni, iż-żona ekonomika esklussiva u l-blata kontinentali previst fir-riżerva Nru 11 fl-Iskeda tal-Ġappun fl-Anness II għall-Anness I-B) fil-Ġappun.

2. L-iskrutinju jitwettaq mill-perspettiva ta' jekk l-investiment ikunx probabbli li jikkaġuna sitwazzjoni li fiha jiġi kkawżat effett avvers sinifikanti għall-operat mingħajr problemi tal-ekonomija Ġappuniża[1].

3. L-investitur jista' jkun meħtieġ jibdel il-kontenut tal-investiment jew iwaqqaf il-proċess tal-investiment, skont ir-riżultat tal-iskrutinju.

[1] Għal aktar ċertezza, l-assenza ta' referenza f'din id-deskrizzjoni għas-"sigurtà nazzjonali", li hija msemmija fin-Nri 11, 13, 15, 37, 43, 44, 52 u 54 fl-Iskeda tal-Ġappun f'dan l-Anness, ma tfissirx li l-Artikolu 1.5 ma japplikax għall-iskrutinju jew li l-Ġappun jirrinunzja d-dritt tiegħu li jinvoka l-Artikolu 1.5 biex jiġġustifika l-iskrutinju.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2 | Settur: | Negozju ta' Manutenzjoni tal-Karozzi | |
| | Sottosettur: | Negozju ta' Tiswija u Żarmar ta' Vetturi bil-Mutur | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 89 | Servizzi ta' manutenzjoni tal-karozzi |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikolu 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Vetturi tat-Triq (il-Liġi Nru 185 tal-1951), il-Kapitolu 6 | |
| | Deskrizzjoni: | Kummerċ transfruntiera fis-servizzi<br><br>Persuna li jkun beħsiebha twettaq negozju ta' tiswija u żarmar ta' vetturi bil-mutur hija meħtieġa tistabbilixxi post tax-xogħol fil-Ġappun u li tikseb l-approvazzjoni tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju Distrettwali tat-Trasport li jkollu l-ġurisdizzjoni fuq id-distrett fejn ikun jinstab il-post tax-xogħol. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3 | Settur: | Servizzi tan-Negozju | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 9111 | Servizzi ta' impjieg |
| | | JSIC 9121 | Servizzi ta' dispaċċ tal-ħaddiema |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar is-Sigurtà tal-Impjiegi (il-Liġi Nru 141 tal-1947), il-Kapitoli 3 u 3-3<br><br>Il-Liġi dwar l-Assigurazzjoni tal-Operat Xieraq tal-Impriżi ta' Dispaċċ tal-Ħaddiema u l-Protezzjoni tal-Ħaddiema Mibgħuta (il-Liġi Nru 88 tal-1985), il-Kapitolu 2<br><br>Il-Liġi dwar il-Ħaddiema tal-Port (il-Liġi Nru 40 tal-1988), il-Kapitolu 4<br><br>Il-Liġi dwar is-Sigurtà tal-Impjieg tal-Baħħara (il-Liġi Nru 130 tal-1948), il-Kapitolu 3<br><br>Il-Liġi dwar it-Titjib tal-Impjieg tal-Ħaddiema tal-Kostruzzjoni (il-Liġi Nru 33 tal-1976), il-Kapitoli 5 u 6 | |

Deskrizzjoni: Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi

1. Persuna li jkun beħsiebha tipprovdi s-servizzi li ġejjin lil intrapriżi fil-Ġappun hija meħtieġa li jkollha post tan-negozju fil-Ġappun u li tikseb permess mingħand, jew li tissottometti notifika lill-awtorità kompetenti, kif applikabbli:

   (a) servizzi ta' kollokament f'impjieg privati, inklużi s-servizzi ta' kollokament f'impjieg bi ħlas għall-ħaddiema tal-kostruzzjoni u s-servizzi ta' kollokament f'impjieg għall-baħħara; jew

   (b) servizzi ta' dispaċċ tal-ħaddiema, inklużi s-servizzi ta' dispaċċ tal-burdnara, is-servizzi ta' dispaċċ tal-baħħara u s-servizzi ta' assigurazzjoni ta' opportunitajiet tax-xogħol għall-ħaddiema tal-kostruzzjoni.

2. Is-servizzi ta' provvista tal-ħaddiema jistgħu jiġu pprovduti biss minn unjin tal-ħaddiema li tkun kisbet permess mill-awtorità kompetenti skont il-liġi dwar is-Sigurtà tal-Impjiegi jew il-Liġi dwar is-Sigurtà tal-Impjiegi tal-Baħħara.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4 | Settur: | Servizzi ta' Aġenzija tal-Ġbir | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 6619 | Awżiljarji finanzjarji mixxellanji |
| | | JSIC 7299 | Servizzi professjonali, n.e.c. |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi ta' Miżuri Speċjali dwar in-Negozju ta' Ġestjoni u Ġbir tal-Kreditu (il-Liġi Nru 126 tal-1998), l-Artikoli 3 u 4<br>Il-Liġi dwar l-Avukati (il-Liġi Nru 205 tal-1949), il-Kapitoli 72 u 73 | |

Deskrizzjoni: Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi

1. Persuna li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' aġenzija tal-ġbir li jikkostitwixxu l-prattika tal-liġi fir-rigward ta' każijiet legali hija meħtieġa li tkun kwalifikata bħala avukat skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun ("Bengoshi"), korporazzjoni professjonali legali skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun ("Bengoshi-hojin") jew persuna ġuridika stabbilita skont il-Liġi ta' Miżuri Speċjali dwar in-Negozju ta' Ġestjoni u Ġbir tal-Kreditu u li tistabbilixxi uffiċċju fil-Ġappun.

2. L-ebda persuna ma tista' tieħu l-kontroll u tirkupra l-krediti ta' persuna oħra bħala negozju ħlief persuna ġuridika stabbilita skont il-Liġi ta' Miżuri Speċjali dwar in-Negozju ta' Ġestjoni u Ġbir tal-Kreditu li timmaniġġja l-krediti skont id-dispożizzjonijiet ta' dik il-liġi.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5 | Settur: | Il-kostruzzjoni | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 06 | Xogħol ta' kostruzzjoni, ġenerali, inkluż ix-xogħol ta' kostruzzjoni pubbliku u privat |
| | | JSIC 07 | Xogħol ta' kostruzzjoni minn kuntrattur speċjalizzat, ħlief xogħol ta' installazzjoni ta' tagħmir |
| | | JSIC 08 | Xogħol ta' installazzjoni ta' tagħmir |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikolu 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar in-Negozju tal-Kostruzzjoni (il-Liġi Nru 100 tal-1949), il-Kapitolu 2<br><br>Il-Liġi dwar ir-Riċiklaġġ ta’ Materjali tal-Kostruzzjoni (il-Liġi Nru 104 tal-2000), il-Kapitolu 5 | |

Deskrizzjoni: Kummerċ transfruntiera fis-servizzi

1. Persuna li jkun beħsiebha twettaq negozju tal-kostruzzjoni hija meħtieġa li tistabbilixxi post tan-negozju fil-Ġappun u li tikseb permess mill-Ministru tal-Art, l-Infrastruttura, it-Trasport u t-Turiżmu jew mill-gvernatur tal-prefettura li jkollu l-ġurisdizzjoni fuq id-distrett fejn ikun jinstab il-post tan-negozju.

2. Persuna li jkun beħsiebha twettaq negozju ta' xogħol tat-twaqqigħ hija meħtieġa li tistabbilixxi post tan-negozju fil-Ġappun u li tkun irreġistrata mal-gvernatur tal-prefettura li jkollu l-ġurisdizzjoni fuq id-distrett fejn ikun jinstab il-post tan-negozju.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 6 | Settur: | Servizzi ta’ distribuzzjoni | |
| | Sottosettur: | Servizzi ta' Kummerċ bl-Ingrossa, Servizzi ta' Bejgħ bl-Imnut, Servizzi ta' Aġenti tal-Kummissjoni, Relatati ma' Xorb Alkoħoliku | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 5222 | Likuri |
| | | JSIC 5851 | Ħwienet tal-likuri |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar it-Taxxa fuq il-Likuri (il-Liġi Nru 6 tal-1953), il-Kapitoli 9 sa 11 | |
| | Deskrizzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi<br><br>L-għadd ta' liċenzji mogħtija lill-fornituri ta' servizzi f'dawn is-sottosetturi jista' jkun limitat, fejn ikun meħtieġ li jinżamm bilanċ bejn il-provvista u d-domanda tal-likuri sabiex jiġi assigurat id-dħul mit-taxxa fuq il-likuri (il-paragrafu 11 tal-Artikolu 10 tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq il-Likuri). | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 7 | Settur: | Servizzi ta' distribuzzjoni | |
| | Sottosettur: | Servizzi ta' Kummerċ bl-Ingrossa Forniti fis-Suq Pubbliku tal-Operaturi | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 521 | Prodotti agrikoli, prodotti tal-irziezet tal-annimali u tal-pollam u prodotti akkwatiċi |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar is-Suq tal-Operaturi (il-Liġi Nru 35 tal-1971), l-Artikoli 9, 10, 15, 17 u 33 | |
| | Deskrizzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi<br><br>L-għadd ta' liċenzji mogħtija lil fornituri ta' servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa fis-swieq pubbliċi tal-operaturi jista' jkun limitat, f'każijiet fejn is-swieq pubbliċi tal-operaturi jistabbilixxu l-għadd massimu tal-fornituri sabiex jassiguraw operat xieraq u tajjeb tas-swieq pubbliċi tal-operaturi. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 8 | Settur: | Appoġġ Edukattiv għat-Tagħlim | |
| | Sottosettur: | Servizzi Edukattivi Għolja | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 816 | Istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi Fundamentali tal-Edukazzjoni (il-Liġi Nru 120 tal-2006), l-Artikolu 6<br>Il-Liġi dwar l-Edukazzjoni fl-Iskejjel (il-Liġi Nru 26 tal-1947), l-Artikolu 2<br>Il-Liġi dwar l-Iskejjel Privati (il-Liġi Nru 270 tal-1949), l-Artikolu 3 | |

Deskrizzjoni: Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi

1. Is-servizzi ta' edukazzjoni għolja pprovduti bħala edukazzjoni formali fil-Ġappun iridu jiġu pprovduti minn istituzzjonijiet edukattivi formali. L-istituzzjonijiet edukattivi formali jridu jkunu stabbiliti minn persuni ġuridiċi tal-iskola.

2. "Istituzzjonijiet edukattivi formali" tfisser skejjel primarji, skejjel sekondarji inferjuri, skejjel sekondarji, skejjel tal-edukazzjoni obbligatorja, skejjel sekondarji superjuri, universitajiet, junior colleges, kulleġġi tat-teknoloġija, skejjel għall-edukazzjoni tal-ħtiġijiet speċjali, kindergartens u ċentri integrati għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal.

3. "Persuna ġuridika tal-iskola" tfisser persuna ġuridika mhux għall-profitt stabbilita għall-iskopijiet li tipprovdi servizzi edukattivi skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 9 | Settur: | Servizzi Finanzjarji | |
| | Sottosettur: | Servizzi Bankarji u Servizzi Finanzjarji oħra<br>(esklużi l-Assigurazzjoni u s-Servizzi Relatati mal-Assigurazzjoni) | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 622 | Banek, ħlief il-bank ċentrali |
| | | JSIC 631 | Istituzzjonijiet finanzjarji għan-negozji ż-żgħar |
| | Obbligi Kkonċernati: | Trattament nazzjonali (l-Artikolu 8.8) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar l-Assigurazzjoni tad-Depożiti (il-Liġi Nru 34 tal-1971), l-Artikolu 2 | |
| | Deskrizzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment<br><br>Is-sistema ta' assigurazzjoni tad-depożiti ma tkoprix id-depożiti meħuda minn fergħat ta' banek barranin. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 10 | Settur: | Servizzi Finanzjarji | |
| | Sottosettur: | Assigurazzjoni u Servizzi Marbutin mal-Assigurazzjoni | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 672 | Istituzzjonijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja |
| | | JSIC 6742 | Aġenti u sensara tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikolu 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar in-Negozju tal-Assigurazzjoni (il-Liġi Nru 105 tal-1995), l-Artikoli 185, 186, 275, 276, 277, 286 u 287 | |
| | | L-Ordni tal-Kabinett għall-Infurzar tal-Liġi dwar in-Negozju tal-Assigurazzjoni (l-Ordni tal-Kabinett Nru 425 tal-1995), l-Artikoli 19 u 39-2 | |
| | | L-Ordinanza Ministerjali għall-Infurzar tal-Liġi dwar in-Negozju tal-Assigurazzjoni (l-Ordinanza Ministerjali tal-Ministeru tal-Finanzi Nru 5 tal-1996), l-Artikoli 116 u 212-6 | |

Deskrizzjoni: Kummerċ transfruntiera fis-servizzi

Il-preżenza kummerċjali hija fil-prinċipju meħtieġa għall-kuntratti tal-assigurazzjoni fuq l-oġġetti li ġejjin u kwalunkwe responsabbiltà li tirriżulta minnhom:

(a) oġġetti li jkunu qed jiġu trasportati fil-Ġappun; u

(b) vapuri ta' reġistrazzjoni Ġappuniża li ma jintużawx għal trasport marittimu internazzjonali.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11 | Settur: | Provvista tas-Sħana | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 3511 | Provvista tas-sħana |
| | Obbligi Kkonċernati: | Trattament nazzjonali (l-Artikolu 8.8) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani (il-Liġi Nru 228 tal-1949), l-Artikolu 27[1]<br><br>L-Ordni tal-Kabinett dwar l-Investiment Dirett Barrani (l-Ordni tal-Kabinett Nru 261 tal-1980), l-Artikolu 3 | |

1 Għal aktar ċertezza, għall-finijiet ta' din ir-riżerva, id-definizzjoni ta' "investiment dirett eżoġenu" mogħtija fl-Artikolu 26 tal-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani tapplika fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' din ir-riżerva.

Deskrizzjoni: <u>Liberalizzazzjoni tal-investiment</u>

1. Ir-rekwiżit ta' notifika minn qabel u l-proċeduri ta' skrutinju skont il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani japplikaw għal investituri barranin li jkun beħsiebhom jagħmlu investimenti fl-industrija tal-provvista tas-sħana fil-Ġappun.

2. L-iskrutinju jitwettaq mill-perspettiva ta' jekk l-investiment ikunx probabbli li jikkawża sitwazzjoni li fiha tiddgħajjef is-sigurtà nazzjonali, tiġi mfixkla ż-żamma tal-ordni pubbliku, jew tiġi mxekkla l-protezzjoni tas-sigurtà pubblika.

3. L-investitur jista' jkun meħtieġ jibdel il-kontenut tal-investiment jew iwaqqaf il-proċess tal-investiment, skont ir-riżultat tal-iskrutinju.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 12 | Settur: | Informazzjoni u Komunikazzjoni | |
| | Sottosettur: | Telekomunikazzjoni | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 3700 | Uffiċċji prinċipali involuti primarjament f'operazzjonijiet maniġerjali |
| | | JSIC 3711 | Telekomunikazzjoni reġjonali, ħlief telefowns li jittrażmettu bil-fil |
| | | JSIC 3731 | Servizzi inċidentali għat-telekomunikazzjoni |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikolu 8.7)<br>Trattament nazzjonali (l-Artikolu 8.8)<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 8.10) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar Nippon Telegraph and Telephone Corporation, Eċċ. (il-Liġi Nru 85 tal-1984), l-Artikoli 6 u 10 | |

Deskrizzjoni: Liberalizzazzjoni tal-investiment

1. Nippon Telegraph and Telephone Corporation ma tistax iddaħħal l-isem u l-indirizz fir-reġistru tal-azzjonisti tagħha jekk l-aggregat tal-proporzjon tad-drittijiet tal-vot miżmuma direttament jew indirettament mill-persuni stabbiliti fis-subparagrafi (a) sa (c) jilħaq jew jaqbeż it-terz:

   (a) persuna fiżika li ma jkollhiex ċittadinanza Ġappuniża;

   (b) gvern barrani jew ir-rappreżentant tiegħu; u

   (c) persuna ġuridika barranija jew entità barranija.

2. Kwalunkwe persuna fiżika li ma jkollhiex ċittadinanza Ġappuniża ma tistax tassumi l-kariga ta' direttur jew ta' awditur ta' Nippon Telegraph and Telephone Corporation, Nippon Telegraph and Telephone East Corporation u Nippon Telegraph and Telephone West Corporation.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 13 | Settur: | Informazzjoni u Komunikazzjoni | |
| | Sottosettur: | Telekomunikazzjoni u Servizzi bbażati fuq l-Internet | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija[1]: | JSIC 3711* | Telekomunikazzjoni reġjonali, ħlief telefowns li jittrażmettu bil-fil |
| | | JSIC 3712* | Telekomunikazzjoni fuq distanza fit-tul |
| | | JSIC 3719* | Telekomunikazzjoni fissa mixxellanja |
| | | JSIC 3721* | Telekomunikazzjoni mobbli |
| | | JSIC 401* | Servizzi inċidentali għall-Internet |
| | Obbligi Kkonċernati: | Trattament nazzjonali (l-Artikolu 8.8) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani (il-Liġi Nru 228 tal-1949), l-Artikolu 27[2]<br><br>L-Ordni tal-Kabinett dwar l-Investiment Dirett Barrani (l-Ordni tal-Kabinett Nru 261 tal-1980), l-Artikolu 3 | |

[1] Asterisk (*) fuq in-numri tal-JSIC jindika li l-attivitajiet koperti b'din ir-riżerva taħt it-tali numri huma limitati għall-attivitajiet li huma soġġetti għall-obbligu ta' reġistrazzjoni skont l-Artikolu 9 tal-Liġi dwar in-Negozju tat-Telekomunikazzjoni (il-Liġi Nru 86 tal-1984).

[2] Għal aktar ċertezza, għall-finijiet ta' din ir-riżerva, id-definizzjoni ta' "investiment dirett eżoġenu" mogħtija fl-Artikolu 26 tal-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani tapplika fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' din ir-riżerva.

Deskrizzjoni: <u>Liberalizzazzjoni tal-investiment</u>

1. Ir-rekwiżit ta' notifika minn qabel u l-proċeduri ta' skrutinju skont il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani japplikaw għal investituri barranin li jkun beħsiebhom jagħmlu investimenti fin-negozju tat-telekomunikazzjoni u s-servizzi bbażati fuq l-internet fil-Ġappun.

2. L-iskrutinju jitwettaq mill-perspettiva ta' jekk l-investiment ikunx probabbli li jikkawża sitwazzjoni li fiha tiddgħajjef is-sigurtà nazzjonali, tiġi mfixkla ż-żamma tal-ordni pubbliku, jew tiġi mxekkla l-protezzjoni tas-sigurtà pubblika.

3. L-investitur jista' jkun meħtieġ jibdel il-kontenut tal-investiment jew iwaqqaf il-proċess tal-investiment, skont ir-riżultat tal-iskrutinju.

| | | |
|---|---|---|
| 14 | Settur: | Il-manifattura |
| | Sottosettur: | Bini u Tiswija tal-Vapuri, u Magni tal-Baħar |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 3131 Bini u tiswija tal-vapuri |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15) |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Bini tal-Vapuri (il-Liġi Nru 129 tal-1950), l-Artikoli 2 sa 3-2 |
| | Deskrizzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi<br><br>Persuna li jkun beħsiebha tistabbilixxi jew testendi baċiri, li jistgħu jintużaw għall-manifattura jew it-tiswija ta' bastimenti b'tunnellaġġ gross ta' 500 tunnellata jew aktar jew b'tul ta' 50 metru jew aktar, hija meħtieġa li tikseb permess mill-Ministru tal-Art, l-Infrastruttura, it-Trasport u t-Turiżmu. Il-ħruġ ta' liċenzja huwa suġġett għar-rekwiżiti ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 15 | Settur: | Il-manifattura | |
| | Sottosettur: | Manifattura ta' Drogi u Mediċini | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 1653 | Preparazzjonijiet bijoloġiċi |
| | Obbligi Kkonċernati: | Trattament nazzjonali (l-Artikolu 8.8) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani (il-Liġi Nru 228 tal-1949), l-Artikolu 27[1]<br><br>L-Ordni tal-Kabinett dwar l-Investiment Dirett Barrani (l-Ordni tal-Kabinett Nru 261 tal-1980), l-Artikolu 3 | |

[1] Għal aktar ċertezza, għall-finijiet ta' din ir-riżerva, id-definizzjoni ta' "investiment dirett eżoġenu" mogħtija fl-Artikolu 26 tal-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani tapplika fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' din ir-riżerva.

Deskrizzjoni: Liberalizzazzjoni tal-investiment

1. Ir-rekwiżit ta' notifika minn qabel u l-proċeduri ta' skrutinju skont il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani japplikaw għal investituri barranin li jkun beħsiebhom jagħmlu investimenti fl-industrija tal-manifattura ta' preparazzjonijiet bijoloġiċi fil-Ġappun. Għal aktar ċertezza, l-"industrija tal-manifattura ta' preparazzjonijiet bijoloġiċi" tittratta attivitajiet ekonomiċi f'impjanti li jipproduċu vaċċini, serum, tossojdi, antitossini u xi preparazzjonijiet simili għall-prodotti hawn fuq imsemmija jew prodotti tad-demm.

2. L-iskrutinju jitwettaq mill-perspettiva ta' jekk l-investiment ikunx probabbli li jikkawża sitwazzjoni li fiha tiddgħajjef is-sigurtà nazzjonali, tiġi mfixkla ż-żamma tal-ordni pubbliku, jew tiġi mxekkla l-protezzjoni tas-sigurtà pubblika.

3. L-investitur jista' jkun meħtieġ jibdel il-kontenut tal-investiment jew iwaqqaf il-proċess tal-investiment, skont ir-riżultat tal-iskrutinju.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 16 | Settur: | Il-manifattura | |
| | Sottosettur: | Ġilda u Manifattura ta' Prodotti tal-Ġilda | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija[1]: | JSIC 1189* | Ħwejjeġ tad-drapp u aċċessorji, n.e.c. |
| | | JSIC 1694*2 | Ġelatina u kolol |
| | | JSIC 192 | Xedd tas-saqajn tal-lastku u tal-plastik u l-għodod tiegħu |
| | | JSIC 2011 | Konzar u tlestija |
| | | JSIC 2021 | Prodotti mekkaniċi tal-ġilda, ħlief ingwanti u mittens |
| | | JSIC 2031 | Bċejjeċ maqtugħa u l-għodod għall-bwiez u ż-żraben |
| | | JSIC 2041 | Xedd is-saqajn tal-ġilda |
| | | JSIC 2051 | Ingwanti u mittens tal-ġilda |
| | | JSIC 2061 | Bagalji |
| | | JSIC 207 | Ħendbegs u basktijiet żgħar tal-ġilda |
| | | JSIC 2081 | Ġlud tal-fer |
| | | JSIC 2099 | Prodotti tal-ġilda varji |
| | | JSIC 3253*1 | Oġġetti tal-isport u tal-atletika |

[1] Asterisk (*1) fuq in-numri tal-JSIC jindika li l-attivitajiet koperti b'din ir-riżerva taħt it-tali numri huma limitati għall-attivitajiet relatati mal-ġilda u l-manifattura ta' prodotti tal-ġilda. Asterisk (*2) fuq in-numru tal-JSIC jindika li l-attivitajiet koperti b'din ir-riżerva taħt it-tali numru huma limitati għall-attivitajiet relatati mal-kolla tal-annimali (nikawa) u l-manifattura tal-ġelatina.

| | |
|---|---|
| Obbligi Kkonċernati: | Trattament nazzjonali (l-Artikolu 8.8) |
| Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali |
| Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani (il-Liġi Nru 228 tal-1949), l-Artikolu 27[1]<br>L-Ordni tal-Kabinett dwar l-Investiment Dirett Barrani (l-Ordni tal-Kabinett Nru 261 tal-1980), l-Artikolu 3 |

1 Għal aktar ċertezza, għall-finijiet ta' din ir-riżerva, id-definizzjoni ta' "investiment dirett eżoġenu" mogħtija fl-Artikolu 26 tal-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani tapplika fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' din ir-riżerva.

Deskrizzjoni: Liberalizzazzjoni tal-investiment

1. Ir-rekwiżit ta' notifika minn qabel u l-proċeduri ta' skrutinju skont il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani japplikaw għal investituri barranin li jkun beħsiebhom jagħmlu investimenti fl-industrija tal-manifattura tal-ġilda u ta' prodotti tal-ġilda fil-Ġappun.

2. L-iskrutinju jitwettaq mill-perspettiva ta' jekk l-investiment ikunx probabbli li jikkaġuna sitwazzjoni li fiha jiġi kkawżat effett avvers sinifikanti għall-operat mingħajr problemi tal-ekonomija Ġappuniża[1].

3. L-investitur jista' jkun meħtieġ jibdel il-kontenut tal-investiment jew iwaqqaf il-proċess tal-investiment, skont ir-riżultat tal-iskrutinju.

---

1 Għal aktar ċertezza, l-assenza ta' referenza f'din id-deskrizzjoni għas-"sigurtà nazzjonali", li hija msemmija fin-Nri 11, 13, 15, 37, 43, 44, 52 u 54 fl-Iskeda tal-Ġappun f'dan l-Anness, ma tfissirx li l-Artikolu 1.5 ma japplikax għall-iskrutinju jew li l-Ġappun jirrinunzja d-dritt tiegħu li jinvoka l-Artikolu 1.5 biex jiġġustifika l-iskrutinju.

| | | |
|---|---|---|
| 17 | Settur: | Kwistjonijiet Relatati man-Nazzjonalità ta' Vapur |
| | Sottosettur: | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15)<br>Trattament nazzjonali (l-Artikoli 8.8 u 8.16)<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 8.10) |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Vapuri (il-Liġi Nru 46 tal-1899), l-Artikolu 1 |

Deskrizzjoni: Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi

1. Ir-rekwiżit taċ-ċittadinanza japplika għall-forniment ta' servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali (inklużi s-servizzi ta' trasport tal-passiġġieri u ta' trasport tal-merkanzija) permezz tal-istabbiliment ta' kumpanija rreġistrata li topera flotta li ttajjar il-bandiera tal-Ġappun.

2. Ir-"rekwiżit taċ-ċittadinanza" jfisser li l-vapur irid ikun proprjetà ta' ċittadin Ġappuniż, jew ta' kumpanija stabbilita skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun, li r-rappreżentanti tagħha kollha u mhux anqas minn żewġ terzi tad-diriġenti li jamministraw l-affarijiet ikunu ċittadini Ġappuniżi.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 18 | Settur: | Servizzi ta' Kejl | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 7441 | Servizz ta' spezzjoni ta' komoditajiet |
| | | JSIC 745 | Ċertifikazzjoni minn servejer |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikolu 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Kejl (il-Liġi Nru 51 tal-1992), il-Kapitoli 3, 5, 6 u 8<br>Ir-Regolamenti dwar il-Liġi tal-Kejl (l-Ordinanza Ministerjali tal-Ministeru tal-Kummerċ Internazzjonali u l-Industrija Nru 69 tal-1993)<br>L-Ordinanza Ministerjali għal Korp ta' Spezzjoni Maħtur, Korp ta' Verifika Maħtur, Korp ta' Spezzjoni taċ-Ċertifikazzjoni tal-Kejl Maħtur u Korp ta' Akkreditament għaċ-Ċertifikazzjoni ta' Kejl Speċifikat (l-Ordinanza Ministerjali tal-Ministeru tal-Kummerċ Internazzjonali u l-Industrija Nru 72 tal-1993) | |

Deskrizzjoni[1]: Kummerċ transfruntiera fis-servizzi

[1] Għall-finijiet ta' din ir-riżerva:

(a) "strumenti tal-kejl" tfisser apparat, magni jew tagħmir użati għall-kejl;

(b) "strumenti tal-kejl speċifikati" tfisser strumenti tal-kejl użati fi tranżazzjonijiet jew ċertifikazzjonijiet, jew strumenti tal-kejl prinċipalment għall-użu fil-ħajja ta' klijenti ġenerali, u dawk speċifikati b'Ordni tal-Kabinett bħala neċessarji sabiex jiġu stabbiliti standards relatati mal-istruttura u l-iżball strumentali tagħhom sabiex jiġi żgurat twettiq xieraq tal-kejl;

(c) "negozji ta' ċertifikazzjoni tal-kejl" skont ir-rekwiżit deskritt fil-paragrafu 3 huma elenkati f'dan li ġej u r-reġistrazzjoni għandha tkun skont il-klassifikazzjoni tan-negozju speċifikata mill-Ordinanza tal-Ministeru tal-Ekonomija, il-Kummerċ u l-Industrija:

(i) in-negozju ta' ċertifikazzjoni tal-kejl tat-tul, piż, erja, volum jew sħana fir-rigward ta' oġġetti li jkunu se jiġu mgħobbija/maħtuta jew imdaħħla/mibgħuta għat-trasport, depożitu jew bejgħ jew xiri (esklużi ċ-ċertifikazzjonijiet tal-kejl tal-massa jew tal-volum ta' oġġetti għat-tagħbija jew ħatt minn vapur); u

(ii) in-negozju ta' ċertifikazzjoni tal-kejl tal-konċentrazzjoni, il-livell tal-pressjoni tal-ħoss jew il-kwantità ta' fenomeni fiżiċi oħra speċifikati b'Ordni tal-Kabinett (eskluż dak li huwa elenkat fil-punt (i));

madankollu, dan ir-rekwiżit ma japplikax għall-każ fejn persuna involuta fin-negozju ta' ċertifikazzjoni tal-kejl tkun gvern nazzjonali, gvern lokali, jew aġenzija amministrattiva inkorporata preskritta mill-paragrafu 1 tal-Artikolu 2 tal-Liġi dwar ir-Regoli Ġenerali għal Aġenzija Amministrattiva Inkorporata (il-Liġi Nru 103 tal-1999) li tinħatar permezz ta' Ordni tal-Kabinett bħala kompetenti biex twettaq b'mod xieraq in-negozju ta' ċertifikazzjoni tal-kejl, jew fejn in-negozju ta' ċertifikazzjoni tal-kejl jitwettaq minn persuna li tkun ġiet irreġistrata jew maħtura jew irċeviet kwalunkwe dispożizzjoni oħra biex twettaq dak in-negozju skont id-provvediment tal-liġi speċifikata minn dik l-Ordni tal-Kabinett; u

(d) "negozju speċifikat ta' ċertifikazzjoni tal-kejl" tfisser in-negozju speċifikat b'Ordni tal-Kabinett bħala li jirrikjedi livelli għoljin ta' teknoloġija sabiex jiġi ċċertifikat il-kejl ta' kwantitajiet żgħar ħafna ta' fenomeni fiżiċi preskritti fis-subparagrafu (c)(ii).

1. Persuna li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' twettiq tal-ispezzjoni perjodika ta' strumenti tal-kejl speċifikati hija meħtieġa li tistabbilixxi persuna ġuridika fil-Ġappun u li tkun maħtura mill-gvernatur tal-prefettura li jkollu l-ġurisdizzjoni fuq id-distrett fejn il-persuna jkun beħsiebha twettaq dik l-ispezzjoni, jew mis-sindku ta' belt magħżula jew il-mexxej ta' *ward* jew villaġġ magħżul jekk il-post fejn il-persuna jkun beħsiebha twettaq dik l-ispezzjoni tkun tinstab fi ħdan id-distrett ta' dik il-belt, *ward* jew villaġġ magħżul.

2. Persuna li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' twettiq tal-verifika ta' strumenti tal-kejl speċifikati hija meħtieġa li tistabbilixxi persuna ġuridika fil-Ġappun u li tkun maħtura mill-Ministru tal-Ekonomija, il-Kummerċ u l-Industrija.

3. Persuna li jkun beħsiebha twettaq negozju ta' ċertifikazzjoni tal-kejl, inkluż negozju ta' ċertifikazzjoni ta' kejl speċifikat, hija meħtieġa li jkollha post tan-negozju fil-Ġappun u li tkun irreġistrata mal-gvernatur tal-prefettura li jkollu l-ġurisdizzjoni fuq id-distrett fejn ikun jinstab il-post tan-negozju.

…[Anness 8-B]/mt 266

4. Persuna li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' twettiq tal-ispezzjoni ta' strumenti tal-kejl speċifikati li jintużaw għaċ-ċertifikazzjoni tal-kejl hija meħtieġa li tistabbilixxi persuna ġuridika fil-Ġappun u li tkun maħtura mill-gvernatur tal-prefettura li jkollu l-ġurisdizzjoni fuq id-distrett fejn il-persuna jkun beħsiebha twettaq dik l-ispezzjoni.

5. Persuna li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' twettiq tal-akkreditazzjoni għal persuna involuta f'negozju speċifikat ta' ċertifikazzjoni tal-kejl hija meħtieġa li tistabbilixxi persuna ġuridika fil-Ġappun, u li tkun maħtura mill-Ministru tal-Ekonomija, il-Kummerċ u l-Industrija.

6. Persuna li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' twettiq tal-kalibrazzjoni ta' strumenti tal-kejl hija meħtieġa li tistabbilixxi persuna ġuridika fil-Ġappun u li tkun maħtura mill-Ministru tal-Ekonomija, il-Kummerċ u l-Industrija.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 19 | Settur: | Mediku, Kura tas-Saħħa u Benesseri | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 8599 | Servizzi varji ta' assigurazzjoni soċjali, welfare soċjali u kura |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi Dwar il-Ġbir tal-Primjum tal-Assigurazzjoni tal-Ħaddiema (il-Liġi Nru 84 tal-1969), il-Kapitolu 4<br><br>Ir-Regolamenti ta' Infurzar għal-Liġi Dwar il-Ġbir tal-Primjum tal-Assigurazzjoni tal-Ħaddiema (l-Ordinanza Ministerjali tal-Ministeru tax-Xogħol Nru 8 tal-1972) | |

Deskrizzjoni: Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi

Assoċjazzjoni ta' proprjetarji tan-negozju jew federazzjoni ta' dawk l-assoċjazzjonijiet approvata mill-Ministru tas-Saħħa, ix-Xogħol u l-Benesseri skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun biss tista' twettaq negozju ta' assigurazzjoni tal-ħaddiema mqabbda minn proprjetarji tan-negozju. Assoċjazzjoni li jkun beħsiebha twettaq dawk in-negozji ta' assigurazzjoni tal-ħaddiema skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun hija meħtieġa li tistabbilixxi uffiċċju fil-Ġappun, u li tikseb l-approvazzjoni tal-Ministru tas-Saħħa, ix-Xogħol u l-Benesseri.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 20 | Settur: | Estrazzjoni minerarja u Servizzi inċidentali għall-Estrazzjoni minerarja | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 05 | Estrazzjoni minerarja u qtugħ ta’ ġebel u żrar mill-barrieri |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15)<br>Trattament nazzjonali (l-Artikoli 8.8 u 8.16) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar l-Estrazzjoni minerarja (il-Liġi Nru 289 tal-1950), il-Kapitoli 2 u 3 | |
| | Deskrizzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi<br>Ċittadini tal-Ġappun jew intrapriżi tal-Ġappun biss jista' jkollhom drittijiet ta' estrazzjoni minerarja jew drittijiet ta' lokazzjoni tal-estrazzjoni minerarja[1]. | |

[1] Is-servizzi li jirrikjedu drittijiet ta' estrazzjoni minerarja jew drittijiet ta' lokazzjoni tal-estrazzjoni minerarja jridu jiġu pprovduti minn ċittadin Ġappuniż jew intrapriża stabbilita skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun, skont il-Kapitoli 2 u 3 tal-Liġi dwar l-Estrazzjoni Minerarja.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 21 | Settur: | L-Industrija taż-Żejt | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija[1]: | JSIC 053 | Żejt mhux maħdum u produzzjoni tal-gass naturali |
| | | JSIC 1711 | Raffinar taż-żejt |
| | | JSIC 1721 | Żjut lubrikanti u griż (mhux magħmula f'raffineriji taż-żejt) |
| | | JSIC 1741*1 | Materjal tal-pavimentar |
| | | JSIC 1799*1 | Prodotti varji taż-żejt u l-faħam |
| | | JSIC 4711*1 | Ħażna ordinarja, ħlief ħażna mkessħa |
| | | JSIC 4721*1 | Ħażna mkessħa |
| | | JSIC 5331 | Żejt |
| | | JSIC 6051 | Pompi tal-petrol (stazzjonijiet ta' servizz tal-petrol) |
| | | JSIC 6052*1 | Stazzjonijiet tal-fjuwil, ħlief stazzjonijiet ta' servizz tal-petrol |
| | | JSIC 9299*2 | Servizzi ta' negozji mixxellanji n.e.c. |

1 Asterisk (*1) fuq in-numri tal-JSIC jindika li l-attivitajiet koperti b'din ir-riżerva taħt it-tali numri huma limitati għal dawk relatati mal-industrija taż-żejt. Asterisk (*2) fuq in-numri tal-JSIC jindika li l-attivitajiet koperti b'din ir-riżerva taħt it-tali numru huma limitati għal dawk relatati mal-industrija tal-gass likwifikat miż-żejt.

| | |
|---|---|
| Obbligi Kkonċernati: | Trattament nazzjonali (l-Artikolu 8.8) |
| Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali |
| Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani (il-Liġi Nru 228 tal-1949), l-Artikolu 27[1]<br>L-Ordni tal-Kabinett dwar l-Investiment Dirett Barrani (l-Ordni tal-Kabinett Nru 261 tal-1980), l-Artikolu 3 |

[1] Għal aktar ċertezza, għall-finijiet ta' din ir-riżerva, id-definizzjoni ta' "investiment dirett eżoġenu" mogħtija fl-Artikolu 26 tal-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani tapplika fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' din ir-riżerva.

Deskrizzjoni: Liberalizzazzjoni tal-investiment

1. Ir-rekwiżit ta' notifika minn qabel u l-proċeduri ta' skrutinju skont il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani japplikaw għal investituri barranin li jkun beħsiebhom jagħmlu investimenti fl-industrija taż-żejt fil-Ġappun.

2. L-iskrutinju jitwettaq mill-perspettiva ta' jekk l-investiment ikunx probabbli li jikkaġuna sitwazzjoni li fiha jiġi kkawżat effett avvers sinifikanti għall-operat mingħajr problemi tal-ekonomija Ġappuniża[1].

3. L-investitur jista' jkun meħtieġ jibdel il-kontenut tal-investiment jew iwaqqaf il-proċess tal-investiment, skont ir-riżultat tal-iskrutinju.

4. Is-sustanzi kimiċi organiċi kollha bħall-etilen, l-etilenglikol u l-polikarbonati huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-industrija taż-żejt. Għalhekk, ir-rekwiżit ta' notifika minn qabel u l-proċeduri ta' skrutinju skont il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani ma japplikawx għall-investimenti fil-manifattura ta' dawn il-prodotti.

[1] Għal aktar ċertezza, l-assenza ta' referenza f'din id-deskrizzjoni għas-"sigurtà nazzjonali", li hija msemmija fin-Nri 11, 13, 15, 37, 43, 44, 52 u 54 fl-Iskeda tal-Ġappun f'dan l-Anness, ma tfissirx li l-Artikolu 1.5 ma japplikax għall-iskrutinju jew li l-Ġappun jirrinunzja d-dritt tiegħu li jinvoka l-Artikolu 1.5 biex jiġġustifika l-iskrutinju.

| | | |
|---|---|---|
| 22 | Settur: | Servizzi Professjonali |
| | Sottosettur: | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 7211 Uffiċċji tal-avukati |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15) |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar l-Avukati (il-Liġi Nru 205 tal-1949), il-Kapitoli 3, 4, 4-2, 5 u 9 |
| | Deskrizzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi<br>1. Persuna fiżika li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi legali hija meħtieġa li tkun kwalifikata bħala avukat skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun ("Bengoshi") u li tistabbilixxi uffiċċju fid-distrett tal-assoċjazzjoni lokali tal-avukati li għaliha tappartjeni l-persuna fiżika.<br>2. Intrapriża li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi legali hija meħtieġa li tistabbilixxi korporazzjoni professjonali legali skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun ("Bengoshi-Hojin"). |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 23 | Settur: | Servizzi Professjonali | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 7211 | Uffiċċji tal-avukati |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar Miżuri Speċjali Rigward l-Immaniġġjar ta' Servizzi Legali minn Avukati Barranin (il-Liġi Nru 66 tal-1986), il-Kapitoli 2, 4 u 5 | |

Deskrizzjoni: Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi

1. Persuna fiżika li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' konsulenza legali dwar liġijiet barranin hija meħtieġa li tkun kwalifikata bħala avukat barrani rreġistrat skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun ("Gaikokuho-Jimu-Bengoshi") u li tistabbilixxi uffiċċju fid-distrett tal-assoċjazzjoni lokali tal-avukati li għaliha tappartjeni l-persuna fiżika.

2. Gaikokuho-Jimu-Bengoshi skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun huwa meħtieġ li joqgħod fil-Ġappun għal mhux anqas minn 180 jum fis-sena.

3. Intrapriża li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' konsulenza legali dwar liġijiet barranin hija meħtieġa li tistabbilixxi korporazzjoni rreġistrata ta' avukati barranin skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun ("Gaikokuho-Jimu-Bengoshi-Hojin").

| | | | |
|---|---|---|---|
| 24 | Settur: | Servizzi Professjonali | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 7212 | Uffiċċji tal-avukati tal-privattivi |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar l-Avukati tal-Privattivi (il-Liġi Nru 49 tal-2000), il-Kapitoli 3, 6 u 8 | |
| | Deskrizzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi | |

1. Persuna fiżika li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' avukat tal-privattivi hija meħtieġa li tkun kwalifikata bħala avukat tal-privattivi skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun ("Benrishi").

2. Intrapriża li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' avukat tal-privattivi hija meħtieġa li tistabbilixxi korporazzjoni ta' negozju tal-privattivi skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun ("Tokkyo-Gyomu-Hojin").

| | | | |
|---|---|---|---|
| 25 | Settur: | Servizzi Professjonali | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 7221 | Uffiċċji tan-nutara pubbliċi u tal-iskrivani ġudizzjarji |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikolu 8.15)<br>Trattament nazzjonali (l-Artikolu 8.16) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar in-Nutara (il-Liġi Nru 53 tal-1908), il-Kapitoli 2 u 3 | |
| | Deskrizzjoni: | <u>Kummerċ transfruntiera fis-servizzi</u><br>1. Ċittadin Ġappuniż biss jista' jinħatar bħala nutar fil-Ġappun.<br>2. In-nutar huwa meħtieġ li jistabbilixxi uffiċċju fil-post magħżul mill-Ministru tal-Ġustizzja. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 26 | Settur: | Servizzi Professjonali | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 7221 | Uffiċċji tan-nutara pubbliċi u tal-iskrivani ġudizzjarji |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar l-Iskrivani Ġudizzjarji (il-Liġi Nru 197 tal-1950), il-Kapitoli 3, 4, 5, 7 u 10 | |
| | Deskrizzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi | |

1. Persuna fiżika li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' skrivan ġudizzjarju hija meħtieġa li tkun kwalifikata bħala skrivan ġudizzjarju skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun ("Shiho-Shoshi") u li tistabbilixxi uffiċċju fid-distrett tal-assoċjazzjoni tal-iskrivani ġudizzjarji li għaliha tappartjeni l-persuna fiżika.

2. Intrapriża li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' skrivani ġudizzjarji hija meħtieġa li tistabbilixxi korporazzjoni ta' skrivani ġudizzjarji skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun ("Shiho-Shoshi-Hojin").

| | | | |
|---|---|---|---|
| 27 | Settur: | Servizzi Professjonali | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 7241 | Uffiċċji tal-Kontabilisti Pubbliċi Ċertifikati |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Kontabilisti Pubbliċi Ċertifikati (il-Liġi Nru 103 tal-1948), il-Kapitoli 3, 5-2 u 7 | |
| | Deskrizzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi | |

1. Persuna fiżika li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' kontabilist pubbliku ċċertifikat hija meħtieġa li tkun kwalifikata bħala kontabilist pubbliku ċċertifikat skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun ("Koninkaikeishi").

2. Intrapriża li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' kontabilisti pubbliċi ċċertifikati hija meħtieġa li tistabbilixxi korporazzjoni tal-awditjar skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun ("Kansa-Hojin").

| | | | |
|---|---|---|---|
| 28 | Settur: | Servizzi Professjonali | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 7242 | Uffiċċji ta' kontabilisti tat-taxxa ċċertifikati |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Kontabilisti tat-Taxxa Pubbliċi Ċertifikati (il-Liġi Nru 237 tal-1951), il-Kapitoli 3, 4, 5-2, 6 u 7<br>Ir-Regolamenti ta' Infurzar għal-Liġi Dwar il-Kontabilisti tat-Taxxa Pubbliċi Ċertifikati (l-Ordinanza Ministerjali tal-Ministeru tal-Finanzi Nru 55 tal-1951) | |
| | Deskrizzjoni: | <u>Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi</u><br>1. Persuna fiżika li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' kontabilist tat-taxxa pubbliku ċċertifikat hija meħtieġa li tkun kwalifikata bħala kontabilist tat-taxxa pubbliku ċċertifikat skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun ("Zeirishi") u li tistabbilixxi uffiċċju fid-distrett tal-assoċjazzjoni tal-kontabilisti tat-taxxa pubbliċi ċċertifikati li għaliha tappartjeni l-persuna fiżika.<br>2. Intrapriża li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' kontabilisti tat-taxxa pubbliċi ċċertifikati hija meħtieġa li tistabbilixxi korporazzjoni ta' kontabilisti tat-taxxa pubbliċi ċċertifikati skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun ("Zeirishi-Hojin"). | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 29 | Settur: | Servizzi Professjonali | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 7231 | Uffiċċji tal-Iskrivani Amministrattivi |
| | | JSIC 7294 | Stimaturi tal-proprjetà immobbli ċċertifikati |
| | | JSIC 7299 | Servizzi professjonali, n.e.c. |
| | | JSIC 7421 | Servizzi ta' disinn arkitettoniku |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikolu 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Periti u/jew l-Inġiniera tal-Bini (il-Liġi Nru 202 tal-1950), il-Kapitoli 1, 2 u 6 | |
| | Deskrizzjoni: | Kummerċ transfruntiera fis-servizzi<br><br>Perit jew inġinier tal-bini, kwalifikat bħala perit jew inġinier tal-bini skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun ("Kenchikushi"), jew persuna li timpjega tali perit jew inġinier tal-bini, li jkun beħsiebha twettaq negozju ta' disinn, sovraintendenza ta' xogħol tal-kostruzzjoni, xogħol amministrattiv relatat ma' kuntratti ta' xogħol tal-kostruzzjoni, superviżjoni ta' xogħol tal-kostruzzjoni ta' bini, stħarriġ u evalwazzjoni ta' bini, u rappreżentanza fi proċedura skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun li tirrigwarda l-kostruzzjoni, fuq talba minn oħrajn u bi ħlas, hija meħtieġa li tistabbilixxi uffiċċju fil-Ġappun. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 30 | Settur: | Servizzi Professjonali | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 7251 | Uffiċċji ta' konsulenti ċċertifikati dwar l-assigurazzjoni soċjali u l-ħaddiema |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Konsulenti Ċertifikati dwar l-Assigurazzjoni Soċjali u l-Ħaddiema (il-Liġi Nru 89 tal-1968), il-Kapitoli 2-2, 4-2, 4-3 u 5 | |
| | Deskrizzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi | |

1. Persuna fiżika li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' konsulenza dwar l-assigurazzjoni soċjali u l-ħaddiema hija meħtieġa li tkun kwalifikata bħala konsulent iċċertifikat dwar l-assigurazzjoni soċjali u l-ħaddiema skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun ("Shakai-Hoken-Romushi") u li tistabbilixxi uffiċċju fil-Ġappun.

2. Intrapriża li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' konsulenza dwar l-assigurazzjoni soċjali u l-ħaddiema hija meħtieġa li tistabbilixxi korporazzjoni ta’ konsulenti ċċertifikati dwar l-assigurazzjoni soċjali u l-ħaddiema skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun ("Shakai-Hoken-Romushi-Hojin").

| | | | |
|---|---|---|---|
| 31 | Settur: | Servizzi Professjonali | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 7231 | Uffiċċji tal-Iskrivani Amministrattivi |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar l-Iskrivani Amministrattivi (il-Liġi Nru 4 tal-1951), il-Kapitoli 3 sa 5 u 8 | |
| | Deskrizzjoni: | <u>Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi</u> | |

1. Persuna fiżika li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' skrivan amministrattiv hija meħtieġa li tkun kwalifikata bħala skrivan amministrattiv skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun ("Gyosei-Shoshi") u li tistabbilixxi uffiċċju fid-distrett tal-assoċjazzjoni tal-iskrivani amministrattivi li għaliha tappartjeni l-persuna fiżika.

2. Intrapriża li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' skrivani amministrattivi hija meħtieġa li tistabbilixxi korporazzjoni tal-iskrivani amministrattivi skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun ("Gyosei-Shoshi-Hojin").

| | | |
|---|---|---|
| 32 | Settur: | Servizzi Professjonali |
| | Sottosettur: | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 7299 Servizzi professjonali, n.e.c. |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15) |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar l-Aġenti tal-Proċedura Marittima (il-Liġi Nru 32 tal-1951), l-Artikolu 17 |
| | Deskrizzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi<br>Is-servizzi ta' aġent tal-proċedura marittima jridu jiġu pprovduti minn persuna fiżika li tkun kwalifikata bħala aġent tal-proċedura marittima skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun ("Kaijidairishi"). |

| | | |
|---|---|---|
| 33 | Settur: | Servizzi Professjonali |
| | Sottosettur: | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 7222 Uffiċċji ta' servejers tal-artijiet u tad-djar |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15) |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar is-Servejers tal-Artijiet u tad-Djar (il-Liġi Nru 228 tal-1950), il-Kapitoli 3, 4, 5, 7 u 10 |
| | Deskrizzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi |

1. Persuna fiżika li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' servejer tal-artijiet u tad-djar hija meħtieġa li tkun kwalifikata bħala servejer tal-artijiet u tad-djar skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun ("Tochi-Kaoku-Chosashi") u li tistabbilixxi uffiċċju fid-distrett tal-assoċjazzjoni tas-servejers tal-artijiet u tad-djar li għaliha tappartjeni l-persuna fiżika.

2. Intrapriża li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' servejer tal-artijiet u tad-djar hija meħtieġa li tistabbilixxi korporazzjoni tas-servejers tal-artijiet u tad-djar skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun ("Tochi-Kaoku-Chosashi-Hojin").

| | | | |
|---|---|---|---|
| 34 | Settur: | Proprjetà Immobbli | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 6811 | Aġenti tal-bejgħ ta' bini u djar |
| | | JSIC 6812 | Suddiviżuri u żviluppaturi tal-art |
| | | JSIC 6821 | Aġenti u sensara tal-proprjetà immobbli |
| | | JSIC 6941 | Maniġers tal-proprjetà immobbli |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikolu 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar in-Negozju ta' Tranżazzjonijiet ta' Lottijiet ta' Bini u ta' Binjiet (il-Liġi Nru 176 tal-1952), il-Kapitolu 2<br>Il-Liġi dwar is-Sindakazzjoni tal-Proprjetà Immobbli (il-Liġi Nru 77 tal-1994), il-Kapitoli 2 u 4-2<br>Il-Liġi Dwar it-Titjib tal-Ġestjoni tal-Kondominji (il-Liġi Nru 149 tal-2000), il-Kapitolu 3 | |

Deskrizzjoni: Kummerċ transfruntiera fis-servizzi

1. Persuna li jkun beħsiebha twettaq negozju ta' tranżazzjonijiet ta' lottijiet tal-bini u ta' binjiet hija meħtieġa li tistabbilixxi uffiċċju fil-Ġappun u li tikseb liċenzja mill-Ministru tal-Art, l-Infrastruttura, it-Trasport u t-Turiżmu jew mill-gvernatur tal-prefettura li jkollu l-ġurisdizzjoni fuq id-distrett fejn ikun jinstab l-uffiċċju.

2. Persuna li jkun beħsiebha twettaq negozju ta' sindakazzjoni tal-proprjetà immobbli hija meħtieġa li tistabbilixxi uffiċċju fil-Ġappun u li tikseb permess mill-Ministru kompetenti jew mill-gvernatur tal-prefettura li jkollu l-ġurisdizzjoni fuq id-distrett fejn ikun jinstab l-uffiċċju jew li tissottometti notifika lill-Ministru kompetenti.

3. Persuna li jkun beħsiebha twettaq negozju ta' ġestjoni tal-kondominji hija meħtieġa li tistabbilixxi uffiċċju fil-Ġappun u li tkun irreġistrata fil-lista miżmuma mill-Ministeru tal-Art, l-Infrastruttura, it-Trasport u t-Turiżmu.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 35 | Settur: | Servizzi ta' Stima tal-Proprjetà Immobbli | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 7294 | Stimaturi tal-proprjetà immobbli ċċertifikati |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikolu 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar l-Istima tal-Proprjetà Immobbli (il-Liġi Nru 152 tal-1963), il-Kapitolu 3 | |
| | Deskrizzjoni: | <u>Kummerċ transfruntiera fis-servizzi</u><br><br>Persuna li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' stima tal-proprjetà immobbli hija meħtieġa li tistabbilixxi uffiċċju fil-Ġappun u li tkun irreġistrata fil-lista miżmuma mill-Ministeru tal-Art, l-Infrastruttura, it-Trasport u t-Turiżmu jew mill-prefettura li jkollha l-ġurisdizzjoni fuq id-distrett fejn ikun jinstab l-uffiċċju. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 36 | Settur: | Il-baħħara | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 031 | Sajd marittimu |
| | | JSIC 451 | Trasport għat-tbaħħir fl-oċeani |
| | | JSIC 452 | Trasport mal-kosta |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikolu 8.15)<br>Trattament nazzjonali (l-Artikolu 8.16) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Baħħara (il-Liġi Nru 100 tal-1947), il-Kapitolu 4<br>In-Notifika Uffiċjali tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Baħħara, l-Uffiċċju għat-Teknoloġija u s-Sigurtà Marittima tal-Ministeru tat-Trasport, Nru 115, 1990<br>In-Notifika Uffiċjali tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Baħħara, l-Uffiċċju għat-Teknoloġija u s-Sigurtà Marittima tal-Ministeru tat-Trasport, Nru 327, 1990<br>In-Notifika Uffiċjali tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju Marittimu tal-Ministeru tal-Art, l-Infrastruttura u t-Trasport, Nru 153, 2004 | |
| | Deskrizzjoni: | Kummerċ transfruntiera fis-servizzi<br>Ċittadini barranin impjegati minn intrapriżi Ġappuniżi ħlief il-baħħara msemmija fin-notifiki uffiċjali rilevanti ma jistgħux jaħdmu fuq bastimenti li jtajru l-bandiera Ġappuniża. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 37 | Settur: | Servizzi ta' Gwardji tas-Sigurtà | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 923 | Servizzi ta' gwardja |
| | Obbligi Kkonċernati: | Trattament nazzjonali (l-Artikolu 8.8) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani (il-Liġi Nru 228 tal-1949), l-Artikolu 27[1]<br><br>L-Ordni tal-Kabinett dwar l-Investiment Dirett Barrani (l-Ordni tal-Kabinett Nru 261 tal-1980), l-Artikolu 3 | |

1 Għal aktar ċertezza, għall-finijiet ta' din ir-riżerva, id-definizzjoni ta' "investiment dirett eżoġenu" mogħtija fl-Artikolu 26 tal-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani tapplika fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' din ir-riżerva.

Deskrizzjoni: Liberalizzazzjoni tal-investiment

1. Ir-rekwiżit ta' notifika minn qabel u l-proċeduri ta' skrutinju skont il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani japplikaw għal investituri barranin li jkun beħsiebhom jagħmlu investimenti fis-servizzi ta' gwardji tas-sigurtà fil-Ġappun.

2. L-iskrutinju jitwettaq mill-perspettiva ta' jekk l-investiment ikunx probabbli li jikkawża sitwazzjoni li fiha tiddgħajjef is-sigurtà nazzjonali, tiġi mfixkla ż-żamma tal-ordni pubbliku, jew tiġi mxekkla l-protezzjoni tas-sigurtà pubblika.

3. L-investitur jista' jkun meħtieġ jibdel il-kontenut tal-investiment jew iwaqqaf il-proċess tal-investiment, skont ir-riżultat tal-iskrutinju.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 38 | Settur: | Servizzi Relatati mas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 7299 | Servizzi professjonali, n.e.c. |
| | | JSIC 7441 | Servizzi ta' spezzjoni tal-komoditajiet |
| | | JSIC 7452 | Ċertifikazzjoni ta' stħarriġ ambjentali |
| | | JSIC 8222 | Ċentri ta' gwida vokazzjonali |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikolu 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar is-Sigurtà u s-Saħħa Industrijali (il-Liġi Nru 57 tal-1972), il-Kapitoli 5 u 8<br><br>L-Ordinanza Ministerjali għar-Reġistrazzjoni u d-Deżinjazzjoni relatata mal-Liġi dwar is-Sigurtà u s-Saħħa Industrijali, u l-Ordnijiet ibbażati fuq il-Liġi (l-Ordinanza Ministerjali tal-Ministeru tax-Xogħol Nru 44 tal-1972)<br><br>Il-Liġi dwar il-Kejl tal-Ambjent tax-Xogħol (il-Liġi Nru 28 tal-1975), il-Kapitoli 2 u 3<br><br>Ir-Regolament ta' Infurzar tal-Liġi dwar il-Kejl tal-Ambjent tax-Xogħol (l-Ordinanza Ministerjali tal-Ministeru tax-Xogħol Nru 20 tal-1975) | |

Deskrizzjoni: Kummerċ transfruntiera fis-servizzi

Persuna li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' spezzjoni jew verifika għall-magni tax-xogħol, korsijiet ta' taħriġ dwar il-ħiliet, u servizzi relatati oħra marbuta mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, jew servizzi ta' kejl tal-ambjent tax-xogħol hija meħtieġa li tkun residenti jew li tistabbilixxi uffiċċju fil-Ġappun, u li tkun irreġistrata mal-Ministru tas-Saħħa, ix-Xogħol u l-Benesseri jew id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju Distrettwali tax-Xogħol.

| | | |
|---|---|---|
| 39 | Settur: | Servizzi ta’ Stħarriġ |
| | Sottosettur: | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 7422 Servizzi ta’ stħarriġ |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikolu 8.15) |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar l-Istħarriġ (il-Liġi Nru 188 tal-1949), il-Kapitolu 6 |
| | Deskrizzjoni: | Kummerċ transfruntiera fis-servizzi<br><br>Persuna li jkun beħsiebha tipprovdi servizzi ta' stħarriġ hija meħtieġa li tistabbilixxi post tan-negozju fil-Ġappun u li tkun irreġistrata mal-Ministru tal-Art, l-Infrastruttura, it-Trasport u t-Turiżmu. |

| | | |
|---|---|---|
| 40 | Settur: | Servizzi tan-Negozju |
| | Sottosettur: | Reġistrazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru fir-Reġistru Nazzjonali |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15)<br>Trattament nazzjonali (l-Artikoli 8.8 u 8.16)<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 8.10) |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar l-Ajrunawtika Ċivili (il-Liġi Nru 231 tal-1952), il-Kapitolu 2 |

Deskrizzjoni: Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi

1. Inġenju tal-ajru proprjetà ta' xi waħda mill-persuni fiżiċi jew l-entitajiet li ġejjin ma jistax ikun irreġistrat fir-reġistru nazzjonali:

   (a) persuna fiżika li ma jkollhiex ċittadinanza Ġappuniża;

   (b) pajjiż barrani, jew entità pubblika barranija jew l-ekwivalenti tagħha;

   (c) persuna ġuridika jew entità oħra kostitwita skont il-liġijiet u r-regolamenti ta’ kwalunkwe pajjiż barrani; u

   (d) persuna ġuridika rappreżentata mill-persuni fiżiċi jew l-entitajiet imsemmija fis-subparagrafu (a), (b) jew (c); persuna ġuridika li terz jew aktar tal-membri tal-bord tad-diretturi tagħha jkunu komposti mill-persuni fiżiċi jew l-entitajiet imsemmija fis-subparagrafu (a), (b) jew (c); jew persuna ġuridika li terz jew aktar tad-drittijiet tal-vot tagħha jkunu miżmuma mill-persuni fiżiċi jew l-entitajiet imsemmija fis-subparagrafu (a), (b) jew (c).

2. Inġenju tal-ajru barrani ma jistax jiġi rreġistrat fir-reġistru nazzjonali.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 41 | Settur: | Trasport | |
| | Sottosettur: | Senserija doganali | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 4899 | Servizzi inċidentali għat-trasport, n.e.c. |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikolu 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar is-Senseriji Doganali (il-Liġi Nru 122 tal-1967), il-Kapitolu 2 | |
| | Deskrizzjoni: | Kummerċ transfruntiera fis-servizzi<br><br>Persuna li jkun beħsiebha twettaq negozju ta' senserija doganali hija meħtieġa li jkollha post tan-negozju fil-Ġappun u li tikseb il-permess tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana li jkollu l-ġurisdizzjoni fuq id-distrett fejn il-persuna jkun beħsiebha twettaq in-negozju ta' senserija doganali. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 42 | Settur: | Trasport | |
| | Sottosettur: | Negozju ta' Twassil tal-Merkanzija<br>(eskluż in-negozju ta' twassil tal-merkanzija li juża t-trasport bl-ajru) | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 4441 | Trasport tal-merkanzija bi ġbir u konsenja |
| | | JSIC 4821 | Trasport tal-merkanzija, ħlief trasport tal-merkanzija bi ġbir u konsenja |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15)<br>Trattament nazzjonali (l-Artikoli 8.8 u 8.16)<br>Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (l-Artikoli 8.9 u 8.17)<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 8.10) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar in-Negozju ta' Twassil tal-Merkanzija (il-Liġi Nru 82 tal-1989), il-Kapitoli 2 sa 4<br>Ir-Regolament ta' Infurzar tal-Liġi dwar in-Negozju ta' Twassil tal-Merkanzija (l-Ordinanza Ministerjali tal-Ministeru tat-Trasport Nru 20 tal-1990), il-Kapitoli 3 sa 5 | |

Deskrizzjoni: Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi

1. Il-persuni fiżiċi jew l-entitajiet li ġejjin huma meħtieġa li jkunu rreġistrati ma', jew li jiksbu l-permess jew l-approvazzjoni tal-Ministru tal-Art, l-Infrastruttura, it-Trasport u t-Turiżmu sabiex iwettqu negozju ta' twassil tal-merkanzija bl-użu ta' trasport internazzjonali. Dik ir-reġistrazzjoni għandha ssir, jew dak il-permess jew l-approvazzjoni għandhom jingħataw, fuq il-bażi ta' reċiproċità:

   (a) persuna fiżika li ma jkollhiex ċittadinanza Ġappuniża;

   (b) pajjiż barrani, jew entità pubblika barranija jew l-ekwivalenti tagħha;

   (c) persuna ġuridika jew entità oħra kostitwita skont il-liġijiet u r-regolamenti ta' kwalunkwe pajjiż barrani; u

   (d) persuna ġuridika rappreżentata mill-persuni fiżiċi jew l-entitajiet imsemmija fis-subparagrafu (a), (b) jew (c); persuna ġuridika li terz jew aktar tal-membri tal-bord tad-diretturi tagħha jkunu komposti mill-persuni fiżiċi jew l-entitajiet imsemmija fis-subparagrafu (a), (b) jew (c); jew persuna ġuridika li terz jew aktar tad-drittijiet tal-vot tagħha jkunu miżmuma mill-persuni fiżiċi jew l-entitajiet imsemmija fis-subparagrafu (a), (b) jew (c).

2. Persuna li jkun beħsiebha twettaq negozju ta' twassil tal-merkanzija hija meħtieġa li tistabbilixxi uffiċċju fil-Ġappun, u li tkun irreġistrata ma', jew li tikseb il-permess jew l-approvazzjoni, tal-Ministru tal-Art, l-Infrastruttura, it-Trasport u t-Turiżmu.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 43 | Settur: | Trasport | |
| | Sottosettur: | Trasport Ferrovjarju | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 421 | Trasport ferrovjarju |
| | | JSIC 4851 | Servizzi ta' faċilitajiet ferrovjarji |
| | Obbligi Kkonċernati: | Trattament nazzjonali (l-Artikolu 8.8) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani (il-Liġi Nru 228 tal-1949), l-Artikolu 27[1]<br><br>L-Ordni tal-Kabinett dwar l-Investiment Dirett Barrani (l-Ordni tal-Kabinett Nru 261 tal-1980), l-Artikolu 3 | |

[1] Għal aktar ċertezza, għall-finijiet ta' din ir-riżerva, id-definizzjoni ta' "investiment dirett eżoġenu" mogħtija fl-Artikolu 26 tal-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani tapplika fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' din ir-riżerva.

Deskrizzjoni: Liberalizzazzjoni tal-investiment

1. Ir-rekwiżit ta' notifika minn qabel u l-proċeduri ta' skrutinju skont il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani japplikaw għal investituri barranin li jkun beħsiebhom jagħmlu investimenti fl-industrija tat-trasport bil-ferrovija fil-Ġappun.

2. L-iskrutinju jitwettaq mill-perspettiva ta' jekk l-investiment ikunx probabbli li jikkawża sitwazzjoni li fiha tiddgħajjef is-sigurtà nazzjonali, tiġi mfixkla ż-żamma tal-ordni pubbliku, jew tiġi mxekkla l-protezzjoni tas-sigurtà pubblika.

3. L-investitur jista' jkun meħtieġ jibdel il-kontenut tal-investiment jew iwaqqaf il-proċess tal-investiment, skont ir-riżultat tal-iskrutinju.

4. Il-manifattura ta' vetturi jew partijiet u komponenti għall-industrija tat-trasport bil-ferrovija mhijiex inkluża fl-industrija tat-trasport bil-ferrovija. Għalhekk, ir-rekwiżit ta' notifika minn qabel u l-proċeduri ta' skrutinju skont il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani ma japplikawx għall-investimenti fil-manifattura ta' dawn il-prodotti.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 44 | Settur: | Trasport | |
| | Sottosettur: | Trasport Stradali ta' Passiġġieri | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 4311 | Operaturi komuni ta' omnibus |
| | Obbligi Kkonċernati: | Trattament nazzjonali (l-Artikolu 8.8) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani (il-Liġi Nru 228 tal-1949), l-Artikolu 27[1]<br><br>L-Ordni tal-Kabinett dwar l-Investiment Dirett Barrani (l-Ordni tal-Kabinett Nru 261 tal-1980), l-Artikolu 3 | |

[1] Għal aktar ċertezza, għall-finijiet ta' din ir-riżerva, id-definizzjoni ta' "investiment dirett eżoġenu" mogħtija fl-Artikolu 26 tal-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani tapplika fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' din ir-riżerva.

Deskrizzjoni: Liberalizzazzjoni tal-investiment

1. Ir-rekwiżit ta' notifika minn qabel u l-proċeduri ta' skrutinju skont il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani japplikaw għal investituri barranin li jkun beħsiebhom jagħmlu investimenti fl-industrija tal-omnibus fil-Ġappun.

2. L-iskrutinju jitwettaq mill-perspettiva ta' jekk l-investiment ikunx probabbli li jikkawża sitwazzjoni li fiha tiddgħajjef is-sigurtà nazzjonali, tiġi mfixkla ż-żamma tal-ordni pubbliku, jew tiġi mxekkla l-protezzjoni tas-sigurtà pubblika.

3. L-investitur jista' jkun meħtieġ jibdel il-kontenut tal-investiment jew iwaqqaf il-proċess tal-investiment, skont ir-riżultat tal-iskrutinju.

4. Il-manifattura ta' vetturi jew partijiet u komponenti għall-industrija tal-omnibus mhijiex inkluża fl-industrija tal-omnibus. Għalhekk, ir-rekwiżit ta' notifika minn qabel u l-proċeduri ta' skrutinju skont il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani ma japplikawx għall-investimenti fil-manifattura ta' dawn il-prodotti.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 45 | Settur: | Trasport | |
| | Sottosettur: | Trasport bit-Triq | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 431 | Operaturi komuni ta' omnibus |
| | | JSIC 432 | Operaturi komuni ta' taxi |
| | | JSIC 433 | Operaturi ta' omnibus b'kuntratt |
| | | JSIC 4391 | Trasport ta' passiġġieri bil-mutur (b'mod partikolari b'kuntratt) |
| | | JSIC 441 | Trasport komuni bit-trakkijiet |
| | | JSIC 442 | Trasport bit-trakkijiet (b'mod partikolari b'kuntratt) |
| | | JSIC 443 | Trasport ta' merkanzija b'vetturi ta' daqs żgħir |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar it-Trasport bit-Triq (il-Liġi Nru 183 tal-1951), il-Kapitolu 2 | |
| | | Il-Liġi ta' Miżuri Speċjali dwar il-ġestjoni u r-rivitalizzazzjoni xierqa tan-negozju tat-taxis f'reġjuni speċifikati u sottospeċifikati (il-Liġi Nru 64 tal-2009), il-Kapitoli 2 u 7 (minn hawn 'il quddiem f'din ir-riżerva msejħa "il-Liġi") | |
| | | Il-Liġi dwar in-Negozju tat-Trasport bit-Trakkijiet (il-Liġi Nru 83 tal-1989), il-Kapitolu 2 | |

Deskrizzjoni: Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi

1. Persuna li jkun beħsiebha twettaq negozju ta' trasport tal-passiġġieri bit-triq jew negozju ta' trasport tal-merkanzija bit-triq hija meħtieġa li tistabbilixxi post tan-negozju fil-Ġappun, u li tikseb il-permess ta', jew li tissottometti notifika lill-Ministru tal-Art, l-Infrastruttura, it-Trasport u t-Turiżmu.

2. Fir-rigward tan-negozju tal-operaturi komuni tat-taxis, il-Ministru tal-Art, l-Infrastruttura, it-Trasport u t-Turiżmu jista' ma jagħtix permess lil persuna li jkun beħsiebha twettaq in-negozji, jew jista' ma japprovax modifika tal-pjan tan-negozju ta' dawk in-negozji fir-"reġjuni speċifikati" u fir-"reġjuni semispeċifikati” indikati mill-Ministru tal-Art, l-Infrastruttura, it-Trasport u t-Turiżmu. Dak il-permess jista' jingħata, jew dik il-modifika tal-pjan tan-negozju tista' tiġi approvata fir-rigward ta' "reġjuni semispeċifikati" meta l-istandards stabbiliti fil-Liġi jiġu ssodisfati, inklużi dawk li l-kapaċità tan-negozji tal-operaturi komuni tat-taxis f'dak ir-reġjun ma taqbiżx il-volumi tad-domanda tat-traffiku. Dik l-indikazzjoni ssir meta l-kapaċità tan-negozji tat-trasport komuni bit-taxis f'dak ir-reġjun taqbeż jew tkun probabbli li taqbeż il-volumi tad-domanda tat-traffiku sal-punt li jsir diffiċli li tiġi assigurata s-sigurtà tat-trasport u benefiċċji tal-passiġġieri.

3. Fir-rigward tan-negozju tat-trasport komuni bit-trakkijiet jew in-negozju tat-trasport bit-trakkijiet (b'mod partikolari b'kuntratt), il-Ministru tal-Art, l-Infrastruttura, it-Trasport u t-Turiżmu jista' ma jagħtix permess lil persuna li jkun beħsiebha twettaq in-negozji, jew jista' ma japprovax modifika tal-pjan tan-negozju ta' dawk in-negozji, fiż-"żona ta' aġġustament tal-provvista/domanda ta' emerġenza" indikata mill-Ministru tal-Art, l-Infrastruttura, it-Trasport u t-Turiżmu. Dik l-indikazzjoni ssir meta l-kapaċità tan-negozji tat-trasport komuni bit-trakkijiet jew in-negozji tat-trasport bit-trakkijiet (b'mod partikolari b'kuntratt) f'dik iż-żona jkun qabeż b'mod sinifikanti l-volum tad-domanda tat-trasport sal-punt li l-operat ta' dawk in-negozji jsir diffiċli.

| | | |
|---|---|---|
| 46 | Settur: | Trasport |
| | Sottosettur: | Servizzi Inċidentali għat-Trasport |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 4852 Faċilitajiet fissi għat-trasport bit-triq |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15) |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar it-Trasport bit-Triq (il-Liġi Nru 183 tal-1951), il-Kapitolu 4 |
| | Deskrizzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi<br><br>Persuna li jkun beħsiebha twettaq negozji tal-awtostrada trid tikseb liċenzja mill-Ministru tal-Art, l-Infrastruttura, it-Trasport u t-Turiżmu. Il-ħruġ ta' liċenzja huwa suġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, bħal jekk l-awtostrada proposta tkunx xierqa fl-iskala meta mqabbla mal-volum u n-natura tad-domanda tat-traffiku fiż-żona proposta. |

| | | |
|---|---|---|
| 47 | Settur: | Trasport |
| | Sottosettur: | Servizzi Inċidentali għat-Trasport |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15)<br>Trattament nazzjonali (l-Artikolu 8.16) |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Pilotaġġ (il-Liġi Nru 121 tal-1949), il-Kapitoli 2 sa 4 |
| | Deskrizzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi<br>1. Ċittadin Ġappuniż biss jista' jsir pilota fil-Ġappun.<br>2. Il-piloti li jidderieġu vapuri fl-istess distrett ta' pilotaġġ huma meħtieġa li jistabbilixxu assoċjazzjoni tal-pilotaġġ għad-distrett tal-pilotaġġ. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 48 | Settur: | Trasport | |
| | Sottosettur: | Trasport bl-Ilma | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 451 | Trasport għat-tbaħħir fl-oċeani |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikolu 8.15)<br><br>Trattament nazzjonali (l-Artikolu 8.16)<br><br>Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (l-Artikolu 8.17) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi Dwar Miżuri Speċjali kontra t-Trattament Sfavorevoli lil Operaturi Ġappuniżi ta' Vapuri li Jbaħħru fl-Oċeani minn Gvern Barrani (il-Liġi Nru 60 tal-1977) | |
| | Deskrizzjoni: | <u>Kummerċ transfruntiera fis-servizzi</u><br><br>L-operaturi ta' vapuri li jbaħħru fl-oċeani ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jistgħu jkunu ristretti jew ipprojbiti milli jidħlu f'portijiet Ġappuniżi jew milli jgħabbu u jħottu merkanzija fil-Ġappun f'każijiet fejn l-operaturi Ġappuniżi ta' vapuri li jbaħħru fl-oċeani jiġu preġudikati mill-Istat Membru tal-UE. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 49 | Settur: | Trasport | |
| | Sottosettur: | Trasport bl-Ilma | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 4542 | Kiri ta' vapuri li jbaħħru mal-kosta |
| | Obbligi Kkonċernati: | Trattament nazzjonali (l-Artikolu 8.8) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani (il-Liġi Nru 228 tal-1949), l-Artikolu 27[1]<br><br>L-Ordni tal-Kabinett dwar l-Investiment Dirett Barrani (l-Ordni tal-Kabinett Nru 261 tal-1980), l-Artikolu 3 | |

[1] Għal aktar ċertezza, għall-finijiet ta' din ir-riżerva, id-definizzjoni ta' "investiment dirett eżoġenu" mogħtija fl-Artikolu 26 tal-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani tapplika fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' din ir-riżerva.

Deskrizzjoni: Liberalizzazzjoni tal-investiment

1. Ir-rekwiżit ta' notifika minn qabel u l-proċeduri ta' skrutinju skont il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani japplikaw għal investituri barranin li jkun beħsiebhom jagħmlu investimenti fl-industrija tat-trasport bl-ilma fil-Ġappun.

2. L-iskrutinju jitwettaq mill-perspettiva ta' jekk l-investiment ikunx probabbli li jikkaġuna sitwazzjoni li fiha jiġi kkawżat effett avvers sinifikanti għall-operat mingħajr problemi tal-ekonomija Ġappuniża[1].

3. L-investitur jista' jkun meħtieġ jibdel il-kontenut tal-investiment jew iwaqqaf il-proċess tal-investiment, skont ir-riżultat tal-iskrutinju.

4. Għall-finijiet ta' din ir-riżerva, "industrija tat-trasport bl-ilma" tirreferi għall-industrija tal-kiri ta' vapuri li jbaħħru mal-kosta.

---

[1] Għal aktar ċertezza, l-assenza ta' referenza f'din id-deskrizzjoni għas-"sigurtà nazzjonali", li hija msemmija fin-Nri 11, 13, 15, 37, 43, 44, 52 u 54 fl-Iskeda tal-Ġappun f'dan l-Anness, ma tfissirx li l-Artikolu 1.5 ma japplikax għall-iskrutinju jew li l-Ġappun jirrinunzja d-dritt tiegħu li jinvoka l-Artikolu 1.5 biex jiġġustifika l-iskrutinju.

| | | |
|---|---|---|
| 50 | Settur: | Trasport |
| | Sottosettur: | Trasport bl-Ilma |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15)<br>Trattament nazzjonali (l-Artikoli 8.8 u 8.16)<br>Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (l-Artikoli 8.9 u 8.17) |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Vapuri (il-Liġi Nru 46 tal-1899), l-Artikolu 3 |
| | Deskrizzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi<br>Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun, jew fi ftehimiet internazzjonali li l-Ġappun huwa parti fihom, vapuri li ma jtajrux il-bandiera Ġappuniża huma pprojbiti milli jidħlu fil-portijiet tal-Ġappun li mhumiex miftuħa għall-kummerċ barrani. |

| | | |
|---|---|---|
| 51 | Settur: | Test tal-Ħiliet Vokazzjonali |
| | Sottosettur: | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15) |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Promozzjoni tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani (il-Liġi Nru 64 tal-1969), il-Kapitolu 5 |
| | Deskrizzjoni: | Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi<br><br>Xi wħud minn tip speċifiku ta' organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ (l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, il-federazzjonijiet tagħhom, l-assoċjazzjonijiet inkorporati ġenerali, il-fondazzjonijiet inkorporati ġenerali, it-trejdjunjins inkorporati jew organizzazzjonijiet mhux bi skop ta' qligħ inkorporati varji) jistgħu jipprovdu s-servizz. Dawk l-organizzazzjonijiet li jkun beħsiebhom iwettqu t-test tal-ħiliet vokazzjonali għall-ħaddiema huma meħtieġa li jistabbilixxu uffiċċju fil-Ġappun u li jkunu maħtura mill-Ministru tas-Saħħa, ix-Xogħol u l-Benesseri. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 52 | Settur: | Provvista tal-Ilma u Xogħlijiet tal-Ilma | |
| | Sottosettur: | | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 3611 | Ilma għall-utenti finali, ħlief utenti industrijali |
| | Obbligi Kkonċernati: | Trattament nazzjonali (l-Artikolu 8.8) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani (il-Liġi Nru 228 tal-1949), l-Artikolu 27[1]<br><br>L-Ordni tal-Kabinett dwar l-Investiment Dirett Barrani (l-Ordni tal-Kabinett Nru 261 tal-1980), l-Artikolu 3 | |

1 Għal aktar ċertezza, għall-finijiet ta' din ir-riżerva, id-definizzjoni ta' "investiment dirett eżoġenu" mogħtija fl-Artikolu 26 tal-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani tapplika fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' din ir-riżerva.

Deskrizzjoni: <u>Liberalizzazzjoni tal-investiment</u>

1. Ir-rekwiżit ta' notifika minn qabel u l-proċeduri ta' skrutinju skont il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani japplikaw għal investituri barranin li jkun beħsiebhom jagħmlu investimenti fl-industrija tal-provvista tal-ilma u tax-xogħlijiet tal-ilma fil-Ġappun.

2. L-iskrutinju jitwettaq mill-perspettiva ta' jekk l-investiment ikunx probabbli li jikkawża sitwazzjoni li fiha tiddgħajjef is-sigurtà nazzjonali, tiġi mfixkla ż-żamma tal-ordni pubbliku, jew tiġi mxekkla l-protezzjoni tas-sigurtà pubblika.

3. L-investitur jista' jkun meħtieġ jibdel il-kontenut tal-investiment jew iwaqqaf il-proċess tal-investiment, skont ir-riżultat tal-iskrutinju.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 53 | Settur: | Kummerċ bl-Ingrossa u bl-Imnut | |
| | Sottosettur: | Bhejjem | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija: | JSIC 5219 | Prodotti agrikoli, tal-bhejjem u akkwatiċi varji |
| | Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikolu 8.15) | |
| | Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| | Miżuri: | Il-Liġi dwar in-Negozjanti tal-Bhejjem (il-Liġi Nru 208 tal-1949), l-Artikolu 3 | |
| | Deskrizzjoni: | Kummerċ transfruntiera fis-servizzi<br><br>Persuna li jkun beħsiebha twettaq negozju ta' kummerċ tal-bhejjem hija meħtieġa li tkun residenti fil-Ġappun u li tikseb liċenzja mill-Gvernatur tal-Prefettura li jkollu l-ġurisdizzjoni fuq il-post tar-residenza. Għal aktar ċertezza, "kummerċ tal-bhejjem" ifisser il-kummerċ jew skambju ta' bhejjem, jew l-uffiċċji tajbin għal dak il-kummerċ jew skambju. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 54 | Settur: | Industrija Ajruspazjali | |
| | Sottosettur: | Industrija tal-Manifattura u t-Tiswija ta' Inġenji tal-Ajru | |
| | Klassifikazzjoni tal-Industrija[1]: | JSIC 16* | Manifattura ta' prodotti kimiċi u prodotti alleati |
| | | JSIC 18* | Manifattura ta' prodotti tal-plastik, ħlief jekk ikklassifikati mod ieħor |
| | | JSIC 19* | Manifattura ta' prodotti tal-lasktu |
| | | JSIC 21* | Manifattura ta' prodotti taċ-ċeramika, tal-ġebel u tat-tafal |
| | | JSIC 23* | Manifattura ta' metalli u prodotti mhux ferrużi |
| | | JSIC 24* | Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikati |
| | | JSIC 25* | Manifattura ta' makkinarju għal għanijiet ġenerali |
| | | JSIC 27* | Manifattura ta' makkinarju orjentat lejn in-negozju |
| | | JSIC 28* | Partijiet elettroniċi, apparat u ċirkwiti elettroniċi |
| | | JSIC 29* | Manifattura ta' makkinarju, tagħmir u provvisti elettriċi |
| | | JSIC 30* | Manifattura ta' tagħmir elettroniku tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni |

[1] Asterisk (*) fuq in-numri tal-JSIC jindika li l-attivitajiet koperti b'din ir-riżerva taħt it-tali numri huma limitati għal dawk relatati mal-industrija ajruspazjali.

| | | |
|---|---|---|
| | JSIC 31* | Manifattura ta' tagħmir tat-trasport |
| | JSIC 39* | Servizzi ta' informazzjoni |
| | JSIC 90* | Servizzi tat-tiswija ta' magni, eċċ., ħlief jekk ikklassifikati mod ieħor |
| Obbligi Kkonċernati: | Aċċess għas-suq (l-Artikoli 8.7 u 8.15)<br>Trattament nazzjonali (l-Artikoli 8.8 u 8.16)<br>Projbizzjoni ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni (Artikolu 8.11) | |
| Livell ta' Gvern: | Il-Gvern Ċentrali | |
| Miżuri: | Il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani (il-Liġi Nru 228 tal-1949), l-Artikoli 27 u 30[1]<br>L-Ordni tal-Kabinett dwar l-Investiment Dirett Barrani (l-Ordni tal-Kabinett Nru 261 tal-1980), l-Artikoli 3 u 5<br>Il-Liġi dwar l-Industrija tal-Manifattura tal-Inġenji tal-Ajru (il-Liġi Nru 237 tal-1952), l-Artikoli 2 sa 5 | |

1 Għal aktar ċertezza, għall-finijiet ta' din ir-riżerva, id-definizzjoni ta' "investiment dirett eżoġenu" mogħtija fl-Artikolu 26 tal-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani tapplika fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' din ir-riżerva.

Deskrizzjoni: Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntiera fis-servizzi

1. Ir-rekwiżit ta' notifika minn qabel u l-proċeduri ta' skrutinju skont il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani japplikaw għal investituri barranin li jkun beħsiebhom jagħmlu investimenti fl-industrija tal-inġenji tal-ajru fil-Ġappun.

2. L-iskrutinju jitwettaq mill-perspettiva ta' jekk l-investiment ikunx probabbli li jikkawża sitwazzjoni li fiha tiddgħajjef is-sigurtà nazzjonali, tiġi mfixkla ż-żamma tal-ordni pubbliku, jew tiġi mxekkla l-protezzjoni tas-sigurtà pubblika.

3. L-investituri jistgħu jkunu meħtieġa jibdlu l-kontenut tal-investiment jew iwaqqfu l-proċess tal-investiment, skont ir-riżultat tal-iskrutinju.

4. Kuntratt għall-introduzzjoni ta' teknoloġija bejn resident u nonresident relatat mal-industrija tal-inġenji tal-ajru huwa soġġett għar-rekwiżit ta' notifika minn qabel u l-proċeduri ta' skrutinju skont il-Liġi dwar il-Kambju u l-Kummerċ Barrani.

5. L-iskrutinju jitwettaq mill-perspettiva ta' jekk il-konklużjoni tal-kuntratt għall-introduzzjoni ta' teknoloġija tkunx probabbli li tikkawża sitwazzjoni li fiha tiddgħajjef is-sigurtà nazzjonali, tiġi mfixkla ż-żamma tal-ordni pubbliku, jew tiġi mxekkla l-protezzjoni tas-sigurtà pubblika.

6. Ir-resident jista' jkun meħtieġ jibdel il-proviżjonijiet tal-kuntratt għall-introduzzjoni tat-teknoloġija jew iwaqqaf il-konklużjoni ta' dak il-kuntratt, skont ir-riżultat tal-iskrutinju.

7. L-għadd ta' liċenzji mogħtija lill-manifatturi u l-fornituri ta' servizzi f'dawk is-setturi jista' jkun limitat.

8. Intrapriża li jkun beħsiebha tipproduċi inġenji tal-ajru u tipprovdi servizzi ta' tiswija hija meħtieġa li tistabbilixxi fabbrika relatata mal-manifattura jew it-tiswija tal-inġenji tal-ajru skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Ġappun.

________________